ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

L 334

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 51

12 ta' Diċembru 2008

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI


Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1230/2008 tal-11 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix .................. 1

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1231/2008 tal-11 ta' Diċembru 2008 li jiffissa l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95 .................. 3

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1232/2008 tal-11 ta' Diċembru 2008 li ma jalloka l-ebda rifużjoni ta' l-esportazzjoni għall-butir fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta bir-Regolament (KE) Nru 619/2008 .................. 5

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1233/2008 tal-11 ta' Diċembru 2008 li ma jagħti l-ebda rifużjoni għat-trab tal-ħalib xkumat fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta bir-Regolament (KE) Nru 619/2008 .................. 6

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1234/2008 ta' l-24 ta' Novembru 2008 li jikkonċerna l-eżami ta' varjazzjonijiet fit-termini tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u tal-prodotti mediċinali veterinarji** ([1]) .................. 7

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 tat-8 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi** .................. 25

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1236/2008 tal-11 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1613/2000 li jidderoga mir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 fir-rigward tad-definizzjoni tal-kunċett ta' prodotti li joriġinaw użat għall-iskopijiet tal-iskema ta' preferenzi ġeneralizzati sabiex jieħdu in konsiderazzjoni l-qagħda speċjali fil-Laos fir-rigward ta' xi oġġetti tat-tessuti esportati lejn il-Komunità** .................. 53


([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

**Prezz: 18 EUR**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1237/2008 tal-11 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1043/2005 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 f'dak li jirrigwarda s-sistema ta' rifużjonijiet għall-esportazzjoni fuq xi prodotti agrikoli esportati fil-forma ta' prodotti li ma jaqgħux taħt l-Anness I tat-Trattat, u l-kriterji biex jiġu ffissati l-ammonti ta' dawn ir-rifużjonijiet** ........ 55

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1238/2008 ta' l-10 ta' Diċembru 2008 li jipprojbixxi s-sajd għal-lipp tal-qawwi fl-ilmijiet tal-Komunità u dawk li mhumiex taħt is-sovranità jew il-ġuriżdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' V, VI u VII min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja** 56

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1239/2008 ta' l-10 ta' Diċembru 2008 li jerġa' jiftaħ is-sajd għall-merluzz fil-Kattegat min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Iżvezja** ........ 58

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1240/2008 ta' l-10 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 560/2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi kontra ċerti persuni u entitajiet b'kunsiderazzjoni għas-sitwazzjoni fil-Kosta tal-Avorju** ........ 60

---

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Kummissjoni**

2008/936/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-20 ta' Mejju 2008 li tikkonċerna l-għajnuna mogħtija minn Franza lill-Fond għall-prevenzjoni tar-riskji tas-sajd u lill-impriżi tas-sajd (Għajnuna mill-Istat C 9/06)** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 5636)* (1) ........ 62

2008/937/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Diċembru 2008 dwar l-aċidu sulforiku li ma ġiex inkluż fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom din is-sustanza** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 7612)* (1) 88

2008/938/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2008 dwar il-lista ta' pajjiżi benefiċjarji li jikkwalifikaw għall-arranġament ta' inċentiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u governanza tajba, stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 li japplika skema ta' preferenzi ta' tariffi ġeneralizzati għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2011** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 8028)* ........ 90

---

**Nota lill-qarrej** (Ara paġna 3 tal-qoxra)

MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

**NOTA LILL-QARREJ**

L-istituzzjonijiet iddeċidew li ma jikkwotawx aktar fit-testi tagħhom l-aħħar emenda ta' l-atti kkwotati.

Sakemm mhux indikat mod ieħor, l-atti mmsemija fit-testi ppubblikati hawn jirreferu għall-atti li bħalissa huma fis-seħħ.

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1230/2008

## tal-11 ta' Diċembru 2008

## li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-12 ta' Diċembru 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 81,5 |
| | TR | 71,9 |
| | ZZ | 76,7 |
| 0707 00 05 | JO | 167,2 |
| | MA | 51,4 |
| | TR | 85,6 |
| | ZZ | 101,4 |
| 0709 90 70 | MA | 105,7 |
| | TR | 133,9 |
| | ZZ | 119,8 |
| 0805 10 20 | AR | 18,1 |
| | BR | 56,0 |
| | CL | 50,9 |
| | EG | 30,5 |
| | MA | 91,7 |
| | TR | 68,8 |
| | ZA | 51,8 |
| | ZW | 43,9 |
| | ZZ | 51,5 |
| 0805 20 10 | MA | 68,8 |
| | TR | 73,0 |
| | ZZ | 70,9 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | CN | 54,6 |
| | HR | 54,2 |
| | IL | 70,8 |
| | TR | 55,8 |
| | ZZ | 58,9 |
| 0805 50 10 | MA | 78,3 |
| | TR | 66,6 |
| | ZZ | 72,5 |
| 0808 10 80 | CA | 89,2 |
| | CL | 43,7 |
| | CN | 77,8 |
| | MK | 35,3 |
| | US | 117,4 |
| | ZA | 123,2 |
| | ZZ | 81,1 |
| 0808 20 50 | CN | 49,6 |
| | TR | 97,0 |
| | US | 131,4 |
| | ZZ | 92,7 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1231/2008

## tal-11 ta' Diċembru 2008

## li jiffissa l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS [dwar l-OKS Unika]) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 143 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2783/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 fuq is-sistema komuni għall-kummerċ fl-ovalbumin u l-lactalbumin, u partikolarment l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 ([2]) stipula r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tas-sistema tad-dazji addizzjonali fuq l-importazzjoni u stipula l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd.

(2) Minn kontrolli regolari ta' l-informazzjoni li tipprovdi l-bażi għad-determinazzjoni tal-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodotti tas-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd kif ukoll għall-albumina tal-bajd, jirriżulta li l-prezzijiet rappreżentattivi għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti għandhom ikunu emendati biex jitqiesu l-varjazzjonijiet fil-prezzijiet skond l-oriġini. Jeħtieġ għalhekk li jiġu ppublikati prezzijiet rappreżentattivi.

(3) Fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-suq, jeħtieġ li din l-emenda tiġi applikata malajr kemm jista' jkun.

(4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1484/95 għandu jinbidel bl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 145, 29.6.1995, p. 47.

*ANNESS*

**għar-Regolament tal-Kummissjoni tal-11 ta’ Diċembru 2008 li jiffissa l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95**

*“ANNESS I*

| Kodiċi NM | Deżinjazzjoni tal-merkanzija | Prezz rappreżentattiv (f'EUR/100 kg) | Garanzija msemmija fl-Artikolu 3(3) (f'EUR/100 kg) | Oriġini (1) |
|---|---|---|---|---|
| 0207 12 10 | Karkassi tat-tiġieġ preżentazzjoni 70 %, iffriżati | 150,4 | 0 | AR |
| 0207 12 90 | Karkassi tat-tiġieġ preżentazzjoni 65 %, iffriżati | 155,8 | 0 | BR |
| | | 145,9 | 0 | AR |
| 0207 14 10 | Qatgħat dissussati ta’ sreidak jew ta’ tiġieġ, iffriżati | 234,1 | 20 | BR |
| | | 279,5 | 6 | AR |
| | | 298,3 | 1 | CL |
| 0207 14 50 | Sdieri tat-tiġieġ, iffriżati | 200,6 | 3 | BR |
| 0207 14 60 | Koxox tat-tiġieġ, iffriżati | 123,1 | 6 | BR |
| 0207 25 10 | Karkassi tad-dundjani preżentazzjoni 80 %, iffriżati | 202,9 | 0 | BR |
| 0207 27 10 | Qatgħat dissussati tad-dundjani, iffriżati | 307,8 | 0 | BR |
| | | 327,4 | 0 | CL |
| 0408 11 80 | Isfra tal-bajd | 452,7 | 0 | AR |
| 0408 91 80 | Bajd imnixxef bla qoxra | 436,2 | 0 | AR |
| 1602 32 11 | Preparazzjonijiet nejjin ta’ sriedak u tiġieġ | 220,4 | 20 | BR |
| 3502 11 90 | Albumini mnixxfa tal-bajd | 604,0 | 0 | AR |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi ‘ZZ’ jirrappreżenta ‘oriġini oħra’.”

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1232/2008**

**tal-11 ta' Diċembru 2008**

**li ma jalloka l-ebda rifużjoni ta' l-esportazzjoni għall-butir fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta bir-Regolament (KE) Nru 619/2008**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u partikolarment l-Artikolu 164(2) tiegħu flimkien ma' l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir- Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 619/2008 tas-27 ta' Ġunju 2008 li jiftaħ sejħa permanenti għall-offerti għar-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni għal ċerti prodotti tal-ħalib ([2]) jipprovdi proċedura għal sejħa permanenti għall-offerti.

(2) Skond l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1454/2007 ta' l-10 ta' Diċembru 2007 li jistipula regoli komuni biex tkun stabbilita proċedura ta' offerta għall-iffissar ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għal ċerti prodotti agrikoli ([3]) u wara stħarriġ ta' l-offerti mressqa b'risposta għas-sejħa għall-offerti, jeħtieġ li ma tingħata l-ebda rifużjoni ta' l-esportazzjoni għall-perjodu tat-tressiq ta' l-offerti li jintemm fid-9 ta' Diċembru 2008.

(3) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma tax opinjoni tiegħu fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

*Artikolu 1*

Fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 619/2008 għall-perjodu ta' sottomissjoni li jintemm fil-9 ta' Diċembru 2008, l-ebda rifużjoni tal-esportazzjoni mhi allokata għall-prodotti u għad-destinazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1, punti (a) u (b), u fl-Artikolu 2 tar-Regolament imsemmi.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 168, 28.6.2008, p. 20.
([3]) ĠU L 325, 11.12.2007, p. 69.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1233/2008

## tal-11 ta' Diċembru 2008

## li ma jagħti l-ebda rifużjoni għat-trab tal-ħalib xkumat fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta bir-Regolament (KE) Nru 619/2008

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u partikolarment l-Artikolu 164(2) tiegħu flimkien ma' l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 619/2008 tas-27 ta' Ġunju 2008 li jiftaħ sejħa permanenti għall-offerti dwar ir-rifużjoni ta' l-esportazzjoni għal ċerti prodotti tal-ħalib [2] jipprovdi stedina permanenti għall-offerti.

(2) Skond l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1454/2007 ta' l-10 ta' Diċembru 2007 li jistipula regoli komuni biex tkun stabbilita proċedura ta' offerta għall-iffissar ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għal ċerti prodotti agrikoli [3] u wara stħarriġ ta' l-offerti mressqa b'risposta għas-sejħa għall-offerti, jeħtieġ li ma tingħata l-ebda rifużjoni għall-perjodu tat-tressiq ta' l-offerti li jintemm fid-9 ta' Diċembru 2008.

(3) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma tax opinjoni tiegħu fil-limitu tażżmien stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fil-kuntest tas-sejħa permanenti għall-offerti stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 619/2008 għall-perjodu ta' tressiq li jintemm fid-9 ta' Diċembru 2008, ma ngħatat l-ebda rifużjoni għall-prodott u għad-destinazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1(c) u fl-Artikolu 2 tar-Regolament imsemmi.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit 12 ta' Diċembru 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 168, 28.6.2008, p. 20.
[3] ĠU L 325, 11.12.2007, p. 69.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1234/2008

## ta' l-24 ta' Novembru 2008

## li jikkonċerna l-eżami ta' varjazzjonijiet fit-termini tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u tal-prodotti mediċinali veterinarji

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2001/82/KE tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 39(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2001/83/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 35(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 16(4) u l-Artikolu 41(6) tiegħu,

Billi:

(1) Il-qafas legali Komunitarju rigward varjazzjonijiet fit-termini tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ġie stabbilit fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1084/2003 tat-3 ta' Ġunju 2003 li jikkonċerna l-eżami tal-varjazzjonijiet tat-termini tal-awtorizzazzjoni tal-marketing għal prodotti mediċinali għall-użu uman u prodotti mediċinali veterinarji mogħtija mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru [4] u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1085/2003 tat-3 ta' Ġunju 2003 rigward l-eżaminazzjoni tal-varjazzjonijiet għat-termini għal awtorizzazzjoni tal-marketing għal prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem u għal prodotti mediċinali veterinarji li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2309/93 [5]. Fid-dawl tal-esperjenza prattika fl-applikazzjoni ta' dawn iż-żewġ Regolamenti, huwa xieraq li jiġu eżaminati sabiex ikun stabbilit qafas legali aktar sempliċi, aktar ċar u aktar flessibbli, filwaqt li jkun iggarantit l-istess livell ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika u ta' saħħet l-annimali.

(2) Il-proċeduri stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 1084/2003 u (KE) Nru 1085/2003 għalhekk għandhom jiġu aġġustati, mingħajr ma jkun hemm devjazzjoni mill-prinċipji ġenerali li fuqhom huma bbażati dawk il-proċeduri. Għal raġunijiet ta' proporzjonalità, il-prodotti mediċinali omeopatiċi u veġetali tradizzjonali li ma ngħatawx awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq imma huma suġġetti għal proċedura ssimplifikata ta' reġistrazzjoni għandhom jibqgħu esklużi mill-ambitu tar-Regolament.

(3) Il-varjazzjonijiet fil-prodotti mediċinali jistgħu jiġu kklassifikati f'kategoriji differenti, jiddependi mil-livell ta' riskju għas-saħħa pubblika jew għal saħħet l-annimali u mill-impatt fuq il-kwalità, is-sikurezza u l-effikaċja tal-prodott mediċinali kkonċernat. Għalhekk, għandhom ikunu stabbiliti d-definizzjonijiet għal kull wieħed minn dawn il-kategoriji. Sabiex ikun hemm aktar prevedibbiltà, il-linji ta' gwida dwar id-dettalji tal-kategoriji differenti tal-varjazzjonijiet għandhom ikunu stabbiliti u għandhom jiġu regolarment aġġornati fid-dawl tal-progress xjentifiku u tekniku, fejn jitqiesu partikolarment l-iżviluppi rigward l-armonizzazzjoni internazzjonali. L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (minn hawn 'il quddiem: l-"Aġenzija") u l-Istati Membri għalhekk għandhom ukoll jingħataw is-setgħa li jagħmlu rakkomandazzjonijiet dwar il-klassifikazzjoni ta' varjazzjonijiet mhux previsti.

(4) Għandu jkun iċċarat li ċerti bidliet li għandhom l-akbar impatt potenzjali fuq il-kwalità, is-sikurezza jew l-effikaċja tal-prodotti mediċinali jeħtieġu valutazzjoni xjentifika kompluta, bl-istess mod kif isir għall-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet il-ġodda għall-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq.

(5) Sabiex jitnaqqas aktar in-numru globali tal-proċeduri tal-varjazzjonijiet u sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jiffukaw fuq dawk il-varjazzjonijiet li jkollhom impatt ġenwin fuq il-kwalità, is-sikurezza jew l-effikaċja, għal ċerti varjazzjonijiet minuri għandha tkun introdotta sistema ta' rappurtaġġ annwali. Tali varjazzjonijiet m'għandhom jeħtieġu l-ebda approvazzjoni minn qabel u għandhom ikunu nnotifikati fi żmien 12-il xahar wara l-implimentazzjoni. Madankollu, tipi oħrajn ta' varjazzjonijiet minuri li r-rappurtaġġ immedjat tagħhom huwa meħtieġ għas-superviżjoni kontinwa tal-prodott mediċinali kkonċernat m'għandhomx ikunu suġġetti għas-sistema ta' rappurtaġġ annwali.

[1] ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1.
[2] ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67.
[3] ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1.
[4] ĠU L 159, 27.6.2003, p. 1.
[5] ĠU L 159, 27.6.2003, p. 24.

(6) Kull varjazzjoni għandha teħtieġ sottomissjoni separata. Madankollu, l-iggruppar tal-varjazzjonijiet, f'ċerti każi, għandu jiġi permess sabiex ikun iffaċilitat l-eżami tal-varjazzjonijiet u jitnaqqas il-piż amministrattiv. L-iggruppar tal-varjazzjonijiet fit-termini ta' diversi awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq mill-istess detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għandu jkun permess biss sakemm l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq kollha kkonċernati jiġu affettwati mill-istess grupp eżatt ta' varjazzjonijiet.

(7) Sabiex ikun evitat xogħol doppju fl-evalwazzjoni tal-varjazzjonijiet fit-termini ta' diversi awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq għandha tkun stabbilita proċedura ta' kondiviżjoni tax-xogħol fejn awtorità waħda, magħżula fost l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Aġenzija, għandha teżamina l-varjazzjoni f'isem l-awtoritajiet ikkonċernati l-oħra.

(8) Għandhom ikunu stabbiliti dispożizzjonijiet li jirriflettu dawk stabbiliti fid-Direttiva 2001/82/KE u fid-Direttiva 2001/83/KE rigward ir-rwol tal-gruppi ta' koordinazzjoni stabbiliti skont l-Artikolu 31 tad-Direttiva 2001/82/KE u l-Artikolu 27 tad-Direttiva 2001/83/KE, sabiex tiżdied il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u sabiex jinstab ftehim għan-nuqqas ta' qbil fl-evalwazzjoni ta' ċerti varjazzjonijiet.

(9) Dan ir-Regolament għandu jiċċara meta d-detentur ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq jitħalla jimplimenta varjazzjoni partikolari peress li tali kjarifika tkun essenzjali għall-operaturi ekonomiċi.

(10) Għandu jkun stabbilit perjodu transitorju sabiex il-partijiet interessati kollha, partikolarment l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-industrija, jingħataw żmien sabiex jadattaw irwieħhom għall-qafas legali l-ġdid.

(11) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjonijiet tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem u l-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Mediċinali Veterinarji,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLUI

## ID-DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

### Is-suġġett u l-ambitu

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-eżami tal-varjazzjonijiet fit-termini tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u tal-prodotti mediċinali veterinarji li ġejjin:

(a) awtorizzazzjonijiet mogħtija skont id-Direttiva tal-Kunsill 87/22/KEE [1], skont l-Artikoli 32 u 33 tad-Direttiva 2001/82/KE, skont l-Artikoli 28 u 29 tad-Direttiva 2001/83/KE u skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004;

(b) awtorizzazzjonijiet mogħtija wara rinviju, kif inhu pprovdut fl-Artikoli 36, 37 u 38 tad-Direttiva 2001/82/KE jew fl-Artikoli 32, 33 u 34 tad-Direttiva 2001/83/KE, li wassal għal armonizzazzjoni sħiħa.

2. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għat-trasferimenti ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq minn detentur ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq wieħed (minn hawn 'il quddiem: "detentur") lil ieħor.

3. Il-Kapitolu II għandu japplika biss għal varjazzjonijiet fit-termini tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq mogħtija skont id-Direttiva 87/22/KEE, skont il-Kapitolu 4 tad-Direttiva 2001/82/KE jew skont il-Kapitolu 4 tad-Direttiva 2001/83/KE.

4. Il-Kapitolu III għandu japplika biss għall-varjazzjonijiet fit-termini tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq mogħtija skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 (minn hawn 'il quddiem: "awtorizzazzjonijiet ċentralizzati għat-tqegħid fis-suq").

*Artikolu 2*

### Id-definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "Varjazzjoni fit-termini ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq" jew "varjazzjoni" tfisser emenda fil-kontenut tal-partikolaritajiet u tad-dokumenti li jissemmew:

(a) fl-Artikoli 12(3), 13, 13a, 13b, 13c, 13d u 14 tad-Direttiva 2001/82/KE u fl-Anness I tagħha, u fl-Artikolu 31(2) tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 fil-każ tal-prodotti mediċinali veterinarji;

(b) fl-Artikoli 8(3), 9, 10, 10a, 10b, 10c u 11 tad-Direttiva 2001/83/KE u fl-Anness I tagħha, fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 726/2004, fl-Artikolu 7(1)(a) u fl-Artikolu 34(1) tar-Regolament (KE) Nru 1901/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] u fl-Artikoli 7 u 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1394/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3] fil-każ tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem;

[1] ĠU L 15, 17.1.1987, p. 38.
[2] ĠU L 378, , 27.12.2006, p. 1.
[3] ĠU L 324, 10.12.2007, p. 121.

(2) “Varjazzjoni minuri tat-tip IA” tfisser varjazzjoni li jkollha biss impatt minimu jew l-ebda impatt fuq il-kwalità, is-sikurezza jew l-effikaċja tal-prodott mediċinali kkonċernat;

(3) “Varjazzjoni maġġuri tat-tip II” tfisser varjazzjoni li mhix estensjoni u li jista’ jkollha impatt sinifikanti fuq il-kwalità, is-sikurezza jew l-effikaċja tal-prodott mediċinali kkonċernat;

(4) “Estensjoni ta’ awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq” jew “estensjoni” tfisser varjazzjoni li ġiet elenkata fl-Anness I u li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti hemmhekk;

(5) “Varjazzjoni minuri tat-tip IB” tfisser varjazzjoni li la hija varjazzjoni minuri tat-tip IA, la hija varjazzjoni maġġuri tat-tip II u lanqas mhi estensjoni;

(6) “Stat Membru kkonċernat” tfisser Stat Membru li l-awtorità kompetenti tiegħu tat awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għall-prodott mediċinali in kwistjoni;

(7) “Awtorità rilevanti” tfisser:

(a) l-awtorità kompetenti ta’ kull Stat Membru kkonċernat;

(b) fil-każ ta’ awtorizzazzjonijiet ċentralizzati għat-tqegħid fis-suq, l-Aġenzija.

(8) “Restrizzjoni urġenti ta’ sikurezza” tfisser bidla interim fl-informazzjoni tal-prodott minħabba informazzjoni ġdida li jkollha influwenza fuq l-użu sikur tal-prodott mediċinali, li tikkonċerna b’mod partikolari wieħed jew aktar mill-punti li ġejjin fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott: l-indikazzjonijiet terapewtiċi, il-pożoloġija, il-kontra-indikazzjonijiet, it-twissijiet, l-ispeċijiet fil-mira u l-perjodi ta’ rtirar.

*Artikolu 3*

**Il-klassifikazzjoni tal-varjazzjonijiet**

1. B’relazzjoni għal kwalunkwe varjazzjoni li mhix estensjoni għandha tapplika l-klassifikazzjoni stabbilita fl-Anness II.

2. Varjazzjoni li mhijiex estensjoni u li l-klassifikazzjoni tagħha ma tkunx determinata wara l-applikazzjoni tar-regoli pprovduti f’dan ir-Regolament, filwaqt li jitqiesu l-linji ta’ gwida msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 4(1) u, fejn ikun rilevanti, kwalunkwe rakkomandazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 5, għandhom awtomatikament jitqiesu bħala varjazzjonijiet żgħar tat-Tip IB.

3. B’deroga mill-paragrafu 2, varjazzjoni li mhix estensjoni u li l-klassifikazzjoni tagħha mhix determinata wara l-applikazzjoni tar-regoli pprovduti f’dan ir-Regolament għandha titqies bħala varjazzjoni maġġuri tat-tip II fil-każi li ġejjin:

(a) fuq talba tad-detentur meta jressaq il-varjazzjoni;

(b) fejn l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta’ referenza kif imsemmi fl-Artikolu 32 tad-Direttiva 2001/82/KE u l-Artikolu 28 tad-Direttiva 2001/83/KE (minn hawn ’il quddiem ’l-Istat Membru ta’ referenza), f’konsultazzjoni mal-Istati Membri l-oħra kkonċernati jew, fil-każ ta’ awtorizzazzjoni ċentralizzata għat-tqegħid fis-suq, l-Aġenzija, wara l-valutazzjoni tal-validità ta’ notifika skont l-Artikolu 9(1) jew l-Artikolu 15(1) u meta jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet mogħtija skont l-Artikolu 5, tikkonkludi li l-varjazzjoni jista’ jkollha impatt sinifikanti fuq il-kwalità, is-sikurezza jew l-effikaċja tal-prodott mediċinali kkonċernat.

*Artikolu 4*

**Il-linji ta’ gwida**

1. Wara li tikkonsulta lill-Istati Membri, lill-Aġenzija u lill-partijiet interessati, il-Kummissjoni għandha tfassal:

(a) linji ta’ gwida dwar id-dettalji tad-diversi kategoriji ta’ varjazzjonijiet;

(b) linji ta’ gwida dwar it-tħaddim tal-proċeduri stabbiliti fil-Kapitoli II, III u IV ta’ dan ir-Regolament kif ukoll dwar id-dokumentazzjoni li għandha titressaq skont dawn il-proċeduri.

2. Il-linji ta’ gwida li jissemmew fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandhom jiġu mfassla sad-data msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 28 u għandhom jiġu aġġornati regolarment, fejn jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet mogħtija skont l-Artikolu 5 kif ukoll il-progress xjentifiku u tekniku.

*Artikolu 5*

**Ir-rakkomandazzjoni dwar varjazzjonijiet mhux previsti**

1. Qabel ma titressaq jew tiġi eżaminata varjazzjoni li l-klassifikazzjoni tagħha mhix ipprovduta f’dan ir-Regolament, detentur jew awtorità kompetenti ta’ Stat Membru jistgħu jitolbu lill-grupp ta’ koordinazzjoni li jissemma fl-Artikolu 31 tad-Direttiva 2001/82/KE jew fl-Artikolu 27 tad-Direttiva 2001/83/KE (minn hawn ’il quddiem: il-“grupp ta’ koordinazzjoni”), jew fil-każ ta’ varjazzjoni fit-termini ta’ awtorizzazzjoni ċentralizzata għat-tqegħid fis-suq, lill-Aġenzija, sabiex jipprovdi rakkomandazzjoni dwar il-klassifikazzjoni tal-varjazzjoni.

Ir-rakkomandazzjoni msemmija fl-ewwel sotto-paragrafu għandha tkun konsistenti mal-linji ta’ gwida msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 4(1). Din għandha tingħata fi żmien 45 jum wara li tiġi riċevuta t-talba u għandha tintbagħat lid-detentur, lill-Aġenzija u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha.

2. L-Aġenzija u ż-żewġ gruppi ta’ koordinazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkooperaw sabiex ikunu żguri mill-koerenza tar-rakkomandazzjonijiet mogħtija skont dak il-paragrafu u għandhom jippubblikaw dawn ir-rakkomandazzjonijiet wara li tithassar l-informazzjoni kollha ta’ natura kummerċjali kunfidenzjali.

*Artikolu 6*

**Il-varjazzjonijiet li jwasslu għar-reviżjoni tal-informazzjoni tal-prodott**

Fejn varjazzjoni twassal għal reviżjoni tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott, tat-tikkettar jew tal-fuljett tal-pakkett, din ir-reviżjoni għandha titqies bħala parti minn dik il-varjazzjoni.

*Artikolu 7*

**L-iggruppar tal-varjazzjonijiet**

1. Fejn jiġu nnotifikati jew isiru applikazzjonijiet għal diversi varjazzjonijiet, għandha titressaq notifika jew applikazzjoni separata kif inhu stabbilit fil-Kapitoli II, III u IV rigward kull varjazzjoni mfittxija.

2. Bħala deroga mill-paragrafu 1, għandu japplika dan li ġej:

(a) fejn l-istess varjazzjonijiet minuri tat-tip IA fit-termini ta’ awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq waħda jew ta’ diversi awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq li tkun proprjetà tal-istess detentur jiġu nnotifikati fl-istess ħin lill-istess awtorità rilevanti, notifika waħda kif jissemma fl-Artikoli 8 u 14 tista’ tkopri l-varjazzjonijiet kollha ta’ din ix-xorta;

(b) fejn fl-istess ħin jitressqu diversi varjazzjonijiet fit-termini tal-istess awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq, sottomissjoni waħda tista’ tkopri l-varjazzjonijiet kollha ta’ din ix-xorta sakemm il-varjazzjonijiet ikkonċernati jaqgħu f’wieħed mill-każi elenkati fl-Anness III jew, jekk ma jaqgħux f’wieħed minn dawk il-każi, sakemm l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta’ referenza f’konsultazzjoni mal-Istati Membri kkonċernati l-oħra jew, fil-każ ta’ awtorizzazzjoni ċentralizzata għat-tqegħid fis-suq, l-Aġenzija, taqbel li tissuġġetta dawn il-varjazzjonijiet għall-istess proċeduri.

Is-sottomissjoni li tissemma fil-punt (b) tal-ewwel sottoparagrafu għandha ssir permezz ta’ dan li ġej:

— notifika waħda kif jissemma fl-Artikoli 9 u 15 fejn mill-inqas waħda mill-varjazzjonijiet tkun varjazzjoni minuri tat-tip IB u l-varjazzjonijiet kollha jkunu varjazzjonijiet minuri;

— applikazzjoni waħda kif jissemma fl-Artikoli 10 u 16 fejn mill-inqas waħda mill-varjazzjonijiet tkun varjazzjoni maġġuri tat-tip II u l-ebda waħda mill-varjazzjonijiet ma tkun estensjoni;

— applikazzjoni waħda kif jissemma fl-Artikolu 19 fejn mill-inqas waħda mill-varjazzjonijiet tkun estensjoni.

KAPITOLU II

**VARJAZZJONIJIET FL-AWTORIZZAZZJONIJIET GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ MOGĦTIJA SKONT ID-DIRETTIVA 87/22/KEE, SKONT IL-KAPITOLU 4 TAD-DIRETTIVA 2001/82/KE JEW SKONT IL-KAPITOLU 4 TAD-DIRETTIVA 2001/83/KE**

*Artikolu 8*

**Il-proċedura ta’ notifika għall-varjazzjonijiet minuri tat-tip IA**

1. Fejn issir varjazzjoni minuri tat-tip IA, id-detentur għandu jressaq fl-istess ħin quddiem l-awtoritajiet rilevanti kollha notifika li tinkludi l-elementi elenkati fl-Anness IV. Din in-notifika għandha titressaq fi żmien 12-il xahar wara l-implimentazzjoni tal-varjazzjoni.

Madankollu, fil-każ ta’ varjazzjonijiet minuri li jeħtieġu notifika immedjata għas-superviżjoni kontinwa tal-prodott mediċinali kkonċernat, in-notifika għandha titressaq immedjatament wara l-implimentazzjoni tal-varjazzjoni.

2. Fi żmien 30 jum wara li tiġi riċevuta n-notifika, għandhom jittieħdu l-miżuri pprovduti fl-Artikolu 11.

*Artikolu 9*

**Il-proċedura ta' notifika għall-varjazzjonijiet minuri tat-tip IB**

1. Id-detentur għandu jressaq fl-istess ħin quddiem l-awtoritajiet rilevanti kollha notifika li tinkludi l-elementi kollha elenkati fl-Anness IV.

Jekk in-notifika tissodisfa r-rekwiżit stabbilit fl-ewwel sottoparagrafu, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' referenza għandha, wara li tikkonsulta l-Istati Membri kkonċernati, tirrikonoxxi li rċeviet notifika valida.

2. Jekk fi żmien 30 jum wara r-rikonoxximent li rċeviet notifika valida, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' referenza ma tkunx bagħtet lid-detentur opinjoni sfavorevoli, għandu jitqies li n-notifika ġiet aċċetata mill-awtoritajiet rilevanti kollha.

Fejn in-notifika tiġi aċċettata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' referenza, għandhom jittieħdu l-miżuri pprovduti fl-Artikolu 11.

3. Fejn l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' referenza tkun tal-opinjoni li n-notifika ma tistax tiġi aċċettata, għandha tinforma lid-detentur u lill-awtoritajiet rilevanti l-oħra, fejn tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata l-opinjoni sfavorevoli tagħha.

Fi żmien 30 jum wara li tiġi riċevuta l-opinjoni sfavorevoli, id-detentur jista' jressaq quddiem l-awtoritajiet rilevanti kollha notifika emendata sabiex jitqiesu b'mod xieraq ir-raġunijiet stabbiliti f'dik l-opinjoni.

Jekk id-detentur ma jemendax in-notifika skont it-tieni sottoparagrafu, għandu jitqies li n-notifika ġiet miċħuda mill-awtoritajiet rilevanti kollha u għandhom jittieħdu l-miżuri pprovduti fl-Artikolu 11.

4. Fejn tressqet notifika emendata, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' referenza għandha tivvalutaha fi żmien 30 jum wara li tirċeviha u għandhom jittieħdu l-miżuri pprovduti fl-Artikolu 11.

*Artikolu 10*

**Il-proċedura tal-"approvazzjoni minn qabel" għall-varjazzjonijiet maġġuri tat-tip II**

1. Id-detentur għandu jressaq fl-istess ħin quddiem l-awtoritajiet rilevanti kolha applikazzjoni li tinkludi l-elementi elenkati fl-Anness IV.

Jekk l-applikazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel sottoparagrafu, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' referenza għandha tirrikonoxxi li rċeviet applikazzjoni valida u għandha tinforma lid-detentur u lill-awtoritajiet rilevanti l-oħra li l-proċedura tibda mid-data ta' dan ir-rikonoxximent.

2. Fi żmien 60 jum wara r-rikonoxximent li rċeviet applikazzjoni valida, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' referenza għandha tipprepara rapport ta' valutazzjoni u deċiżjoni dwar l-applikazzjoni, li għandhom ikunu kkomunikati lill-awtoritajiet rilevanti l-oħra.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' referenza, meta titqies l-urġenza tal-kwistjoni, tista' tnaqqas il-perjodu li jissemma fl-ewwel sottoparagrafu, jew testendih għal 90 jum għall-varjazzjonijiet elenkati fil-Parti 1 tal-Anness V.

Il-perjodu li jissemma fl-ewwel sottoparagrafu għandu jkun ta' 90 jum għall-varjazzjonijiet elenkati fil-Parti 2 tal-Anness V.

3. Fil-perjodu li jissemma fil-paragrafu 2, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' referenza tista' titlob lid-detentur biex jipprovdi informazzjoni supplimentari f'limitu ta' żmien iffissat minn dik l-awtorità kompetenti. F'dan il-każ:

(a) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' referenza għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati l-oħra bit-talba tagħha għal informazzjoni supplimentari;

(b) il-proċedura għandha tkun sospiża sakemm tali informazzjoni supplimentari tkun ipprovduta;

(ċ) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' referenza jista' jestendi l-perjodu msemmi fil-paragrafu 2.

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13 u fi żmien 30 jum wara li jirċievu d-deċiżjoni u r-rapport ta' valutazzjoni li jissemmew fil-paragrafu 2, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jirrikonoxxu d-deċiżjoni u jinformaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' referenza b'dan.

Jekk, fil-perjodu li jissemma fl-ewwel sottoparagrafu, awtorità rilevanti ma tkunx esprimiet in-nuqqas ta' qbil tagħha skont l-Artikolu 13, għandu jitqies li d-deċiżjoni ġiet rikonoxxuta minn dik l-awtorità rilevanti.

5. Fejn id-deċiżjoni li tissemma fil-paragrafu 2 tkun ġiet rikonoxxutta mill-awtoritajiet rilevanti kollha skont il-paragrafu 4, għandhom jittieħdu l-miżuri pprovduti fl-Artikolu 11.

*Artikolu 11*

**Miżuri għall-għeluq tal-proċeduri tal-Artikoli 8 sa 10**

1. Fejn issir referenza għal dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' referenza għandha tieħu l-miżuri li ġejjin:

(a) għandha tinforma lid-detentur u lill-awtoritajiet relevanti l-oħra dwar jekk il-varjazzjoni ġietx aċċettata jew miċħuda;

(b) meta l-varjazzjoni tiġi miċħuda, għandha tinforma lid-detentur u lill-awtoritajiet relevanti l-oħra dwar ir-raġunijiet għaċ-ċaħda;

(ċ) għandha tinforma lid-detentur u lill-awtoritajiet relevanti l-oħra dwar jekk il-varjazzjoni tirrikjedix xi emenda għad-deċiżjoni li tagħti l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq.

2. Fejn issir referenza għal dan l-Artikolu, kull awtorità relevanti għandha, kull meta jkun meħtieġ u fil-limitu ta' żmien stipulat fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 23, temenda d-deċiżjoni li tagħti l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq skont il-varjazzjoni aċċettata.

*Artikolu 12*

**Il-vaċċini tal-influwenza li taffettwa lill-bniedem**

1. Bħala deroga mill-Artikolu 10, il-proċedura stabblita fil-paragrafi 2 sa 6 għandha tapplika għall-eżami ta' varjazzjonijiet li jikkonċernaw bidliet fis-sustanza attiva għall-finijiet tal-aġġornament annwali ta' vaċċin tal-influwenza li taffettwa lill-bniedem.

2. Id-detentur għandu jressaq fl-istess ħin quddiem l-awtoritajiet rilevanti kolha applikazzjoni li tinkludi l-elementi elenkati fl-Anness IV.

Jekk l-applikazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel sottoparagrafu, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' referenza għandha tirrikonoxxi li rċeviet applikazzjoni valida u għandha tinforma lid-detentur u lill-awtoritajiet rilevanti l-oħra li l-proċedura tibda mid-data ta' dan ir-rikonoxximent.

3. Fi żmien 30 jum wara r-rikonoxximent li rċeviet applikazzjoni valida, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' referenza għandha tipprepara rapport ta' valutazzjoni u deċiżjoni dwar l-applikazzjoni, li għandhom ikunu kkomunikati lill-awtoritajiet rilevanti l-oħra.

4. Fil-perjodu li jissemma fil-paragrafu 3, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' referenza tista' titlob lid-detentur biex jipprovdi informazzjoni supplimentari. Din għandha tinforma lill-awtoritajiet rilevanti l-oħra b'dan.

5. Fi żmien 12-il jum mid-data meta jirċievu d-deċiżjoni u tar-rapport ta' valutazzjoni li jissemmew fil-paragrafu 3, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jirrikonoxxu d-deċiżjoni u jinformaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' referenza b'dan.

6. Fejn mitluba mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' referenza, id-data klinika u d-data li tikkonċerna l-istabbiltà tal-prodott mediċinali għandha titressaq mid-detentur quddiem l-awtoritajiet rilevanti kollha fi żmien 12-il jum mill-iskadenza tal-perjodu li jissemma fil-paragrafu 5.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' referenza għandha tevalwa d-data li tissemma fl-ewwel sottoparagrafu u għandha tabbozza deċiżjoni finali fi żmien sebat ijiem wara li tirċievi d-data. Fi żmien sebat ijiem minn meta jirċevuha, l-awtoritajiet rilevanti l-oħra għandhom jirrikonoxxu dik id-deċiżjoni finali u jadottaw deċiżjoni skont id-deċiżjoni finali.

*Artikolu 13*

**Il-grupp ta' koordinazzjoni u l-arbitraġġ**

1. Fejn ma jkunx possibbli rikonoxximent ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 10(4) jew approvazzjoni ta' opinjoni skont il-punt (b) tal-Artikolu 20(8) minħabba riskju potenzjali serju għas-saħħa pubblika fil-każ ta' prodotti mediċinali veterinarji għall-użu mill-bniedem jew, fil-każ ta' prodotti mediċinali veterinarji, minħabba riskju potenzjali serju lil saħħet il-bniedem jew l-annimali jew lill-ambjent, awtorità rilevanti għandha titlob li l-kwistjoni tan-nuqqas ta' qbil tkun rinvijata minnufih lill-grupp ta' koordinazzjoni.

Il-parti li mhix qed taqbel għandha tgħaddi dikjarazzjoni dettaljata tar-raġunijiet għall-pożizzjoni tagħha lill-Istati Membri kollha kkonċernati u lill-applikant.

2. Għall-kwistjoni tan-nuqqas ta' qbil li tissemma fil-paragrafu 1 għandu japplika l-Artikoli 33(3), (4) u (5) tad-Direttiva 2001/82/KE, jew l-Artikoli 29(3), (4) u (5) tad-Direttiva 2001/83/KE.

KAPITOLU III

**VARJAZZJONIJIET FL-AWTORIZZAZZJONIJIET ĊENTRALIZZATI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

*Artikolu 14*

**Il-proċedura ta' notifika għall-varjazzjonijiet minuri tat-tip IA**

1. Fejn issir varjazzjoni minuri tat-tip IA, id-detentur għandu jressaq quddiem l-Aġenzija notifika li tinkludi l-elementi elenkati fl-Anness IV. Din in-notifika għandha titressaq fi żmien 12-il xahar wara l-implimentazzjoni tal-varjazzjoni.

Madankollu, fil-każ ta' varjazzjonijiet minuri li jeħtieġu notifika immedjata għas-superviżjoni kontinwa tal-prodott mediċinali kkonċernat, in-notifika għandha titressaq immedjatament wara l-implimentazzjoni tal-varjazzjoni.

2. Fi żmien 30 jum wara li tiġi riċevuta n-notifika, għandhom jittieħdu l-miżuri pprovduti fl-Artikolu 17.

*Artikolu 15*

**Il-proċedura ta' notifika għall-varjazzjonijiet minuri tat-tip IB**

1. Id-detentur għandu jressaq quddiem l-Aġenzija notifika li tinkludi l-elementi elenkati fl-Anness IV.

Jekk in-notifika tissodisfa r-rekwiżit stabbilit fl-ewwel sottoparagrafu, l-Aġenzija għandha tirrikonoxxi li rċeviet notifika valida.

2. Jekk fi żmien 30 jum wara r-rikonoxximent li rċeviet notifika valida l-Aġenzija ma tkunx bagħtet lid-detentur opinjoni sfavorevoli, għandu jitqies li l-opinjoni tagħha kienet favorevoli.

Fejn l-opinjoni tal-Aġenzija dwar in-notifika tkun favorevoli, għandhom jittieħdu l-miżuri pprovduti fl-Artikolu 17.

3. Fejn l-Aġenzija tkun tal-opinjoni li n-notifika ma tistax tiġi aċċettata, din għandha tinforma lid-detentur, fejn tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata l-opinjoni sfavorevoli tagħha.

Fi żmien 30 jum minn meta jirċievi l-opinjoni sfavorevoli, id-detentur jista' jressaq quddiem l-Aġenzija notifika emendata sabiex jitqiesu b'mod xieraq ir-raġunijiet stabbiliti f'dik l-opinjoni.

Jekk id-detentur ma jemendax in-notifika skont it-tieni sottoparagrafu, għandu jitqies li n-notifika ġiet miċħuda u għandhom jittieħdu l-miżuri pprovduti fl-Artikolu 17.

4. Fejn titressaq notifika emendata, l-Aġenzija għandha tivvalutaha fi żmien 30 jum wara li tirċeviha u għandhom jittieħdu l-miżuri pprovduti fl-Artikolu 17.

*Artikolu 16*

**Il-proċedura tal-"approvazzjoni minn qabel" għall-varjazzjonijiet maġġuri tat-tip II**

1. Id-detentur għandu jressaq quddiem l-Aġenzija applikazzjoni li tinkludi l-elementi elenkati fl-Anness IV.

Jekk l-applikazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel sottoparagrafu, l-Aġenzija għandha tirrikonoxxi li rċeviet applikazzjoni valida.

2. L-Aġenzija għandha toħroġ opinjoni dwar l-applikazzjoni valida li tissemma fil-paragrafu 1 fi żmien 60 jum wara li tirċeviha.

L-Aġenzija, meta titqies l-urġenza tal-kwistjoni, tista' tnaqqas il-perjodu li jissemma fl-ewwel sottoparagrafu, jew testendih għal 90 jum għall-varjazzjonijiet elenkati fil-Parti 1 tal-Anness V.

Il-perjodu li jissemma fl-ewwel sottoparagrafu għandu jkun ta' 90 jum għall-varjazzjonijiet elenkati fil-Parti 2 tal-Anness V.

3. Fil-perjodu li jissemma fil-paragrafu 2, l-Aġenzija tista' titlob lid-detentur biex jipprovdi informazzjoni supplimentari f'limitu ta' żmien iffissat mill-Aġenzija. Il-proċedura għandha tiġi sospiża sa tali żmien sakemm tiġi pprovduta l-informazzjoni supplimentari. F'dan il-każ, l-Aġenzija tista' testendi l-perjodu msemmi fil-paragrafu 2.

4. L-Artikoli 9(1) u (2) u l-Artikoli 34(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 għandhom japplikaw għall-opinjoni dwar l-applikazzjoni valida.

Fi żmien 15-il jum mill-adozzjoni tal-opinjoni finali dwar l-applikazzjoni valida, għandhom jittieħdu l-miżuri pprovduti fl-Artikolu 17.

*Artikolu 17*

**Miżuri għall-għeluq tal-proċeduri tal-Artikoli 14 sa 16**

1. Fejn issir referenza għal dan l-Artikolu, l-Aġenzija għandha tieħu l-miżuri li ġejjin:

(a) għandha tinforma lid-detentur u lill-Kummissjoni dwar jekk l-opinjoni tagħha fuq il-varjazzjoni hijiex favorevoli jew le;

(b) meta l-opinjoni tagħha fuq il-varjazzjoni ma tkunx favorevoli, għandha tinforma lid-detentur u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet wara dik l-opinjoni;

(ċ) għandha tinforma lid-detentur u lill-Kummissjoni dwar jekk il-varjazzjoni tirrikjedix xi emenda għad-deċiżjoni li tagħti l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq.

2. Fejn issir referenza għal dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha, meta jkun meħtieġ, fuq il-bażi tal-proposta tal-Aġenzija u fil-limitu ta' żmien stipulat fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 23, temenda d-deċiżjoni li tagħti l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u għandha taġġorna b'mod xieraq ir-Reġistru Komunitarju tal-Prodotti Mediċinali pprovdut fl-Artikolu 13(1) u fl-Artikolu 38(1) tar-Regolament (KE) Nru 726/2004.

*Artikolu 18*

**Il-vaċċini tal-influwenza li taffettwa lill-bniedem**

1. Bħala deroga mill-Artikolu 16, il-proċedura stabblita fil-paragrafi 2 sa 7 għandha tapplika għall-eżami ta' varjazzjonijiet li jikkonċernaw bidliet fis-sustanza attiva għall-finijiet tal-aġġornament annwali ta' vaċċin tal-influwenza li taffettwa lill-bniedem.

2. Id-detentur għandu jressaq quddiem l-Aġenzija applikazzjoni li tinkludi l-elementi elenkati fl-Anness IV.

Jekk l-applikazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel sottoparagrafu, l-Aġenzija għandha tirrikonoxxi li rċeviet applikazzjoni valida u għandha tinforma lid-detentur li l-proċedura tibda mid-data ta' dan ir-rikonoxximent.

3. Fi żmien 45 jum wara r-rikonoxximent li rċeviet applikazzjoni valida, l-Aġenzija għandha tagħti l-opinjoni tagħha dwar l-applikazzjoni.

4. Fil-perjodu li jissemma fil-paragrafu 3, l-Aġenzija tista' titlob lid-detentur biex jipprovdi informazzjoni supplimentari.

5. L-Aġenzija għandha tressaq minnufih l-opinjoni tagħha quddiem il-Kummissjoni.

Fejn ikun meħtieġ u fuq il-bażi ta' dik l-opinjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni dwar il-varjazzjoni fit-termini tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u għandha tinforma lid-detentur b'dan.

6. Fejn mitlub, id-detentur għandu jressaq id-data klinika u d-data li tikkonċerna l-istabbilità tal-prodott mediċinali quddiem l-Aġenzija fi żmien 12-il jum mill-iskadenza tal-perjodu li jissemma fil-paragrafu 3.

L-Aġenzija għandha tevalwa d-data li tissemma fl-ewwel sottoparagrafu u għandha tagħti l-opinjoni finali tagħha fi żmien 10 ijiem wara li tirċievi d-data. L-Aġenzija għandha tikkomunika l-opinjoni finali tagħha lill-Kummissjoni u lid-detentur fi żmien tlett ijiem mid-data tal-ħruġ tal-opinjoni finali tagħha.

7. Fejn ikun meħtieġ u fuq il-bażi tal-opinjoni finali tal-Aġenzija, il-Kummissjoni għandha temenda d-deċiżjoni li tagħti l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u għandha taġġorna b'mod xieraq ir-Reġistru Komunitarju tal-Prodotti Mediċinali pprovdut fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 726/2004.

KAPITOLU IV

*TAQSIMA 1*

***Il-proċeduri speċjali***

*Artikolu 19*

**L-estensjonijiet tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq**

1. Applikazzjoni għal estensjoni ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għandha tkun evalwata bl-istess proċedura kif isir għall-awtorizzazzjoni inizjali għat-tqegħid fis-suq li tkun relatata magħha.

2. Estensjoni għandha tingħata jew awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq skont l-istess proċedura għall-għoti tal-awtorizzazzjoni inizjali għat-tqegħid fis-suq li tkun relatata magħha jew inkella tkun inkluża f'dik l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq.

*Artikolu 20*

**Il-proċedura ta' kondiviżjoni tax-xogħol**

1. B'deroga mill-Artikolu 7(1) u mill-Artikoli 9, 10, 15 u 16, fejn varjazzjoni minuri tat-tip IB, varjazzjoni maġġuri tat-tip II jew grupp ta' varjazzjonijiet fil-każijiet tal-punt (b) tal-Artikolu 7(2) li ma jinkludu l-ebda estensjoni tkun relatata ma' diversi awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq li jkunu proprjetà tal-istess detentur, id-detentur ta' tali awtorizzazzjonijiet jista' jsegwi l-proċedura stabbilita fil-paragrafi 3 sa 9 ta' dan l-Artikolu.

2. Għall-finijiet tal-paragrafi 3 sa 9, "awtorità ta' referenza" għandha tfisser waħda minn dawn li ġejjin:

(a) l-Aġenzija, fejn mill-inqas waħda mill-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq li jissemmew fil-paragrafu 1 tkun awtorizzazzjoni ċentralizzata għat-tqegħid fis-suq;

(b) fil-każi l-oħra, l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru kkonċernat magħżula mill-grupp ta' koordinazzjoni, filwaqt li titqies ir-rakkomandazzjoni tad-detentur.

3. Id-detentur għandu jressaq quddiem l-awtoritajiet rilevanti kollha applikazzjoni li tinkludi l-elementi elenkati fl-Anness IV, b'indikazzjoni tal-awtorità ta' referenza rrakkomandata.

Jekk l-applikazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel sottoparagrafu, il-grupp ta' koordinazzjoni għandu jagħżel awtorità ta' referenza u dik l-awtorità ta' referenza għandha tirrikonoxxi li rċeviet applikazzjoni valida.

Meta l-awtorità ta' referenza magħżula tkun l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru li ma tax awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq lill-prodotti mediċinali kollha affettwati mill-applikazzjoni, il-grupp ta' koordinazzjoni jista' jitlob lil awtorità relevanti oħra biex tgħin lill-awtorità ta' referenza fl-evalwazzjoni ta' dik l-applikazzjoni.

4. L-awtorità ta' referenza għandha toħroġ opinjoni dwar l-applikazzjoni valida li tissemma fil-paragrafu 3 f'wieħed mill-perjodi li ġejjin:

(a) perjodu ta' 60 jum wara r-rikonoxximent li rċeviet applikazzjoni valida fil-każ ta' varjazzjonijiet minuri tat-tip IB jew ta' varjazzjonijiet maġġuri tat-tip II;

(b) perjodu ta' 90 jum wara r-rikonoxximent li rċeviet applikazzjoni valida fil-każ ta' varjazzjonijiet elenkati fil-Parti 2 tal-Anness V.

5. L-awtorità ta' referenza, meta titqies l-urġenza tal-kwistjoni, tista' tnaqqas il-perjodu li jissemma fil-punt (a) tal-paragrafu 4, jew testendih għal 90 jum għall-varjazzjonijiet elenkati fil-Parti 1 tal-Anness V.

6. Fil-perjodu li jisemma fil-paragrafu 4, l-awtorità ta' referenza tista' titlob lid-detentur biex jipprovdi l-informazzjoni supplementari fil-limitu ta' żmien iffissat mill-awtorità ta' referenza. F'dan il-każ:

(a) l-awtorità ta' referenza għandha tinforma lill-awtoritajiet rilevanti l-oħra bit-talba tagħha għal informazzjoni supplementari;

(b) il-proċedura għandha tkun sospiża sakemm tali informazzjoni supplementari tkun ipprovduta;

(ċ) l-awtorità ta' referenza tista' testendi l-perjodu msemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 4.

7. Fejn l-awtorità ta' referenza tkun l-Aġenzija, għall-opinjoni dwar applikazzjoni valida msemmija fil-paragrafu 4 għandhom japplikaw l-Artikoli 9(1), (2) u (3) u l-Artikoli 34(1), (2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 726/2004.

Fejn l-opinjoni dwar applikazzjoni valida tkun sfavorevoli:

(a) fi żmien 30 jum wara li tirċievi l-opinjoni finali u fuq il-bażi ta' proposta tal-Aġenzija, il-Kummissjoni, fejn ikun meħtieġ, għandha temenda l-awtorizzazzjonijiet ċentralizzati għat-tqegħid fis-suq ikkonċernati u għandha taġġorna b'mod xieraq ir-Reġistru Komunitarju tal-Prodotti Mediċinali pprovdut fl-Artikolu 13(1) u fl-Artikolu 38(1) tar-Regolament (KE) Nru 726/2004;

(b) fi żmien 30 jum wara li jirċievu l-opinjoni finali tal-Aġenzija, l-Istati Membri kkonċernati għandhom japprovaw dik l-opinjoni finali, jinformaw lill-Aġenzija b'dan u, fejn ikun meħtieġ, jemendaw b'mod xieraq l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ikkonċernati, sakemm fi 30 jum wara li rċevew l-opinjoni finali ma jingħatax bidu għal proċedura ta' rinviju skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2001/82/KE jew skont l-Artikolu 31 tad-Direttiva 2001/83/KE.

8. Fejn l-awtorità ta' referenza tkun l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru:

(a) għandha tibgħat l-opinjoni tagħha dwar l-applikazzjoni valida lid-detentur u lill-awtoritajiet relevanti kollha;

(b) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13 u fi żmien 30 jum wara li jirċievu l-opinjoni, l-awtoritajiet rilevanti għandhom japprovaw l-opinjoni finali, jinformaw lill-awtorità ta' referenza u jemendaw b'mod xieraq l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ikkonċernati.

9. Fuq talba tal-awtorità ta' referenza, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jipprovdu informazzjoni relatata mal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq affettwati mill-varjazzjoni sabiex tkun ivverifikata l-validità tal-applikazzjoni u sabiex tinħareġ l-opinjoni dwar l-applikazzjoni valida.

*Artikolu 21*

**Is-sitwazzjoni pandemika rigward l-influwenza li taffettwa lill-bniedem**

1. Bħala deroga mill-Artikoli 12, 18 u 19, fejn l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa jew il-Komunità, fil-qafas tad-Deċiżjoni 2119/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), debitament tirrikonoxxi sitwazzjoni pandemika rigward l-influwenza li taffettwa lill-bniedem, l-awtoritajiet rilevanti jew, fil-każ ta' awtorizzazzjonijiet ċentralizzati għat-tqegħid fis-suq, il-Kummissjoni, eċċezzjonalment u temporanjament jistgħu jaċċettaw varjazzjoni fit-termini ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għal vaċċin tal-influwena li taffettwa lill-bniedem, fejn tkun nieqsa ċerta data mhux klinika jew klinika.

2. Fejn varjazzjoni tiġi aċċettata skont il-paragrafu 1, id-detentur għandu jressaq id-data mhux klinika u klinika nieqsa f'limitu ta' żmien iffissat mill-awtorità rilevanti.

*Artikolu 22*

**Ir-restrizzjonijiet urġenti ta' sikurezza**

1. Fejn, fil-każ ta' riskju għas-saħħa pubblika fil-każ ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jew, fil-każ ta' prodotti mediċinali veterinarji, fil-każ ta' riskju għal saħħet il-bniedem u l-annimali jew lill-ambjent, id-detentur jagħmel restrizzjonijiet urġenti ta' sikurezza fuq l-inizjattiva tiegħu stess, huwa għandu jinforma minnufih lill-awtoritajiet rilevanti kollha u, fil-każ ta' awtorizzazzjoni ċentralizzata għat-tqegħid fis-suq, lill-Kummissjoni.

Jekk l-ebda awtorità rilevanti jew, fil-każ ta' awtorizzazzjoni ċentralizzata għat-tqegħid fis-suq, il-Kummissjoni, ma tkun qajmet oġġezzjonijiet fi żmien 24 siegħa wara li rċeviet dik l-informazzjoni, għandu jitqies li r-restrizzjonijiet urġenti ta' sikurezza ġew aċċettati.

([1]) ĠU L 268, 3.10.1998, p. 1.

2. Fejn, fil-każ ta' riskju għas-saħħa pubblika fil-każ ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jew, fil-każ ta' prodotti mediċinali veterinarji, fil-każ ta' riskju għal saħħet il-bniedem u l-annimali jew lill-ambjent, l-awtoritajiet relevanti jew, fil-każ ta' awtorizzazzjonijiet ċentralizzati għat-tqegħid fis-suq, il-Kummissjoni tista' timponi restrizzjonijiet urġenti ta' sikurezza fuq id-detentur.

3. Fejn restrizzjoni urġenti ta' sikurezza ssir mid-detentur jew tkun imposta minn awtorità rilevanti jew mill-Kummissjoni, id-detentur għandu jressaq l-applikazzjoni korrispondenti għall-varjazzjoni fi żmien 15-il jum wara li jingħata bidu għal dik ir-restrizzjoni.

TAQSIMA 2

***L-emendi lid-deċiżjoni li tagħti l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u l-implimentazzjoni***

*Artikolu 23*

**L-emendi lid-deċiżjoni li tagħti l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq**

1. L-emendi għad-deċiżjoni li tagħti l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq li jirriżultaw mill-proċeduri stabbiliti fil-Kapitoli II u III għandhom isiru:

(a) fi żmien 30 jum wara li tiġi riċevuta l-informazzjoni li tissemma fl-Artikolu 11(1)(c) u l-Artikolu 17(1)(c), fejn il-varjazzjoni kkonċernata twassal għal estensjoni ta' sitt xhur tal-perjodu li jissemma fl-Artikoli 13(1) u (2) tar-Regolament (KEE) Nru 1768/92 ([2]), skont l-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 1901/2006;

(b) fi żmien xahrejn wara li tiġi riċevuta l-informazzjoni li tissemma fl-Artikolu 11(1)(c) u l-Artikolu 17(1)(c), fil-każ ta' varjazzjonijiet maġġuri tat-tip II u fil-każ ta' varjazzjonijiet minuri tat-tip IA li ma jeħtieġux notifika immedjata għas-superviżjoni kontinwa tal-prodott mediċinali kkonċernat;

(ċ) fi żmien sitt xhur wara li tiġi riċevuta l-informazzjoni li tissemma fl-Artikolu 11(1)(c) u l-Artikolu 17(1)(c), fil-każi l-oħra.

2. Fejn id-deċiżjoni li tagħti awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tiġi emendata minħabba waħda mill-proċeduri stabbiliti fil-Kapitoli II, III u IV, l-awtorità rilevanti jew, fil-każ ta' awtorizzazzjonijiet ċentralizzati għat-tqegħid fis-suq, il-Kummissjoni, għandha tinnotifika d-deċiżjoni emendata mingħajr dewmien lid-detentur.

([2]) ĠU L 182, 2.7.1992, p. 1.

*Artikolu 24*

**L-implimentazzjoni tal-varjazzjonijiet**

1. Varjazzjoni minuri tat-tip IA tista' tiġi implimentata fi kwalunkwe żmien qabel ma jiġu kkompletati l-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 8 u 14.

Fejn notifika li tikkonċerna varjazzjoni minuri waħda jew diversi varjazzjonijiet minuri tat-tip IA tiġi miċħuda, id-detentur għandu jieqaf japplika l-varjazzjoni(jiet) ikkonċernata/i immedjatament wara li jirċievi l-informazzjoni li tissemma fl-Artikolu 11(1)(c) u l-Artikolu 17(1)(c).

2. Il-varjazzjonijiet minuri tat-tip IB jistgħu jiġu implimentati biss fil-każi li ġejjin:

(a) Wara li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' referenza tkun informat lid-detentur li tkun aċċettat in-notifika skont l-Artikolu 9, jew wara li jitqies li n-notifika ġiet aċċettata skont l-Artikolu 9(2);

(b) Wara li l-Aġenzija tkun informat lid-detentur li l-opinjoni tagħha li tissemma fl-Artikolu 15 hija favorevoli, jew wara li jitqies li n-notifika ġiet aċċettata skont l-Artikolu 15(2);

(ċ) wara li l-awtorità ta' referenza li tissemma fl-Artikolu 20 tkun informat lid-detentur li l-opinjoni tagħha hija favorevoli.

3. Il-varjazzjonijiet maġġuri tat-tip II jistgħu jiġu implimentati biss fil-każi li ġejjin:

(a) 30 jum wara li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' referenza jkun informa lid-detentur li jkun aċċetta l-varjazzjoni skont l-Artikolu 10, bil-kundizzjoni li d-dokumenti meħtieġa għall-emenda tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq jkunu ngħataw lill-Istati Membri kkonċernati;

(b) Wara li l-Kummissjoni tkun emendat id-deċiżjoni li tagħti l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq skont il-varjazzjoni aċċettata u tkun innotifikat lid-detentur b'dan;

(ċ) 30 jum wara li l-awtorità ta' referenza msemmija fl-Artikolu 20 tkun informat lid-detentur li l-opinjoni finali tagħha hija favorevoli, sakemm ma tkunx inbdiet proċedura ta' arbitraġġ skont l-Artikolu 13 jew proċedura ta' riferiment skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2001/82/KE jew l-Artikolu 31 tad-Direttiva 2001/83/KE.

4. Estensjoni tista' tiġi implimentata biss wara li l-awtorità rilevanti jew, fil-każ ta' estensjonijiet għal awtorizzazzjoni ċentralizzata għat-tqegħid fis-suq, il-Kummissjoni, tkun emendat id-deċiżjoni li tagħti l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq skont l-estensjoni approvata u tkun innotifikat lid-detentur b'dan.

5. Ir-restrizzjonijiet urġenti ta' sikurezza u l-varjazzjonijiet li jkunu relatati ma' kwistjonijiet ta' sikurezza għandhom ikunu implimentati f'perjodu ta' żmien miftiehem mid-detentur u mill-awtorità rilevanti u, fil-każ ta' awtorizzazzjoni ċentralizzata għat-tqegħid fis-suq, mill-Kummissjoni.

Bħala deroga mill-ewwel sottoparagrafu, ir-restrizzjonijiet urġenti ta' sikurezza u l-varjazzjonijiet relatati ma' kwistjonijiet ta' sikurezza li jikkonċernaw awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq mogħtija skont il-Kapitolu 4 tad-Direttiva 2001/82/KE jew skont il-Kapitolu 4 tad-Direttiva 2001/83/KE għandhom jiġu implimentati f'perjodu ta' żmien miftiehem mid-detentur u mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' referenza, f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti l-oħra.

KAPITOLU V

**ID-DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 25*

**Il-monitoraġġ kontinwu**

Fejn mitlub minn awtorità rilevanti, id-detentur għandu jipprovdi mingħajr dewmien kwalunkwe informazzjoni relatata mal-implimentazzjoni ta' varjazzjoni partikolari.

*Artikolu 26*

**Reviżjoni**

Sa sentejn mid-data msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 28, is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom jevalwaw l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-varjazzjonijiet, bil-ħsieb li tiġi proposta kwalunkwe emenda neċessarja għall-adattament tal-Annessi I, II u V biex iqisu l-progress xjentifiku u tekniku.

*Artikolu 27*

**Ir-revoka u d-dispożizzjoni transitorja**

1. B'dan qed jiġu rrevokati r-Regolamenti (KE) Nru 1084/2003 u (KE) Nru 1085/2003.

Ir-referenzi għar-Regolamenti rrevokati għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

2. Bħala deroga mill-paragrafu 1, ir-Regolamenti (KE) Nru 1084/2003 u (KE) Nru 1085/2003 għandhom ikomplu japplikaw għan-notifiki jew għall-applikazzjonijiet validi għal varjazzjonijiet li jkunu pendenti sad-data li tissemma fit-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 28.

*Artikolu 28*

**Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2010.

B'deroga mit-tieni subparagrafu, ir-rakkomandazzjonijiet dwar varjazzjonijiet mhux previsti pprovduti fl-Artikolu 5 jistgħu jintalbu, jingħataw u jiġu ppubblikati mid-data tad-dħul fis-seħħ imsemmi fl-ewwel subparagrafu.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Günter VERHEUGEN

*Viċi President*

*ANNESS I*

**L-estensjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq**

1. Il-bidliet fis-sustanza/i attiva/i:

   (a) is-sostituzzjoni ta' sistema attiva kimika b'kumpless/derivat differenti ta' melħ/ester, bl-istess porzjon terapewtiku, fejn il-karatteristiċi tal-effikaċja/tas-sikurezza ma jkunux ferm differenti;

   (b) is-sostituzzjoni minn isomeru differenti, minn taħlita differenti ta' isomeri, ta' taħlita minn isomeru iżolat (eż. racemate b'enantiomer wieħed), fejn il-karatteristiċi tal-effikaċja/tas-sikurezza ma jkunux ferm differenti;

   (c) is-sostituzzjoni ta' sustanza attiva bijoloġika b'waħda bi struttura molekulari xi ftit differenti fejn il-karatteristiċi tal-effikaċja/tas-sikurezza ma jkunux ferm differenti, bl-eċċezzjoni ta':

   — bidliet fis-sustanza attiva ta' vaċċin staġjonali, pre-pandemiku jew pandemiku kontra l-influwenza li taffettwa lill-bniedem;

   — sostituzzjoni jew addizzjoni ta' serotip, varjant jew antiġen ġdid jew kombinazzjoni ġdida ta' serotipi, varjanti jew antiġens għal vaċċin veterinarju kontra l-influwenza avjarja, il-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew l-ilsien blù;

   — sostituzzjoni ta' varjant għal vaċċin veterinarju kontra l-influwenza ekwina.

   (d) modifikazzjoni tal-mezz (vector) li ntuża biex ikun prodott l-antiġen jew il-materjal tas-sors, inkluż bank ta' ċelluli oriġinali ġdid (master cell bank) minn sors differenti, fejn il-karatteristiċi tal-effikaċja/tas-sikurezza ma jkunux ferm differenti;

   (e) ligand jew mekkaniżmu ta' akkoppjar ġdid għal prodott radjofarmaċewtiku, fejn il-karatteristiċi tal-effikaċja/tas-sikurezza ma jkunux ferm differenti;

   (f) bidla fis-solvent tal-estrazzjoni jew fil-proporzjon tad-droga veġetali għall-preparazzjoni tad-droga veġetali fejn il-karatteristiċi tal-effikaċja/tas-sikurezza ma jkunux ferm differenti.

2. Il-bidliet fis-saħħa, fil-forma farmaċewtika u fir-rotta tal-amministrazzjoni:

   (a) bidla fil-bijodisponibbiltà;

   (b) bidla fil-farmakokinetika, eż. bidla fir-rata tar-rilaxx;

   (c) bidla fi jew żieda ta' saħħa/qawwa l-ġdida;

   (d) bidla fi jew żieda ta' forma farmaċewtika ġdida;

   (e) bidla fi jew żieda ta' rotta ġdida ta' amministrazzjoni ([1]).

3. Bidliet oħrajn speċifiċi għall-prodotti mediċinali veterinarji li għandhom jiġu amministrati lil annimali li jipproduċu l-ikel: bidla jew żieda ta' speċijiet fil-mira.

---

([1]) Għal amministrazzjoni li mhix mill-kanal diġestiv (parenteral administration), jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn amministrazzjoni fl-arterji, fil-vini, fil-muskoli, taħt il-ġilda u f'rotot oħrajn. Għall-amministrazzjoni lit-tjur domestiċi, ir-rotot respiratorji, orali u okulari (nebulizzazzjoni) li jintużaw għall-vaċċinazzjoni jitqiesu bħala rotot ekwivalenti ta' amministrazzjoni.

*ANNESS II*

**Il-klassifikazzjoni tal-varjazzjonijiet**

1. Il-varjazzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu kklassifikati bħala varjazzjonijiet minuri tat-tip IA:

   (a) Varjazzjonijiet ta' natura purament amministrattiva li jkunu relatati mal-identità u mad-dettalji ta' kuntatt ta':

      — id-detentur;

      — il-manifattur jew il-fornitur ta' kwalunkwe materjal tal-bidu, reaġent, sustanza intermedja jew attiva li jintuża fil-proċess tal-manifattura jew il-prodott lest;

   (b) Varjazzjonijiet relatati mat-tħassir ta' kwalunkwe sit tal-manifattura, inkluż għal sustanza attiva, għal prodott intermedju jew lest, sit tal-ippakkjar, manifattur responsabbli għar-rilaxx tal-lott, sit fejn isir il-kontroll tal-lott;

   (c) Varjazzjonijiet relatati ma' bidliet minuri fi proċedura fiżika-kimika approvata tat-test, fejn jintwera li l-proċedura aġġornata tkun mill-inqas ekwivalenti għall-proċedura tat-test preċedenti, twettqu studji ta' validazzjoni xierqa u r-riżultati juru li l-proċedura l-ġdida tat-test hija mill-inqas ekwivalenti għal dik preċedenti;

   (d) Varjazzjonijiet relatati mal-bidliet li saru fl-ispeċifikazzjonijiet tas-sustanza attiva jew ta' sustanza mhux attiva sabiex ikun hemm konformità ma' aġġornament tal-monografija rilevanti tal-Farmakopea Ewropea jew tal-farmakopea nazzjonali ta' Stat Membru, fejn il-bidla ssir esklussivament sabiex ikun hemm konformità mal-farmakopea u l-ispeċifikazzjonijiet għall-proprjetajiet speċifiċi tal-prodott ma jinbidlux;

   (e) Varjazzjonijiet relatati mal-bidliet fil-materjal tal-ippakkjar li ma jkunx f'kuntatt mal-prodott finali u li ma jaffettwawx il-konsenja, l-użu, is-sikurezza jew l-istabbiltà tal-prodott mediċinali;

   (f) Varjazzjonijiet relatati mal-issikkar tal-limiti ta' speċifikazzjoni, fejn il-bidla ma tkun konsegwenza tal-ebda impenn minn valutazzjoni preċedenti sabiex jiġu eżaminati l-limiti ta' speċifikazzjoni u ma tirriżultax minn avvenimenti mhux mistennija li jinqalgħu matul il-manifattura.

2. Il-varjazzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu kklassifikati bħala varjazzjonijiet maġġuri tat-tip II:

   (a) Varjazzjonijiet relatati maż-żieda ta' indikazzjoni terapewtika ġdida jew mal-modifikazzjoni ta' waħda eżistenti;

   (b) Varjazzjonijiet relatati ma' modifikazzjonijiet sostanzjali fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott partikolarment minħabba sejbiet ta' kwalità, prekliniċi, kliniċi jew ta' farmakoviġilanza ġodda;

   (c) Varjazzjonijiet relatati ma' bidliet barra mill-firxa tal-ispeċifikazzjonijiet, tal-limiti jew tal-kriterji ta' aċċettazzjoni approvati;

   (d) Varjazzjonijiet relatati ma' bidliet sostanzjali fil-proċess tal-manifattura, il-formolazzjoni, l-ispeċifikazzjonijiet jew il-profil tal-impuritajiet tas-sustanza attiva jew il-prodott mediċinali lest li jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq il-kwalità, is-sikurezza jew l-effikaċja tal-prodott mediċinali;

   (e) Varjazzjonijiet relatati mal-modifikazzjoni fil-proċess jew is-siti ta' manifattura tas-sustanza attiva għal prodott mediċinali bijoloġiku;

   (f) Varjazzjonijiet relatati mal-introduzzjoni ta' spazju ġdid tad-disinn jew mal-estensjoni ta' wieħed approvat, fejn l-ispazju tad-disinn ġie żviluppat skont il-linji ta' gwida xjentifiċi Ewropej u internazzjonali rilevanti;

   (g) Varjazzjonijiet li jikkonċernaw bidla fi jew żieda ta' speċi fil-mira li ma tipproduċix ikel;

(h) Varjazzjonijiet li jikkonċernaw is-sostituzzjoni jew l-addizzjoni ta' serotip, varjant jew antiġen ġdid jew kombinazzjoni ġdida ta' serotipi, varjanti jew antiġens għal vaċċin veterinarju kontra l-influwena avjarja, il-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew l-ilsien blù;

(i) Varjazzjonijiet li jikkonċernaw sostituzzjoni ta' varjant għal vaċċin veterinarju kontra l-influwenza ekwina.

(j) Varjazzjonijiet li jikkonċernaw bidliet fis-sustanza attiva ta' vaċċin staġjonali, pre-pandemiku jew pandemiku kontra l-influwenza li taffettwa lill-bniedem;

(k) Varjazzjonijiet relatati ma' bidliet fil-perjodu tal-irtirar għal prodott mediċinali veterinarju.

*ANNESS III*

**Il-każi għall-iggruppar tal-varjazzjonijiet li jissemmew fl-artikolu 7(2)(b)**

1. Waħda mill-varjazzjonijiet fil-grupp hija estensjoni tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq.

2. Waħda mill-varjazzjonijiet fil-grupp hija varjazzjoni maġġuri tat-tip II; il-varjazzjonijiet l-oħra kollha fil-grupp huma varjazzjonijiet li huma b’konsegwenza ta’ din il-varjazzjoni maġġuri tat-tip II.

3. Waħda mill-varjazzjonijiet fil-grupp hija varjazzjoni minuri tat-tip IB; il-varjazzjonijiet l-oħra kollha fil-grupp huma varjazzjonijiet minuri li huma b’konsegwenza ta’ din il-varjazzjoni minuri tat-tip IB.

4. Il-varjazzjonijiet kollha f’dan il-grupp huma relatati biss mal-bidliet ta’ natura amministrattiva fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodotti, fit-tikkettar u fil-fuljett tal-pakkett jew fil-karta inkluża fil-pakkett.

5. Il-varjazzjonijiet kollha fil-grupp huma bidliet f’Fajl Prinċipali tas-Sustanza Attiva (Active Substance Master File), f’Fajl Prinċipali tal-Antiġen tal-Vaċċin (Vaccine Antigen Master File) jew f’Fajl Prinċipali tal-Plażma (Plasma Master File).

6. Il-varjazzjonijiet kollha fil-grupp huma relatati ma’ proġett li huwa maħsub li jtejjeb il-proċess ta’ manifattura u l-kwalità tal-prodott mediċinali kkonċernat jew tas-sustanza/i attiva/i tiegħu.

7. Il-varjazzjonijiet kollha fil-grupp huma bidliet li jaffettwaw il-kwalità ta’ vaċċin tal-influwenza pandemika li taffettwa lill-bniedem.

8. Il-varjazzjonijiet kollha fil-grupp huma bidliet fis-sistema farmakoviġilanti li tissemma fl-Artikolu 8(3)(ia) u (n) tad-Direttiva 2001/83/KE jew fl-Artikolu 12(3)(k) u (o) tad-Direttiva 2001/82/KE.

9. Il-varjazzjonijiet kollha fil-grupp huma b’konsegwenza ta’ restrizzjoni urġenti ta’ sikurezza partikolari u tressqu skont l-Artikolu 22.

10. Il-varjazzjonijiet kollha fil-grupp huma relatati mal-implimentazzjoni ta’ tikkettar ta’ klassi partikolari.

11. Il-varjazzjonijiet kollha fil-grupp huma b’konsegwenza tal-valutazzjoni ta’ rapport perjodiku partikolari ta’ aġġorna-ment tas-sikurezza.

12. Il-varjazzjonijiet kollha fil-grupp huma b’konsegwenza ta’ studju partikolari ta’ wara l-awtorizzazzjoni mwettaq taħt is-superviżjoni tad-detentur.

13. Il-varjazzjonijiet kollha fil-grupp huma b’konsegwenza ta’ obbligu speċifiku mwettaq skont l-Artikolu 14(7) tar-Regolament (KE) Nru 726/2004.

14. Il-varjazzjonijiet kollha fil-grupp huma b’konsegwenza ta’ proċedura jew ta’ kundizzjoni speċifika mwettqa skont l-Artikolu 14(8) jew 39(7) tar-Regolament (KE) Nru 726/2004, skont l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2001/83/KE jew skont l-Artikolu 26(3) tad-Direttiva 2001/82/KE.

*ANNESS IV*

**L-elementi li għandhom jitressqu**

1. Lista tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq kollha affettwati min-notifika jew mill-applikazzjoni.

2. Deskrizzjoni tal-varjazzjonijiet kollha mressqa li tinkludi:

   (a) fil-każ tal-varjazzjonijiet minuri tat-tip IA, id-data tal-implimentazzjoni għal kull varjazzjoni deskritta;

   (b) fil-każ tal-varjazzjonijiet minuri tat-tip IA li ma jeħtiġux notifika immedjata, deskrizzjoni tal-varjazzjonijiet minuri kollha tat-tip IA li saru fl-aħħar 12-il xahar fit-termini tal-awtorizzazzjoni(jiet) għat-tqegħid fis-suq ikkonċernata/i u li għadhom ma ġewx innotifikati.

3. Id-dokumenti kollha meħtieġa kif ġew elenkati fil-linji ta' gwida li jissemmew fl-Artikolu 4(1)(b).

4. Fejn varjazzjoni twassal għal jew hija l-konsegwenza ta' varjazzjonijiet oħrajn fit-termini tal-istess awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq, deskrizzjoni tar-relazzjoni bejn dawn il-varjazzjonijiet.

5. Fil-każ tal-varjazzjonijiet fl-awtorizzazzjonijiet ċentralizzati għat-tqegħid fis-suq, il-ħlas rilevanti pprovdut fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 297/95 ([1]).

6. Fil-każ tal-varjazzjonijiet fl-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri:

   (a) lista ta' dawk l-Istati Membri b'indikazzjoni tal-Istat Membru ta' referenza jekk ikun applikabbli;

   (b) il-ħlasijiet rilevanti pprovduti fir-regoli nazzjonali applikabbli fl-Istati Membri kkonċernati.

---

([1]) ĠU L 35, 15.2.1995, p. 1.

*ANNESS V*

PARTI 1:

Varjazzjonijiet li jikkonċernaw bidla fi jew żieda ta’ indikazzjonijiet terapewtiċi.

PARTI 2:

1. Varjazzjonijiet li jikkonċernaw bidla fi jew żieda ta’ speċi fil-mira li ma tipproduċix ikel.

2. Varjazzjonijiet li jikkonċernaw is-sostituzzjoni jew l-addizzjoni ta’ serotip, varjant jew antiġen ġdid jew kombinazzjoni ġdida ta’ serotipi, varjanti jew antiġens għal vaċċin veterinarju kontra l-influwena avjarja, il-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew l-ilsien blù.

3. Varjazzjonijiet li jikkonċernaw sostituzzjoni ta’ varjant għal vaċċin veterinarju kontra l-influwenza ekwina.

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1235/2008**

**tat-8 ta' Diċembru 2008**

**li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 32(2), l-Artikolu 33(2), l-Artikolu 38(d) u l-Artikolu 40 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikoli 32 u 33 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet ġenerali għall-importazzjoni tal-prodotti organiċi. Bil-għan li jiġi assigurat li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu applikati b'mod korrett u uniformi, se jiġu stabbiliti regoli u proċeduri dettaljati għall-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

(2) Minħabba li nbniet esperjenza sostanzjali mill-1992 bl-importazzjoni ta' prodotti li jipprovdu garanziji ekwivalenti, għandu jingħata perjodu relattivament qasir lill-korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet tal-kontroll biex jitolbu li jiġu inklużi fil-lista għall-iskop ta' ekwivalenza skond l-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007. Madankollu, minħabba li m'hemm l-ebda esperjenza fl-applikazzjoni diretta tar-regoli tal-Komunità fuq il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi 'l barra mit-territorju tal-Komunità, għandu jingħata aktar żmien lill-korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet tal-kontroll li jixtiequ jiġu inklużi fil-lista għall-iskop ta' konformità skond l-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007. Għalhekk se jingħata perjodu itwal għas-sottomissjoni tat-talbiet u għall-eżaminazzjoni tagħhom.

(3) Għall-prodotti importati skond l-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, l-operaturi konċernati għandhom ikunu kapaċi jipprovdu evidenza dokumentarja. Huwa neċessarju li jiġi stabbilit mudell għal din l-evidenza dokumentarja. Il-prodotti importati skond l-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 għandhom jiġu koperti minn ċertifikat ta' spezzjoni. Huwa neċessarju li jiġu stabbiliti regoli dettaljati dwar il-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat. Barra dan, għandha tiġi stabbilita proċedura sabiex ċertu kontrolli fuq il-prodotti importati minn pajjiżi terzi li huma maħsuba biex jiġu kkummerċjati fil-Komunità bħala organiċi jiġu koordinati fuq il-livell tal-Komunità.

(4) L-Arġentina, l-Awstralja, il-Kosta Rika, l-Indja, l-Iżrael, New Zealand u l-ISVIZZERA preċendentament kienu elenkati bħala pajjiżi terzi li l-prodotti importati minnhom setgħu jiġu kkummerċjati fil-Komunità bħala organiċi, taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 345/2008 tas-17 ta' April 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-arranġamenti għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi kif maħsub għalihom fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u ma' dan indikazzjonijiet dwar il-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel. ([2]) Il-Kummissjoni eżaminat mill-ġdid is-sitwazzjoni ta' dawn il-pajjiżi skond il-kriterji stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 834/2007, u kkunsidrat ir-regoli tal-produzzjoni applikati u l-esperjenza miksuba mill-importazzjoni ta' prodotti organiċi minn dawn il-pajjiżi terzi kif elenkati preċedentament taħt l-Artikolu 11(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91. Fuq din il-bażi ġie konkluż li l-kundizzjonijiet għall-inklużjoni tal-Arġentina, l-Awstralja, il-Kosta Rika, l-Indja, l-Iżrael u New Zealand fil-lista ta' pajjiżi terzi għall-ekwivalenza skond l-Artikolu 33(1) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 huma sodisfatti.

(5) Il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni SVIZZERA kkonkludew Ftehim fuq il-kummerċ ta' prodotti agrikoli ([3]) approvat permezz tad-Deċiżjoni 2002/309/KE tal-Kunsill u tal-Kummissjoni ([4]). L-Anness 9 għal dak il-Ftehim ikopri l-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel prodotti organikament u jistabbilixxi li l-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex il-prodotti organiċi li jikkonformaw mal-liġijiet u r-regolamenti ta' xulxin jistgħu jiġu importati u mqiegħda fis-suq. Biex inkunu ċari, l-ISVIZZERA għandha wkoll tiġi elenkata fil-lista ta' pajjiżi terzi għall-ekwivalenza skond l-Artikolu 33(1) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.

(6) L-awtoritajiet tal-Istati Membri kisbu esperjenza u għarfien espert sostanzjali fil-qasam tal-għoti ta' aċċess lill-oġġetti organiċi importati fit-territorju tal-Komunità. Sabiex jiġu stabbiliti u jinżammu l-listi tal-pajjiżi terzi u tal-korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet tal-kontroll, din l-esperjenza għandha tiġi użata u l-Kummissjoni għandha tkun kapaċi tikkunsidra r-rapporti mill-Istati Membri u esperti oħra. Ix-xogħol involut għandu jinqasam b'mod ġust u proporzjonali.

([1]) ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.

([2]) ĠU L 108, 18.4.2008, p. 8.

([3]) ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132.

([4]) ĠU L 114, 30.4.2002, p. 1.

(7) Għandu jkun hemm provvediment ukoll għall-miżuri transizzjonali applikabbli għall-applikazzjonijiet ta' pajjiżi terzi li tirċievi l-Kummissjoni qabel l-1 ta' Jannar 2009, id-data li minnha jibda japplika r-Regolament (KE) Nru 834/2007.

(8) Sabiex ma jisfrattax il-kummerċ internazzjonali, u biex tiġi faċilitata t-transizzjoni bejn ir-regoli stabbiliti permezz tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91 u dawk stabbiliti permezz tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, huwa neċessarju li tiġi estiża l-possibbiltà li l-Istati Membri jkomplu jagħtu awtorizzazzjonijiet lill-importaturi, każ b'każ, għat-tqegħid ta' prodotti fis-suq tal-Komunità sakemm il-miżuri neċessarji għall-funzjonament tar-regoli ġodda fuq l-importazzjoni jiġu stabbiliti, b'mod partikolari dwar ir-rikonoxximent tal-korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet tal-kontroll imsemmija fl-Artikolu 33(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007. Din il-possibbiltà għandha titneħħa gradwalment hekk kif tkun qiegħda tiġi stabbilita l-lista tal-korpi tal-kontroll imsemmija f'dak l-Artikolu.

(9) Sabiex tittejjeb it-trasparenza u tiġi garantita l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandha tinħoloq sistema elettronika għall-iskambju ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi, u l-korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet tal-kontroll.

(10) Ir-regoli dettaljati stabbiliti f'dan ir-Regolament jissostitwixxu dawk stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 345/2008 u fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 605/2008 tal-20 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxu regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw iċ-ċertifikat ta' spezzjoni għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi taħt l-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 fuq il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u ma' dan l-indikazzjonijiet fuq il-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]). Dawk ir-Regolamenti għalhekk għandhom jiġu mħassra u sostitwiti minn Regolament ġdid.

(11) Il-miżuri li hemm provvediment għalihom f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat regolatorju fuq il-produzzjoni organika,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## TITOLU I

## DISPOŻIZZJONIJIET INTRODUTTORJI

*Artikolu 1*

### Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-importazzjoni ta' prodotti konformi u l-importazzjoni ta' prodotti li jipprovdu garanziji ekwivalenti kif stipulat fl-Artikoli 32 u 33 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.

*Artikolu 2*

### Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament:

(1) "ċertifikat ta' spezzjoni": se jfisser iċ-ċertifikat ta' spezzjoni msemmi fl-Artikolu 33(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 li jkopri konsenja waħda;

(2) "evidenza dokumentarja": se tfisser id-dokument imsemmi fl-Artikolu 68 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 ([2]) u fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament, li għalih hemm stabbilit mudell fl-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(3) "konsenja": se tfisser kwantità ta' prodotti taħt wieħed jew aktar mill-Kodiċi ta' Nomenklatura Kombinata, koperta minn ċertifikat ta' spezzjoni wieħed, trasportata permezz tal-istess mezz u importata mill-istess pajjiż terz;

(4) "l-ewwel destinatarju": se tfisser persuna naturali jew legali kif definita fl-Artikolu 2 (d) tar-Regolament (KE) Nru 889/2008

(5) "verifikazzjoni tal-konsenja": se tfisser il-verifikazzjoni mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri taċ-ċertifikat ta' spezzjoni sabiex jiġi sodisfatt l-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament, u, fejn dawn l-awtoritajiet jikkonsidrawh xieraq, tal-prodotti, relatati mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, tar-Regolament (KE) Nru 889/2008 u ta' dan ir-Regolament;

(6) "l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri": se tfisser l-awtoritajiet tad-dwana jew awtoritajiet oħra, nominati mill-Istati Membri;

(7) "rapport ta' evalwazzjoni": se jfisser ir-rapport ta' evalwazzjoni msemmi fl-Artikoli 32(2) u 33(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 ippreparat permezz ta' parti terza indipendenti li tissodisfa r-rekwiżiti tal-ISO 17011 jew minn awtorità kompetenti rilevanti, li jinkludi informazzjoni dwar ir-reviżjonijiet tad-dokumenti inklużi d-deskrizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 4(3)(b) u 11(3)(b) ta' dan ir-Regolament, dwar il-verifiki tal-kontijiet tal-uffiċċju inklużi l-lokazzjonijiet kritiċi u dwar verifiki osservattivi tal-kontijiet relatati mar-riskju mmexxija mill-pajjiżi terzi rappreżentattivi.

([1]) ĠU L 166, 27.6.2008, p. 3.

([2]) ĠU L 250, 18.9.2008, p. 1.

TITOLU II

**IMPORTAZZJONI TA' PRODOTTI KONFORMI**

*KAPITOLU 1*

***Lista ta' korpi tal-kontroll u awtoritajiet tal-kontroll rikonoxxuti għall-iskop ta' konformità***

*Artikolu 3*

**Kumpilazzjoni u kontenut tal-lista tal-korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet tal-kontroll rikonoxxuti għall-iskop ta' konformità**

1. Il-Kummissjoni se tipprepara lista ta' korpi tal-kontroll u ta' awtoritajiet tal-kontroll, rikonoxxuti għall-iskop ta' konformità skond l-Artikolu 32(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007. Il-lista hija stabbilita fl-Anness I għal dan ir-Regolament. Il-proċeduri għall-preparazzjoni u l-emendar tal-lista huma definiti fl-Artikoli 4, 16 u 17 ta' dan ir-Regolament. Il-lista se tkun disponibbli għall-pubbliku fuq l-Internet skond l-Artikoli 16(4) u 17 ta' dan ir-Regolament.

2. Il-lista se jkun fiha l-informazzjoni kollha neċessarja dwar kull korp jew awtorità tal-kontroll biex tippermetti l-verifika ta' jekk il-prodotti mqiegħda fis-suq tal-Komunità ġewx ikkontrollati minn korp jew awtorità kompetenti rikonoxxuta skond l-Artikolu 32(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u b'mod partikolari:

(a) l-isem u l-indirizz tal-korp jew l-awtorità kompetenti, inkluż l-indirizzi tal-posta elettronika u tal-Internet u n-numru tal-kodiċi tagħhom;

(b) il-pajjiżi terzi konċernati u li fihom oriġinaw il-prodotti;

(c) il-kategoriji tal-prodotti konċernati għal kull pajjiż terz;

(d) id-dewmien tal-inklużjoni fil-lista;

(e) l-indirizz tal-Internet fejn tista' tinstab il-lista ta' operaturi suġġetti għas-sistema tal-kontroll, inkluż l-istat taċ-ċertifikazzjoni tagħhom u l-kategoriji tal-prodotti konċernati, kif ukoll l-operaturi u l-prodotti kif sospiżi u li ċ-ċertifikat tagħhom ikun ġie revokat.

*Artikolu 4*

**Proċedura għat-talba għall-inklużjoni fil-lista tal-korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet tal-kontroll rikonoxxuti għall-iskop ta' konformità**

1. Il-Kummissjoni se tikkunsidra jekk tirrikonoxxix u tinkludix korp tal-kontroll jew awtorità tal-kontroll fil-lista li hemm provvediment għaliha fl-Artikolu 3 malli tirċievi talba għall-inklużjoni f'din il-lista mir-rappreżentant tal-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll konċernata. Talbiet kompleti biss li jaslu qabel il-31 ta' Ottubru 2011 se jiġi kkunsidrati, fuq il-bażi tal-mudell ta' applikazzjoni mqiegħed għad-dispożizzjoni mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 17(2), għall-preparazzjoni tal-ewwel lista. Għas-snin kalendarji li jsegwu, se jiġu kkunsidrati biss talbiet kompleti li jaslu qabel il-31 ta' Ottubru ta' kull sena.

2. It-talba tista' tiġi introdotta mill-korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet tal-kontroll stabbiliti fil-Komunità jew fil-pajjiż terz.

3. It-talba għandha tikkonsisti minn inkartament tekniku, li se jinkludi l-informazzjoni kollha meħtieġa biex il-Kummissjoni tassigura li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 32 (1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 jiġu sodisfatti għall-prodotti organiċi kollha maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunità, jiġifieri:

(a) deskrizzjoni ġenerika tal-attivitajiet tal-korp tal-kontroll jew tal-awtorità tal-kontroll fil-pajjiż terz konċernat, inkluża stima tan-numru ta' operaturi involuti u indikazzjoni tat-tip u l-kwantitajiet mistennija ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-pajjiż terz jew mill-pajjiżi terzi konċernati u li huma maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunità taħt ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 32(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007;

(b) deskrizzjoni dettaljata ta' kif it-Titoli II, III u IV tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 kif ukoll id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 889/2008 ġew implimentati fil-pajjiż terz jew f'kull pajjiż terz konċernat.

(c) kopja tar-rapport ta' evalwazzjoni kif stabbilit fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 32(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007:

(i) li juri li l-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll ġiet evalwata b'mod sodisfaċenti fuq il-kapaċità tagħha biex tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 32(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007;

(ii) li jagħti garanziji fuq l-elementi msemmija fl-Artikolu 27(2), (3), (5), (6) u (12) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007;

(iii) li jassigura li l-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll tissodisfa r-rekwiżit tal-kontroll u l-miżuri prekawzjonali stabbiliti fit-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 889/2008; u

(iv) li jikkonferma li implimentat b'mod effettiv l-attivitajiet tal-kontroll tagħha skond dawn il-kundizzjonijiet u rekwiżiti;

(d) li turi li l-korp jew l-awtorità tal-kontroll innotifikat lill-awtoritajiet tal-pajjiż terz dwar l-attivitajiet tagħha u li tirrispetta r-rekwiżiti legali imposti fuqha mill-awtoritajiet tal-pajjiż terz konċernat;

(e) l-indirizz tal-websajt fejn tinstab il-lista tal-operaturi suġġetti għas-sistema tal-kontroll, kif ukoll il-kuntatt fejn hija disponibbli l-informazzjoni dwar l-istat taċ-ċertifikazzjoni, il-kategoriji tal-prodotti konċernati, kif ukoll l-operaturi u l-prodotti sospiżi u li ċ-ċertifikat tagħhom ġie revokat;

(f) impenn li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament;

(g) kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa bħala rilevanti mill-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll jew mill-Kummissjoni.

4. Meta tkun qed teżamina talba għall-inklużjoni fil-lista ta' korp tal-kontroll jew ta' awtorità tal-kontroll, kif ukoll fi kwalunkwe żmien wara l-inklużjoni tagħha, il-Kummissjoni tista' titlob kwalunkwe informazzjoni, inkluż il-preżentazzjoni ta' wieħed jew aktar mir-rapporti dwar eżaminazzjoni fuq il-post stabbiliti minn esperti indipendenti. Barra dan, il-Kummissjoni tista', billi tibbaża fuq il-valutazzjoni tal-impatt u fil-każ ta' suspett ta' xi irregolaritajiet, torganizza eżaminazzjoni fuq il-post minn esperti li tinnomina.

5. Il-Kummissjoni se tevalwa jekk l-inkartament tekniku msemmi fil-paragrafu 4 u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 humiex sodisfaċenti u tista' sussegwentement tiddeċiedi li tirrikonoxxi u tinkludi korp tal-kontroll jew awtorità tal-kontroll fil-lista. Id-deċiżjoni se tittieħed skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 37(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.

*Artikolu 5*

**Ġestjoni u reviżjoni tal-lista tal-korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet tal-kontroll rikonoxxuti għall-iskop ta' konformità**

1. Korp tal-kontroll jew awtorità tal-kontroll tista' tiġi inkluża biss fil-lista msemmija fl-Artikolu 3 meta tissodisfa l-obbligazzjonijiet li ġejjin:

(a) jekk, wara li l-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll ġiet inkluża fil-lista, isiru kwalunkwe bidliet fil-miżuri applikati mill-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll, dak il-korp tal-kontroll jew awtorità tal-kontroll se jinnotifika lill-Kummissjoni ta' dan; talbiet biex tiġi emendata xi informazzjoni dwar il-korp jew l-awtorità tal-kontroll imsemmija fl-Artikolu 3(2) ukoll għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni;

(b) korp tal-kontroll jew awtorità tal-kontroll inkluża fil-lista se żżomm disponibbli u tikkomunika mal-ewwel talba l-informazzjoni kollha relatata mal-attivitjiet tal-kontroll tagħha fil-pajjiż terz; se tagħti aċċess għall-uffiċċji u l-faċilitajiet tagħha lill-esperti nominati mill-Kummissjoni;

(c) sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, il-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll se tibgħat rapport annwali konċiż lill-Kummissjoni; ir-rapport annwali se jaġġorna l-informazzjoni tal-inkartament tekniku msemmi fl-Artikolu 4(3); dan se jiddeskrivi b'mod partikolari l-attivitajiet tal-kontroll li jkunu saru mill-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll fil-pajjiżi terzi matul is-sena ta' qabel, ir-riżultati miksuba, l-irregolaritajiet u l-vjolazzjonijiet osservati u l-miżuri korrettivi meħuda; barra dan se jkun fih ir-rapport ta' evalwazzjoni l-aktar reċenti jew l-aġġornament ta' tali rapport, li se jkun fih ir-riżultati tal-evalwazzjoni fuq il-post regolari, is-sorveljanza u l-evalwazzjoni mill-ġdid multiannwali msemmija fl-Artikolu 32(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007; il-Kummissjoni tista' titlob kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa neċessarja;

(d) fid-dawl ta' kwalunkwe informazzjoni li tirċievi, il-Kummissjoni tista' fi kwalunkwe ħin temenda l-ispeċifikazzjonijiet relatati mal-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll u tista' tissospendi d-dħul ta' dak il-korp jew awtorità fil-lista msemmija fl-Artikolu 3; deċiżjoni simili tista' wkoll tittieħed fejn korp jew awtorità tal-kontroll ma' pprovdewx l-informazzjoni meħtieġa jew fejn ma aċċettawx li ssir eżaminazzjoni fuq il-post;

(e) il-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll se jqiegħed għad-disponibbiltà tal-partijiet interessati, fuq il-websajt tal-Internet, lista kontinwament aġġornata tal-operaturi u l-prodotti ċertifikati bħala organiċi.

2. Jekk korp tal-kontroll jew awtorità tal-kontroll ma tibgħatx ir-rapport annwali, imsemmi fil-paragrafu 1(c), ma żżommx disponibbli jew ma tikkomunikax l-informazzjoni kollha relatata mal-inkartament tekniku, is-sistema tal-kontroll jew il-lista aġġornata tal-operaturi u l-prodotti ċertifkati bħala organiċi, jew ma taċċettax li ssir eżaminazzjoni fuq il-post, wara t-talba mill-Kummissjoni f'perjodu li jiġi determinat mill-Kummissjoni skond is-severità tal-problema u li ġeneralment ma jistax ikun ta' anqas minn 30 ġurnata, dak il-korp tal-kontroll jew awtorità tal-kontroll jista' jitneħħa mil-lista tal-korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet tal-kontroll, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 37(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.

Jekk korp tal-kontroll jew awtorità tal-kontroll jonqos milli jieħu azzjoni għal rimedju xierqa u opportun, il-Kummissjoni se tneħħih mil-lista mingħajr dewmien.

*KAPITOLU 2*

***Evidenza dokumentarja meħtieġa għall-importazzjoni ta’ prodotti konformi***

*Artikolu 6*

**Evidenza dokumentarja**

1. L-evidenza dokumentarja meħtieġa għall-importazzjoni ta’ prodotti konformi msemmija fl-Artikolu 32(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, skond l-Artikolu 17(2) ta’ dan ir-Regolament, se tiġi stabbilita fuq il-bażi tal-mudell stabbilit fl-Anness II għal dan ir-Regolament u jkun fiha tal-anqas l-elementi kollha li jagħmlu parti minn dak il-mudell.

2. L-evidenza dokumentarja oriġinali se tiġi stabbilita mill-awtorità tal-kontroll jew mill-korp tal-kontroll li ġiet rikonoxxuta għall-ħruġ ta’ dawk id-dokumenti permezz ta’ deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 4.

3. L-awtorità jew il-korp li toħroġ l-evidenza dokumentarja se ssegwi r-regoli stabbiliti skond l-Artikolu 17(2) u fil-mudell, noti u linji gwida mqiegħda għad-dispożizzjoni mill-Kummissjoni permezz ta’ sistema informatika li tippermetti l-iskambju elettroniku ta’ dokumenti msemmija fl-Artikolu 17(1).

TITOLU III

**IMPORTAZZJONI TA’ PRODOTTI LI JIPPROVDU GARANZIJI EKWIVALENTI**

*KAPITOLU 1*

***Lista ta’ pajjiżi terzi rikonoxxuti***

*Artikolu 7*

**Kumpilazzjoni u kontenut tal-lista tal-pajjiżi terzi**

1. Il-Kummissjoni se tistabbilixxi lista ta’ pajjiżi terzi rikonoxxuti skond l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007. Il-lista ta’ pajjiżi rikonoxxuti hija stabbilita fl-Anness III għal dan ir-regolament. Il-proċedura għall-preparazzjoni u l-emendar tal-lista hija definita fl-Artikoli 8 u 16 ta’ dan ir-regolament. L-emendi fil-lista għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku fuq l-Internet skond l-Artikoli 16(4) u 17 ta’ dan ir-regolament.

2. Il-lista se jkun fiha l-informazzjoni kollha neċessarja dwar kull pajjiż terz biex tippermetti l-verifikazzjoni ta’ jekk il-prodotti li tpoġġew fis-suq tal-Komunità ġewx suġġetti għas-sistema tal-kontroll tal-pajjiż terz rikonoxxut skond l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u b’mod partikolari:

(a) il-kategoriji tal-prodotti konċernati;

(b) l-oriġini tal-prodotti;

(c) referenza għall-istandards tal-produzzjoni applikati fil-pajjiż terz;

(d) l-awtorità kompetenti fil-pajjiż terz responsabbli għas-sistema tal-kontroll, l-indirizz tagħha inkluż l-indirizzi tal-posta elettronika u tal-Internet;

(e) l-awtorità jew l-awtoritajiet tal-kontroll fil-pajjiż terz u/jew il-korp jew korpi tal-kontroll rikonoxxuti mit-tali awtorità kompetenti biex jagħmlu l-kontrolli, l-indirizzi tagħhom, inkluż fejn xieraq, l-indirizzi tal-posta elettronika u tal-Internet;

(f) l-awtorità jew awtoritajiet jew il-korp jew korpi tal-kontroll responsabbli fil-pajjiż terz għall-ħruġ taċ-ċertifikati għall-importazzjoni għal ġol-Komunità, l-indirizzi u n-numru tal-kodiċi tagħhom inkluż, fejn xieraq, l-indirizzi tal-posta elettronika u tal-Internet;

(g) id-dewmien tal-inklużjoni fil-lista.

*Artikolu 8*

**Proċedura għat-talba għall-inklużjoni fil-lista tal-pajjiżi terzi**

1. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk tinkludix pajjiż terz fil-lista li hemm provvediment għaliha fl-Artikolu 7 wara li tirċievi talba għall-inklużjoni, mir-rappreżentant tal-pajjiż terz konċernat.

2. Il-Kummissjoni se tkun meħtieġa tikkunsidra biss talba għall-inklużjoni li tissodisfa l-pre-kundizzjonijiet li ġejjin.

It-talba għall-inklużjoni se tiġi kompletata minn inkartament tekniku, li se jkun fih l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-Kummissjoni biex tassigura li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 33(1) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 jiġu sodisfatti għall-prodotti maħsuba biex jiġu esportati lejn il-Komunità, jiġifieri:

(a) informazzjoni ġenerali dwar l-iżvilupp tal-produzzjoni organika fil-pajjiż terz, il-prodotti li jiġu prodotti, iż-żona ta’ koltivazzjoni, ir-reġjuni tal-produzzjoni, in-numru ta’ produtturi, l-ipproċessar tal-ikel li qed isir;

(b) indikazzjoni tat-tip u l-kwantitajiet mistennija ta’ prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel organiċi maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunità;

(c) l-istandards tal-produzzjoni applikati fil-pajjiż terz kif ukoll evalwazzjoni tal-ekwivalenza tal-istandards applikati fil-Komunità;

(d) is-sistema ta’ kontroll applikata fil-pajjiż terz inkluż l-attivitajiet ta’ monitoraġġ u superviżjoni li jsiru mill-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż terz, kif ukoll evalwazzjoni tal-effettività meta paragunata mas-sistema tal-kontroll applikata fil-Komunità;

(e) l-indirizz tal-Internet jew indirizzi oħra ta' fejn tinstab il-lista ta' operaturi suġġetti għas-sistema ta' kontroll, kif ukoll il-kuntatt ta' fejn hija disponibbli l-informazzjoni dwar l-istat ta' ċertifikazzjoni u l-kategoriji tal-prodotti konċernati;

(f) l-informazzjoni li l-pajjiż terz qed jipproponi li tiġi inkluża fil-lista msemmija fl-Artikolu 7;

(h) impenn ta' konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9;

(i) kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa rilevanti minn pajjiż terz jew mill-Kummissjoni.

3. Meta qed teżamina talba għall-inklużjoni fil-lista ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti, kif ukoll kwalunkwe żmien wara l-inklużjoni tiegħu, il-Kummissjoni tista' titlob kwanlunkwe informazzjoni oħra, inkluż il-preżentazzjoni ta' wieħed jew aktar rapporti ta' eżaminazzjoni fuq il-post minn esperti indipendenti. Barra dan, il-Kummissjoni tista', fuq bażi tal-valutazzjoni tal-impatt u fil-każ ta' suspett ta' xi irregolaritajiet, torganizza eżaminazzjoni fuq il-post minn esperti li tinnomina.

4. Il-Kummissjoni se tevalwa jekk l-inkartament tekniku msemmi fil-paragrafu 2 u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 humiex sodisfaċenti u tista' sussegwentament tiddeċiedi li tirrikonoxxi u tinkludi lill-pajjiż terz fil-lista. Id-deċiżjoni se tittieħed skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 37(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.

*Artikolu 9*

**Ġestjoni u reviżjoni tal-lista tal-pajjiżi terzi**

1. Il-Kummissjoni se tkun meħtieġa tikkunsidra biss talba għall-inklużjoni meta l-pajjiż terz jimpenja ruħu li jaċċetta l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jekk, wara li pajjiż terz jiġi inkluż fil-lista, isiru kwalunkwe bidliet fil-miżuri fis-seħħ fil-pajjiż terz jew l-implimentazzjoni tagħhom u b'mod partikolari s-sistema tal-kontroll tiegħu, dak il-pajjiż terz se jinnotifika lill-Kummissjoni ta' dan. Talbiet għal emendi fl-informazzjoni dwar il-pajjiż terz msemmija fl-Artikolu 7(2) se jiġu wkoll notifikati lill-Kummissjoni;

(b) ir-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 se jaġġorna l-informazzjoni tal-inkartament tekniku msemmi fl-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament; se jiddeskrivi b'mod partikolari l-attivitajiet ta' monitoraġġ u superviżjoni li jsiru mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz, ir-riżultati miksuba u l-miżuri korrettivi li ttieħdu;

(c) fid-dawl ta' kwalunkwe informazzjoni li tirċievi, il-Kummissjoni tista' fi kwalunkwe żmien temenda l-ispeċifikazzjonijiet relatati mal-pajjiż terz u tista' tissospendi d-dħul tal-pajjiż mil-lista msemmija fl-Artikolu 7; deċiżjoni simili tista' wkoll issir fejn pajjiż terz ma pprovdiex l-informazzjoni meħtieġa jew fejn ma aċċettax eżaminazzjoni fuq il-post.

2. Jekk pajjiż terz ma jibgħatx ir-rapport annwali, imsemmi fl-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, ma jżommx disponibbli jew ma jikkomunikax l-informazzjoni kollha relatata mal-inkartament tekniku jew is-sistema tal-kontroll tiegħu jew ma jaċċettax eżaminazzjoni fuq il-post, wara talba mill-Kummissjoni tul perjodu li l-Kummissjoni se tiddetermina skond is-severità tal-problema u li ġeneralment ma jistax ikun anqas minn 30 ġurnata, dak il-pajjiż terz jista' jitneħħa mil-lista, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 37(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.

*KAPITOLU 2*

***Lista ta' korpi tal-kontroll u ta' awtoritajiet tal-kontroll rikonoxxuti għall-iskop ta' ekwivalenza***

*Artikolu 10*

**Kumpilazzjoni u kontenut tal-lista tal-korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet tal-kontroll rikonoxxuti għall-iskop ta' ekwivalenza**

1. Il-Kummissjoni se tipprepara lista ta' korpi tal-kontroll u awtoritajiet tal-kontroll, rikonoxxuti għall-iskop ta' ekwivalenza skond l-Artikolu 33(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007. Il-lista se tiġi pubblikata fl-Anness IV għal dan ir-Regolament. Il-proċeduri għall-preparazzjoni u l-emendar tal-lista huma definiti fl-Artikoli 11, 16 u 17 ta' dan ir-Regolament. Il-lista għandha tkun disponibbli għall-pubbliku fuq l-Internet skond l-Artikoli 16(4) u 17 ta' dan ir-Regolament.

2. Il-lista se jkun fiha l-informazzjoni kollha neċessarja dwar kull korp jew awtorità tal-kontroll biex tippermetti l-verifikazzjoni ta' jekk il-prodotti mpoġġija fis-suq tal-Komunità ġewx ikkontrollati minn korp jew awtorità tal-kontroll rikonoxxut skond l-Artikolu 33(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u b'mod partikolari:

(a) l-isem u l-indirizz tal-korp jew l-awtorità tal-kontroll, inkluż, fejn xieraq, l-indirizzi tal-posta elettronika u tal-Internet;

(b) il-pajjiżi terzi mhux elenkati fil-lista li hemm provvediment għalihom fl-Artikolu 7 fejn il-prodotti oriġinaw;

(c) il-kategoriji tal-prodotti konċernati għal kull pajjiż terz;

(d) id-dewmien tal-inklużjoni fil-lista; u

(e) il-websajt tal-Internet fejn tinstab il-lista tal-operaturi suġġetti għas-sistema ta' kontroll, kif ukoll il-kuntatt ta' fejn hija disponibbli l-informazzjoni dwar l-istat ta' ċertifikazzjoni, il-kategoriji tal-prodotti konċernati, kif ukoll l-operaturi u l-prodotti sospiżi u li kellhom iċ-ċertifikat revokat,

3. Permezz ta' derogazzjoni mill-paragrafu 2(b), dawk il-prodotti li joriġinaw minn pajjiżi terzi elenkati fil-lista ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti msemmija fl-Artikolu 7 li jaqgħu taħt kategorija mhux imsemmija f'dik il-lista jistgħu jiġu elenkati fil-lista li hemm provvediment għaliha f'dan l-Artikolu.

*Artikolu 11*

**Proċedura għat-talba ta' inklużjoni fil-lista tal-korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet tal-kontroll rikonoxxuti għall-iskop ta' ekwivalenza**

1. Il-Kummissjoni se tikkunsidra jekk tinkludix korp tal-kontroll jew awtorità tal-kontroll fil-lista li hemm provvediment għaliha fl-Artikolu 10 wara li tirċievi talba għall-inklużjoni minn rappreżentant tal-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll konċernata fuq il-bażi tal-mudell ta' applikazzjoni mqiegħed għad-dispożizzjoni mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 17(2). Talbiet kompleti li jaslu sal-31 ta' Ottubru 2009 biss se jiġu kkunsidrati għall-preparazzjoni tal-ewwel lista. Għas-snin tal-kalendarju li jsegwu, il-Kummissjoni se tagħmel aġġornamenti regolari tal-lista kif xieraq fuq il-bażi tat-talbiet kompleti li tirċievi qabel il-31 ta' Ottubru ta' kull sena.

2. It-talba tista' tiġi introdotta mill-korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet tal-kontroll stabbiliti fil-Komunità jew f'pajjiż terz.

3. It-talba għall-inklużjoni se tikkonsisti minn inkartament tekniku, li se jkun fih l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-Kummissjoni biex tassigura li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 33(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 jiġu sodisfatti għall-prodotti maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunità, jiġifieri:

(a) deskrizzjoni ġenerika tal-attivitajiet tal-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll fil-pajjiż terz jew il-pajjiżi terzi, inkluż stima tan-numru ta' operaturi involuti u t-tip u l-kwantitajiet mistennija ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunità taħt ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 33(1) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007;

(b) deskrizzjoni tal-istandards tal-produzzjoni u tal-miżuri tal-kontroll applikati fil-pajjiżi terzi, inkluż stima tal-ekwivalenza ta' dawn l-istandards u l-miżuri bit-Titoli III, IV u V tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 kif ukoll mar-regoli ta' implimentazzjoni assoċjati stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 889/2008;

(c) kopja tar-rapport ta' evalwazzjoni kif stabbilit fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 33(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007:

(i) li juri li l-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll ġiet evalwata b'mod sodisfaċenti fuq il-kapaċità tagħha biex tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 33(1) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007;

(ii) li jikkonferma li implimenta b'mod effettiv l-attivitajiet tiegħu skond dawk il-kundizzjonijiet; u

(iii) li juri u jikkonferma l-ekwivalenza tal-istandards tal-produzzjoni u l-miżuri tal-kontroll imsemmija fis-subparagrafu (b) ta' dan il-paragrafu;

(d) juri li l-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll innotifikat l-attivitajiet tagħha lill-awtoritajiet ta' kull wieħed mill-pajjiżi terzi konċernati u l-impenn tiegħu li jirrispetta r-rekwiżiti legali imposti fuqu mill-awtoritajiet ta' kull wieħed mill-pajjiżi terzi konċernati;

(e) il-websajt tal-Internet fejn tinstab il-lista tal-operaturi suġġetti għas-sistema tal-kontroll, kif ukoll il-kuntatt fejn hija disponibbli l-informazzjoni dwar l-istat ta' ċertifikazzjoni tagħhom, il-kategoriji tal-prodotti konċernati, kif ukoll l-operaturi u l-prodotti sospiżi jew li kellhom iċ-ċertifkat revokat;

(f) impenn li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12;

(g) kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa rilevanti mill-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll jew mill-Kummissjoni.

4. Meta qed teżamina talba għall-inklużjoni fil-lista ta' korp tal-kontroll jew awtorità tal-kontroll, u wkoll fi kwalunkwe żmien wara l-inklużjoni tiegħu, il-Kummissjoni tista' titlob aktar informazzjoni, inkluż il-preżentazzjoni ta' wieħed jew aktar rapporti ta' eżaminazzjoni fuq il-post stabbiliti minn espert indipendenti. Barra dan, il-Kummissjoni tista' torganizza eżaminazzjoni fuq il-post minn esperti li tinnomina fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju u fil-każ ta' suspett ta' xi irregolaritajiet.

5. Il-Kummissjoni se tevalwa jekk l-inkartament tekniku msemmi fil-paragrafu 2 u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 humiex sodisfaċenti u tista' sussegwentament tiddeċiedi li tirrikonoxxi u tinkludi korp tal-kontroll jew awtorità tal-kontroll fil-lista. Id-deċiżjoni tista' tittieħed skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 37(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.

*Artikolu 12*

**Ġestjoni u reviżjoni tal-lista tal-korpi tal-kontroll u tal-awtoritajiet tal-kontroll għall-iskop ta' ekwivalenza**

1. Korp tal-kontroll jew awtorità tal-kontroll jista' jiġi inkluż fil-lista msemmija fl-Artikolu 10 meta jissodisfa l-obbligi li ġejjin:

(a) jekk, wara li korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll jiġi inkluż fil-lista, isiru kwalunkwe bidliet fil-miżuri applikati mill-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll, dak il-korp tal-kontroll jew awtorità tal-kontroll se jinnotifika lill-Kummissjoni ta' dan; talbiet għall-emendar tal-informazzjoni dwar korp jew awtorità tal-kontroll msemmija fl-Artikolu 10(2), se jiġu notifikati lill-Kummissjoni.

(b) sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, il-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll se jibgħat rapport annwali konċiż lill-Kummissjoni; ir-rapport annwali se jaġġorna l-informazzjoni tal-inkartament tekniku msemmi fl-Artikolu 4(3); dan se jiddeskrivi b'mod partikolari l-attivitajiet tal-kontroll li jkunu saru mill-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll fil-pajjiżi terzi matul is-sena ta' qabel, ir-riżultati miksuba, l-irregolaritajiet u l-vjolazzjonijiet osservati u l-miżuri korrettivi meħuda; barra dan se jkun fih ir-rapport ta' evalwazzjoni l-aktar reċenti jew se jaġġorna t-tali rapport, li se jkun fih ir-riżultati tal-evalwazzjoni fuq il-post regolari, is-sorveljanza u l-evalwazzjoni mill-ġdid multiannwali msemmija fl-Artikolu 32(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007; il-Kummissjoni tista' titlob kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa neċessarja.

(c) fid-dawl ta' kwalunkwe informazzjoni li tirċievi, il-Kummissjoni tista' fi kwalunkwe żmien temenda l-ispeċifikazzjonijiet relatati mal-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll u tista' tissospendi d-dħul ta' dak il-korp jew awtorità fil-lista msemmija fl-Artikolu 10; deċiżjoni simili tista' wkoll tittieħed fejn korp jew awtorità tal-kontroll ma' pprovdietx l-informazzjoni meħtieġa jew fejn ma aċċettatx eżaminazzjoni fuq il-post.

(d) il-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll se jpoġġu għad-dispożizzjoni tal-partijiet interessati, permezz ta' mezzi elettroniċi, lista kontinwament aġġornata tal-operaturi, u tal-prodotti ċertifikati bħala organiċi.

2. Jekk korp tal-kontroll jew awtorità tal-kontroll ma jibgħatx ir-rapport annwali, imsemmi fil-paragrafu 1(b), ma jżommx disponibbli jew ma jikkomunikax l-informazzjoni kollha relatata mal-inkartament tekniku, is-sistema tal-kontroll jew il-lista aġġornata tal-operaturi u l-prodotti ċertifikati bħala organiċi, jew ma jaċċettax eżaminazzjoni fuq il-post, wara talba mill-Kummissjoni f'perjodu ta' żmien li l-Kummissjoni se tiddetermina skond is-severità tal-problema u li ġeneralment ma jistax ikun ta' anqas minn 30 ġurnata, dak il-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll jista' jitneħħa mil-lista tal-korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet tal-kontroll, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 37(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.

Jekk korp tal-kontroll jew awtorità tal-kontroll jonqos milli jieħu l-azzjoni għal rimedju xierqa u opportun, il-Kummissjoni se tneħħih mil-lista mingħajr dewmien.

*KAPITOLU 3*

***Ħruġ għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa ta' prodotti importati skond l-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007***

*Artikolu 13*

**Ċertifikat ta' spezzjoni**

1. Il-ħruġ għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità ta' konsenja ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u importata skont l-Artikolu 33 ta' dak ir-Regolament se ssir bil-kundizzjoni ta':

(a) sottomissjoni ta' ċertifikat ta' spezzjoni oriġinali lill-awtorità tal-Istat Membru rilevanti, u

(b) verifikazzjoni tal-konsenja mill-awtorità tal-Istat Membru rilevanti u l-endorsjar taċ-ċertifikat ta' spezzjoni skond il-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu.

2. Iċ-ċertifikat ta' spezzjoni oriġinali se jiġi stabbilit skond l-Artikolu 17(2) u l-paragrafi 3 sa 7 ta' dan l-Artikolu, fuq il-bażi tal-mudell u n-noti stabbiliti fl-Anness V. In-noti tal-mudell, flimkien mal-linji gwida msemmija fl-Artikolu 17(2), se jitqiegħdu għad-dispożizzjoni mill-Kummissjoni permezz ta' sistema informatika li tippermetti l-iskambju elettroniku tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 17.

3. Sabiex jiġi aċċettat, iċ-ċertifikat ta' spezzjoni jrid ikun inħareġ minn:

(a) l-awtorità tal-kontroll jew il-korp tal-kontroll li kienet aċċettata għall-ħruġ taċ-ċertifikat ta' spezzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 7(2), minn pajjiż terz rikonoxxut taħt l-Artikolu 8(4), jew

(b) l-awtorità tal-kontroll jew il-korp tal-kontroll fil-pajjiż terz elenkata għall-pajjiż terz konċernat rikonoxxut taħt l-Artikolu 11(5).

4. L-awtorità jew il-korp li qed toħroġ iċ-ċertifikat ta' spezzjoni għandha toħroġ iċ-ċertifikat ta' spezzjoni u tendorsja d-dikjarazzjoni fil-kaxxa 15 taċ-ċertifikat, biss wara

(a) li tkun għamlet kontroll dokumentarju fuq il-bażi tad-dokumenti ta' spezzjoni rilevanti, inkluż b'mod partikolari l-pjan ta' produzzjoni għall-prodotti konċernati, id-dokumenti tat-trasport u d-dokumenti kummerċjali; u

(b) tkun jew għamlet kontroll fiżiku tal-konsenja, jew irċeviet dikjarazzjoni espliċita tal-esportatur li jiddikjara li l-konsenja konċernata ġiet prodotta u/jew ippreparata skond l-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007; din se tagħmel verifika fuq ir-riskju relatat mal-kredibilità ta' din id-dikjarazzjoni.

Barra dan se tagħti numru tas-serje lil kull ċertifikat maħruġ u se żżomm reġistru taċ-ċertifikati kkunsinjati f'ordni kronoloġiku.

5. Iċ-ċertifikat ta' spezzjoni se jsir f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Komunità u jimtela, minbarra għat-timbri u l-firem, kollu kemm hu b'ittri kapitali jew b'ittri stampati.

Iċ-ċertifikat ta' spezzjoni se jkun f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru tad-destinazzjoni. Fejn neċessarju, l-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru se jitolbu traduzzjoni taċ-ċertifikat ta' spezzjoni f'waħda mil-lingwi uffiċjali tiegħu.

Alterazzjonijiet jew taħsir mhux ċertifikati jinvalidaw iċ-ċertifikat.

6. Iċ-ċertifikat ta' spezzjoni se jkollu kopja oriġinali waħda.

L-ewwel destinatarju jew, fejn rilevanti, l-importatur se jagħmel kopja biex jinforma lill-awtoritajiet tal-kontroll u l-korpi tal-kontroll skond l-Artikolu 83 tar-Regolament (KE) Nru 889/2008. Kwalunkwe kopja bħal din se jkollha l-indikazzjoni "KOPJA" jew "DUPLIKAT" stampata fuqha.

7. Għall-prodotti importati taħt ir-regoli transizzjonali stipulati fl-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament, se japplika dan li ġej:

(a) iċ-ċertifikat ta' spezzjoni msemmi fil-paragrafu 3(b) sejjer, fiż-żmien li jiġi sottomess skond il-paragrafu 1, jinkludi fil-kaxxa 16 id-dikjarazzjoni tal-awtorità kompetenti fl-Istat Membru li tat l-awtorizzazzjoni skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 19;

(b) l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru li tat l-awtorizzazzjoni se tiddelega l-kompetenza għad-dikjarazzjoni fil-kaxxa 16 lill-awtorità tal-kontroll jew il-korp tal-kontroll li qed tispezzjona l-importatur skond il-miżuri tal-kontroll stabbiliti fit-Titolu V tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, jew lill-awtoritajiet definiti bħala l-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru.

(c) id-dikjarazzjoni fil-kaxxa 16 mhijiex meħtieġa:

(i) meta l-importatur jippreżenta dokument oriġinali, maħruġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li tat l-awtorizzazzjoni skond l-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament, li juri li l-konsenja hija koperta minn dik l-awtorizzazzjoni; jew

(ii) meta l-awtorità tal-Istat Membru, li tat l-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 19, tat evidenza sodisfaċenti li l-konsenja hija koperta minn dik l-awtorizzazzjoni, direttament lill-awtorità responsabbli għall-verifikazzjoni tal-konsenja; din il-proċedura ta' informazzjoni diretta mhijiex obbligatorja għall-Istat Membru li ta l-awtorizzazzjoni;

(d) id-dokument li jagħti l-evidenza meħtieġa fil-punti c(i) u (ii), se jinkludi:

(i) in-numru ta' referenza tal-awtorizzazzjoni tal-importazzjoni u d-data ta' tmiem tal-awtorizzazzjoni;

(ii) l-isem u l-indirizz tal-importatur;

(iii) it-tielet pajjiż ta' oriġini;

(iv) id-dettalji tal-korp jew l-awtorità li qed joħroġ id-dokument, u, fejn differenti, id-dettaliji tal-korp jew l-awtorità ta' spezzjoni fil-pajjiż terz;

(v) l-ismijiet tal-prodotti konċernati.

8. Mal-verifikazzjoni tal-konsenja, iċ-ċertifikat ta' spezzjoni oriġinali se jiġi endorsjat mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru fil-kaxxa 17 u ritornat lill-persuna li ssottomettiet iċ-ċertifikat.

9. L-ewwel destinatarju sejjer, malli jirċievi l-konsenja, jikkompleta l-kaxxa 18 tal-oriġinali taċ-ċertifikat ta' spezzjoni, biex jiċċertifika li r-riċeviment tal-konsenja sar skond l-Artikolu 34 tar-Regolament (KE) Nru 889/2008.

L-ewwel destinatarju se jibgħat l-oriġinali taċ-ċertifikat lill-importatur imsemmi fil-kaxxa 11 taċ-ċertifikat, għall-iskopijiet tar-rekwiżiti stabbiliti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 33(1) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, sakemm iċ-ċertifikat ma jridx jakkompanja l-konsenja msemmija fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu.

10. Iċ-ċertifikat ta’ spezzjoni jista’ jiġi stabbilit permezz ta’ mezzi elettroniċi, bl-użu tal-metodu mqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtorijiet tal-kontroll jew il-korpi tal-kontroll mill-Istat Membru konċernat. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jitolbu li ċ-ċertifikat ta’ spezzjoni jiġi akkumpanjat minn firma elettronika fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1]. Fil-każijiet l-oħra kollha, l-awtoritajiet kompetenti se jeħtieġu firma elettronika li toffri assigurazzjonijiet ekwivalenti dwar il-funzjonalitajiet attribwiti lill-firma permezz tal-applikazzjoni tal-istess regoli u kundizzjonijiet bħal dawk definiti fid-dispożizzjonijiet tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti elettroniċi jew diġitalizzati, stabbiliti permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/563/KE, Euratom [2].

*Artikolu 14*

**Proċeduri speċjali tad-dwana**

1. Fejn konsenja li ġejja minn pajjiż terz tiġi assenjata għad-depożitu doganali jew għall-perfezzjonament attiv fil-forma ta’ reġim ta’ sospensjoni kif stipulat fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 [3], u suġġetta għal wieħed jew aktar preparazzjonijiet kif definiti fl-Artikolu 2(i) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, il-konsenja se tiġi suġġetta, qabel ma ssir l-ewwel preparazzjoni, għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 13(1) ta’ dan ir-Regolament.

Il-preparazzjoni tista’ tinkludi operazzjonijiet bħal:

(a) ippakkjar jew ippakkjar mill-ġdid; jew

(b) tikkettar dwar il-preżentazzjoni tal-metodu tal-produzzjoni organiku.

Wara din il-preparazzjoni, l-oriġinal endorsjat taċ-ċertifikat ta’ spezzjoni se jakkompanja l-konsenja, u se jiġi ppreżentat lill-awtorità rilevanti tal-Istat Membru, li se tivverifika l-konsenja biex tinħeles għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa.

Wara din il-proċedura, l-oriġinali taċ-ċertifikat ta’ spezzjoni se, fejn rilevanti, jiġi ritornat lill-importatur tal-konsenja, imsemmi fil-kaxxa 11 taċ-ċertifikat biex jissodisfa r-rekwiżit stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 33(1) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.

[1] ĠU L 13, 19.1.2000, p. 12.
[2] ĠU L 251, 27.7.2004, p. 9.
[3] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

2. Fejn, taħt proċedura sospensiva tad-dwana skond ir-Regolament (KEE) Nru 2913/92, konsenja minn pajjiż terz hija maħsuba biex tiġi sottomessa fi Stat Membru, qabel ir-rilaxx tagħha għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità, għal taqsim tagħha f’konsenji differenti, il-konsenja se tiġi suġġetta, qabel ma jsir it-taqsim, għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament.

Għal kull waħda mill-konsenji li tirriżulta mit-taqsim, se jiġi sottomess estratt taċ-ċertifikat ta’ spezzjoni lill-awtorità rilevanti tal-Istat Membru, skond il-mudell u n-noti stabbiliti fl-Anness VI. L-estratt miċ-ċertifikat se jiġi endorsjat mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru fil-kaxxa 14.

Kopja ta’ kull estratt endorsjat miċ-ċertifikat ta’ spezzjoni se tinżamm flimkien maċ-ċertifikat ta’ spezzjoni oriġinali mill-persuna identifikata bħala l-importatur oriġinali tal-konsenja u msemmija fil-kaxxa 11 taċ-ċertifikat ta’ spezzjoni. Din il-kopja se ġġorr l-indikazzjoni “KOPJA” jew “DUPLIKAT” stampat fuqha.

Wara t-taqsim, l-orġinali endorsjata ta’ kull estratt taċ-ċertifikat ta’ spezzjoni għandha takkompanja l-konsenja konċernata, u se tiġi preżentata lill-awtorità rilevanti tal-Istat Membru, li se tivverifikata l-konsenja konċernata biex tinħeles għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa.

Id-destinatarju tal-konsenja sejjer, malli jirċeviha, jikkompleta l-oriġinali tal-estratt taċ-ċertifikat ta’ spezzjoni fil-kaxxa 15, sabiex jiċċertifika li r-riċeviment tal-konsenja sar skond l-Artikolu 34 tar-Regolament (KE) Nru 889/2008.

Id-destinatarju tal-konsenja se jżomm l-estratt taċ-ċertifikat ta’ spezzjoni disponibbli għall-awtoritajiet tal-kontroll u/jew il-korpi tal-kontroll għal mhux anqas minn sentejn.

3. L-operazzjonijiet tal-preparazzjoni u tat-taqsim imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 se jsiru skond id-dispożizzjonijiet rilevanti stabbiliti fit-Titolu V tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u fit-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 889/2008.

*Artikolu 15*

**Prodotti li ma jikkonformawx**

Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżuri jew azzjonijiet li jittieħdu skond l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u/jew l-Artikolu 85 tar-Regolament (KE) Nru 889/2008, il-ħelsien għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità ta’ prodotti li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti ta’ dak ir-Regolament se jkun kondizzjonali fuq it-tneħħija ta’ referenza għall-produzzjoni organika mit-tikkettar, ir-reklamar u d-dokumenti li jakkompanjawhom.

TITOLU IV

**REGOLI KOMUNI**

*Artikolu 16*

**Evalwazzjoni tat-talbiet u pubblikazzjoni tal-listi**

1. Il-Kummissjoni se teżamina t-talbiet li tirċievi skond l-Artikoli 4, 8 u 11 bl-assistenza tal-Kumitat fuq il-produzzjoni organika, imsemmi fl-Artikolu 37(1) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat"). Għal dan l-iskop il-Kumitat se jaddotta regoli ta' proċedura speċifiċi interni.

Sabiex tassisti lill-Kummissjoni fl-eżaminazzjoni tat-talbiet u filġestjoni u r-reviżjoni tal-listi, il-Kummissjoni se twaqqaf grupp ta' esperti li jikkonsisti minn esperti tal-gvern u privati.

2. Għal kull talba li tirċievi, u wara konsultazzjoni xierqa mal-Istati Membri skond ir-regoli speċifiċi interni tal-proċedura, il-Kummissjoni se tinnomina żewġ Stati Membri biex jaġixxu bħala ko-relaturi. Il-Kummissjoni se taqsam it-talbiet bejn l-Istati Membri f'mod proporzjonali għan-numru ta' voti ta' kull Stat Membru fil-Kumitat fuq il-produzzjoni organika. L-Istati Membri li qed jikkorelataw se jeżaminaw id-dokumentazzjoni u l-informazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 4, 8 u 11 relatati mat-talba u se jippreparaw rapport. Għall-ġestjoni u r-reviżjoni tal-listi, dawn se jeżaminaw ir-rapport annwali u kwalunkwe informazzjoni oħra msemmija fl-Artikoli 5, 9 u 12 relatati mal-annotazzjonijiet fuq il-listi.

3. B'kunsiderazzjoni għar-riżultat tal-eżaminazzjoni mill-Istati Membri li qed jikkorelataw, il-Kummissjoni se tiddeċiedi, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 37(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, fuq ir-rikonoxximent ta' pajjiżi terzi, korpi tal-kontroll jew awtoritajiet tal-kontroll, l-inklużjoni tagħhom fil-listi jew kwalunkwe modifika tal-listi, inkluż l-attribuzzjoni ta' numru ta' kodiċi lil dawk il-korpi u awtoritajiet. Id-deċiżjonijiet se jiġu ppubblikati f*Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea*.

4. Il-Kummissjoni se tagħmel il-listi disponibbli għall-pubbliku permezz ta' kwalunkwe mezzi tekniċi xierqa, inkluż il-pubblikazzjoni fuq l-Internet.

*Artikolu 17*

**Komunikazzjoni**

1. Meta jkunu qed jittrasmettu dokumenti jew informazzjoni oħra msemmija fl-Artikoli 32 u 33 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u f'dan ir-Regolament lill-Kummissjoni jew lill-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi, l-awtoritajiet tal-kontroll jew il-korpi tal-kontroll se jużaw trasmissjoni elettronika. Meta jkunu disponibbli sistemi tat-trasmissjoni elettroniċi speċifiċi mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri, dawn se jużaw dawn is-sistemi. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri wkoll se jużaw dawn is-sistemi biex jipprovdu d-dokumenti konċernati lil xulxin.

2. Għall-forma u l-kontenut tad-dokumenti u l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 32 u 33 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni se tistabbilixxi linji gwida, mudelli u kwestjonarji fejn xieraq u tagħmilhom disponibbli fuq is-sistema informatika msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawn il-linji gwida, mudelli u kwestjonarji se jiġu addattati u aġġornati mill-Kummissjoni, wara li tkun informat lill-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi, kif ukoll lill-awtoritajiet tal-kontroll u l-korpi tal-kontroll rikonoxxuti skond dan ir-Regolament.

3. Is-sistema informatika li hemm provvediment għaliha fil-paragrafu 1 għandha tkun tista' tiġbor it-talbiet, id-dokumenti u l-informazzjoni msemmija f'dan ir-Regolament fejn xieraq, inkluż l-awtorizzazzjonijiet mogħtija skond l-Artikolu 19.

4. Id-dokumenti depożitati msemmija fl-Artikoli 32 u 33 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u f'dan ir-Regolament, b'mod partikolari fl-Artikoli 4, 8 u 11, se jinżammu mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi, l-awtoritajiet tal-kontroll jew il-korpi tal-kontroll għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u l-Istati Membri għal minn ta' lanqas tliet snin wara s-sena li fiha jkun sar il-kontroll jew ġew kunsinjati ċ-ċertifikati ta' spezzjoni u l-evidenza dokumentarja.

5. Fejn dokument jew proċedura li hemm provvediment għalihom fl-Artikoli 32 u 33 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 jew fir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tagħha jeħtieġ firma ta' persuna awtorizzata jew l-awtorizzazzjoni ta' persuna f'wieħed jew aktar mill-istadji ta' dik il-proċedura, is-sistemi informatiċi li twaqqfu għall-komunikazzjoni ta' dawk id-dokumenti jridu jrendu possibbli l-identifikazzjoni ta' kull persuna mingħajr ambigwità u jipprovdu assigurazzjoni raġonevoli li l-kontenut tad-dokumenti, inkluż dwar l-istadji tal-proċedura, ma jistax jiġi alterat, skond il-leġislazzjoni tal-Komunità, u b'mod partikoli mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/563/KE, Euratom.

TITOLU V

**REGOLI FINALI U TRANSIZZJONALI**

*Artikolu 18*

**Regoli transizzjonali fuq il-lista tal-pajjiżi terzi**

Talbiet għall-inklużjoni minn pajjiżi terzi sottomessi skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 345/2008 qabel l-1 ta' Jannar 2009 se jiġu ttrattati bħala applikazzjonijiet taħt l-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament.

L-ewwel lista ta' pajjiżi rikonoxxuti se tinkludi l-Arġentina, l-Awstralja, il-Kosta Rika, l-Indja, New Zealand u l-ISVIZZERA. Mhux se jkun fiha n-numri ta' kodiċi msemmija fl-Artikolu 7(2)(f) ta' dan ir-regolament. Dawn in-numri ta' kodiċi se jiġu miżjuda qabel Lulju 2010 permezz ta' aġġornament tal-lista skont l-Artikolu 17(2).

*Artikolu 19*

**Regoli transizzjoniali fuq l-importazzjoni ekwivalenti ta' prodotti li ma joriġinawx mill-pajjiżi terzi elenkati**

1. Skond l-Artikolu 40 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tawtorizza lill-importaturi f'dak l-Istat Membru, fejn importatur ta notifika dwar l-attività tiegħu skond l-Artikolu 28 ta' dak ir-Regolament, biex ipoġġi fis-suq il-prodotti importati minn pajjiżi terzi li mhumiex inklużi fil-lista msemmija fl-Artikolu 33(2) ta' dak ir-Regolament, sakemm l-importatur jipprovdi evidenza suffiċjenti li turi li l-kundizzjonijiet msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 33(1) ta' dak ir-Regolament ġew sodisfatti.

Fejn, wara li tat permess lill-importatur jew lil kwalunkwe persuna oħra konċernata biex jikkummenta, l-Istat Membru jikkunsidra li dawk il-kundizzjonijiet m'għadhomx jiġu sodisfatti, se tirtira l-awtorizzazzjoni tagħha.

L-awtorizzazzjonijiet se jintemmu mhux aktar tard minn 24 xahar wara l-pubblikazzjoni tal-ewwel lista tal-korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet tal-kontroll rikonoxxuti skond l-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament.

Il-prodott importat se jiġi kopert minn ċertifikat ta' spezzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 13, maħruġ mill-awtorità tal-kontroll jew il-korp tal-kontroll li ġiet aċċettata biex toħroġ iċ-ċertifikat ta' spezzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li qed jagħti l-awtorizzazzjoni. L-oriġinali taċ-ċertifikat se jakkompanja l-oġġetti sal-post tal-ewwel destinatarju. Minn hemm 'il quddiem l-importatur irid iżomm iċ-ċertifikat għad-dispożizzjoni tal-korp tal-kontroll u, fejn xieraq tal-awtorità tal-kontroll, għal mhux anqas minn sentejn.

2. Kull Stat Membru se jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni ta' kull awtorizzazzjoni li tingħata skond dan l-Artikolu, inkluż informazzjoni dwar l-istandards tal-produzzjoni u l-arranġamenti tal-kontroll konċernati.

3. Fuq it-talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, awtorizzazzjoni li ngħatat skond dan l-Artikolu se tiġi eżaminata mill-Kumitat fuq il-produzzjoni organika. Jekk l-eżaminazzjoni turi li l-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 33(1) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 ma ġewx sodisfatti, il-Kummissjoni se teħtieġ lill-Istat Membru li ta l-awtorizzazzjoni biex jirtiraha.

4. L-Istati Membri ma jistgħux jibqgħu jagħtu l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu mid-data ta' 12-il xahar wara l-pubblikazzjoni tal-ewwel lista tal-korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet tal-kontroll imsemmija fl-Artikolu 11(5) ħlief fil-każ fejn il-prodotti importati konċernati huma oġġetti li l-produzzjoni tagħhom fil-pajjiż terz kienet ikkontrollata minn korp tal-kontroll jew awtorità tal-kontroll li mhux fil-lista stabbilita skont l-Artikolu 10.

5. L-Istati Membri ma jistgħux jibqgħu jagħtu l-awtorizzazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 mill-1 ta' Jannar 2013.

6. Kwalunkwe awtorizzazzjoni għall-bejgħ ta' prodotti importati minn pajjiż terz li kienet, qabel il-31 ta' Diċembru 2008, ingħatat lill-importatur mill-Awtorità Kompetenti ta' Stat Membru taħt l-Artikolu 11(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91 se tintemm mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2009.

*Artikolu 20*

**Tħassir**

Ir-Regolamenti (KE) Nru 345/2008 u (KE) Nru 605/2008 qed jiġu mħassra.

Referenzi għar-Regolamenti mħassra se jinftehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u se jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VII.

*Artikolu 21*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament se jidħol fis-seħħ fis-seba' ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Se jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2009.

Dan ir-Regolament se jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament għall-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 8 ta' Diċembru 2008.

*F'isem il-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

**LISTA TAL-KORPI TAL-KONTROLL U L-AWTORITAJIET TAL-KONTROLL GĦALL-ISKOP TA' KONFORMITÀ U L-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET RILEVANTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 3**

*ANNESS II*

## MUDELL TAL-EVIDENZA DOKUMENTARJA

### msemmija fl-Artikolu 6(1)

<table>
<tr><td colspan="2">Evidenza dokumentarja lill-operatur skond l-Artikoli 32(1)(c) u 29(1) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, meħtieġa għall-importazzjoni ta' prodotti konformi skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008<br><br>1. Numru tad-Dokument:</td></tr>
<tr><td>2. Isem u indirizz tal-operatur:<br><br>attività prinċipali (produttur, proċessur, importatur, eċċ):</td><td>3. Isem, indirizz u numru tal-kodiċi tal-korp/awtorità tal-kontroll:</td></tr>
<tr><td>4. Gruppi ta' prodotti/attività:<br><br>— Pjanti u prodotti tal-pjanti:<br><br>— Bhejjem u prodotti tal-bhejjem:<br><br>— Prodotti pproċessati:</td><td>5. Definiti bħala:<br><br>produzzjoni organika, prodotti li qed jiġu konvertiti, u wkoll produzzjoni mhux organika, fejn qed issir produzzjoni/proċessar parallela skond l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007</td></tr>
<tr><td>6. Perjodu ta' validità:<br><br>Prodotti tal-pjanti minn … sa …<br><br>Prodotti tal-bhejjem minn … sa …<br><br>Prodotti pproċessati minn … sa …</td><td>7. Data tal-kontroll(i):</td></tr>
<tr><td colspan="2">8. Dan id-dokument inħareġ skond l-Artikoli 32(1)(c) u 29(1) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008. L-operatur dikjarat issottometta l-attivitajiet tiegħu taħt il-kontroll, u ssodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti msemmija.<br><br>Data, post:<br><br>Firma f'isem tal-korp/awtorità li qed joħroġ iċ-ċertifikat:</td></tr>
</table>

*ANNESS III*

## LISTA TA' PAJJIŻI TERZI U L-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET RILEVANTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 7

ARĠENTINA

1. **Kategoriji tal-prodotti:**

   (a) prodotti agrikoli ħajjin jew mhux ipproċessati u materjal tal-propagazzjoni veġetattiv u żrieragħ għall-koltivazzjoni minbarra:

   — bhejjem u prodotti tal-bhejjem, li għandhom jew li huma maħsuba biex ikollhom indikazzjonijiet li jirreferu għal konverżjoni;

   (b) prodotti agrikoli pproċessati għall-użu bħala ikel minbarra:

   — prodotti tal-bhejjem li fihom jew li huma maħsuba biex ikollhom indikazzjonijiet li jirreferu għall-konverżjoni.

2. **Oriġini:** Prodotti tal-kategorija 1(a) u ingredjenti prodotti f'mod organiku fil-prodotti tal-kategorija 1(b) li ġew prodotti fl-Arġentina.

3. **Standards tal-produzzjoni:** Ley 25 127 sobre "Producción ecológica, biológica y orgánica"

4. **Awtorità kompetenti:** Servicio Nacional de Sanidad y Calidad Agroalimentaria SENASA, www.senasa.gov.ar

5. **Korpi tal-kontroll:**

   — Food Safety SA, www.foodsafety.com.ar

   — Instituto Argentino para la Certificación y Promoción de Productos Agropecuarios Orgánicos SRL (Argencert), www.argencert.com

   — Letis SA, www.letis.com.ar

   — Organización Internacional Agropecuaria (OIA), www.oia.com.ar

6. **Korpi li joħorġu ċ-ċertifikati:** bħall-punt 5.

7. **Dewmien tal-inklużjoni:** 30 ta' Ġunju 2013.

AWSTRALJA

1. **Kategoriji tal-prodotti:**

   (a) għelejjel mhux ipproċessati u materjal tal-propagazzjoni veġetattiv u żrieragħ għall-koltivazzjoni,

   (b) prodotti agrikoli proċessati għall-użu bħala ikel kompost essenzjalment minn wieħed jew aktar ingredjenti li joriġina mill-pjanti.

2. **Oriġini:** prodotti tal-kategorija 1(a) u ingredjenti mkabbra b'mod organiku fil-prodotti tal-kategorija 1(b) li tkabbru fl-Awstralja.

3. **Standards tal-produzzjoni:** Standard nazzjonali għall-għelejjel organiċi u bijodinamiċi

4. **Awtorità kompetenti:** Australian Quarantine and Inspection Service AQIS, www.aqis.gov.au

5. **Korpi u awtoritajiet tal-kontroll:**

   — Australian Certified Organic Pty. Ltd., www.australianorganic.com.au

   — Australian Quarantine and Inspection Service (AQIS), www.aqis.gov.au

   — Bio-dynamic Research Institute (BDRI), www.demeter.org.au

   — National Association of Sustainable Agriculture, Awstralja (NASAA), www.nasaa.com.au

   — Organic Food Chain Pty Ltd (OFC), www.organicfoodchain.com.au

6. **Korpi u awtoritajiet li joħorġu ċ-ċertifikati:** bħall-punt 5.

7. **Dewmien tal-inklużjoni:** 30 ta' Ġunju 2013.

KOSTA RIKA

1. **Kategoriji tal-prodotti:**

   (a) għelejjel mhux ipproċessati u materjal tal-propagazzjoni veġetattiv u żrieragħ għall-koltivazzjoni;

   (b) għelejjel ipproċessati għall-użu bħala ikel.

2. **Oriġini:** Prodotti tal-kategorija 1(a) u ingredjenti mkabbra f'mod organiku fil-prodotti tal-kategorija 1(b) li ġew prodotti fil-Kosta Rika.

3. **Standards tal-produzzjoni:** Reglamento sobre la agricultura orgánica

4. **Awtorità kompetentii:** Servicio Fitosanitario del Estado, Ministerio de Agricultura y Ganadería, www.protecnet.go.cr/SFE/Organica.htm

5. **Korpi tal-kontroll:**

   — BCS Oko-Garantie, www.bcs-oeko.com

   — Eco-LOGICA, www.eco-logica.com

6. **Awtorità li toħroġ iċ-ċertifikati:** Ministerio de Agricultura y Ganadería.

7. **Dewmien tal-inklużjoni:** 30 ta' Ġunju 2011.

INDJA

1. **Kategoriji tal-prodotti:**

   (a) għelejjel mhux ipproċessati u materjal tal-propagazzjoni veġetattiv u żrieragħ għall-koltivazzjoni;

   (b) prodotti agrikoli pproċessati għall-użu bħala ikel komposti essenzjalment minn wieħed jew aktar ingredjenti li joriġinaw mill-pjanti.

2. **Oriġini:** prodotti tal-kategorija 1(a) u ingredjenti mkabbra b'mod organiku fil-prodotti tal-kategorija 1(b) li tkabbru fl-Indja.

3. **Standards tal-produzzjoni:** Programm Nazzjonali għall-Produzzjoni Organika

4. **Awtorità kompetenti:** Agricultural and Processed Food Export Development Authority APEDA, www.apeda.com/organic

5. **Korpi u awtoritajiet tal-kontroll:**

   — APOF Organic Certification Agency (AOCA), www.aoca.in

   — Bureau Veritas Certification India Pvt. Ltd, www.bureauveritas.co.in

   — Control Union Certifications, www.controlunion.com

   — Ecocert SA (India Branch Office), www.ecocert.in

   — IMO Control Private Limited, www.imo.ch

   — Indian Organic Certification Agency (Indocert), www.indocert.org

   — Lacon Quality Certification Pvt. Ltd, www.laconindia.com

   — Natural Organic Certification Association, www.nocaindia.com

   — OneCert Asia Agri Certification private Limited, www.onecertasia.in

— SGS India Pvt. Ltd, www.in.sgs.com

— Uttaranchal State Organic Certification Agency (USOCA), www.organicuttarakhand.org/products_certification.htm

— Rajasthan Organic Certification Agency (ROCA), http://www.rajasthankrishi.gov.in/Departments/SeedCert/index_eng.asp

6. **Korpi u awtoritajiet li joħorġu ċ-ċertifikati:** bħall-punt 5.

7. **Dewmien tal-inklużjoni:** 30 ta' Ġunju 2009.

IŻRAEL

1. **Kategoriji tal-prodotti:**

(a) għelejjel mhux ipproċessati u materjal tal-propagazzjoni veġetattiv u żrieragħ għall-koltivazzjoni,

(b) prodotti agrikoli pproċessati għall-użu bħala ikel komposti essenzjalment minn wieħed jew aktar ingredjenti li joriġinaw mill-pjanti.

2. **Oriġini:** prodotti tal-kategorija 1(a) u ingredjenti mkabbra b'mod organiku fil-prodotti tal-kategorija 1(b) li ġew prodotti fl-Iżrael jew li ġew importati fl-Iżrael:

— jew mill-Komunità,

— jew minn pajjiż terz fil-kwadru tar-reġim li huma rikonoxxuti bħala ekwivalenti skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.

3. **Standards tal-produzzjoni:** Standard nazzjonali għall-pjanti mkabbra organikament u l-prodotti tagħhom

4. **Awtorità kompetenti:** Plant Protection and Inspection Services (PPIS), www.ppis.moag.gov.il

5. **Korpi u awtoritajiet tal-kontroll:**

— AGRIOR Ltd.-Organic Inspection & Certification, www.agrior.co.il

— IQC Institute of Quality & Control, www.iqc.co.il

— Plant Protection and Inspection Services (PPIS), www.ppis.moag.gov.il

— Skal Israel Inspection & Certification, www.skal.co.il

6. **Korpi u awtoritajiet li joħorġu ċ-ċertifikati:** bħall-punt 5.

7. **Dewmien tal-inklużjoni:** 30 ta' Ġunju 2013.

SVIZZERA

1. **Kategoriji tal-prodotti:** prodotti agrikoli ħajjin jew mhux ipproċessati u materjal tal-propagazzjoni veġetattiv, prodotti agrikoli pproċessati għall-użu bħala ikel, għalf u żrieragħ

— prodotti prodotti matul il-perjodu ta' konverżjoni u prodotti li fihom ingredjent ta' oriġini agrikola prodott matul il-perjodu ta' konverżjoni

2. **Oriġini:** Prodotti u ingredjenti prodotti b'mod organiku fil-prodotti li ġew prodotti fl-Isvizzera jew li ġew importati fl-Isvizzera:

— jew mill-Komunità,

— jew minn pajjiż terz li għalih l-Isvizzera rrikonoxxiet li l-prodotti ġew prodotti u kkontrollati f'dak il-pajjiż terz taħt regoli ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-leġislazzjoni svizzera

3. **Standards tal-produzzjoni:** Ordinanza fuq il-biedja organika u t-tikkettar ta' prodotti tal-pjanti prodotti b'mod organiku u l-oġġetti tal-ikel

4. **Awtorità kompetenti:** Federal Office for Agriculture FOAG, http://www.blw.admin.ch/themen/00013/00085/00092/index.html?lang=en

5. **Korpi tal-kontroll:**

— Bio Test Agro (BTA), www.bio-test-agro.ch

— bio.inspecta AG, www.bio-inspecta.ch

— Institut für Marktökologie (IMO); www.imo.ch

— ProCert Safety AG, www.procert.ch

6. **Korpi li joħorġu ċ-ċertifikati:** bħall-punt 5.

7. **Dewmien tal-inklużjoni:** 30 ta' Ġunju 2013.

NEW ZEALAND

1. **Kategoriji tal-prodotti:**

(a) prodotti agrikoli ħajjin jew mhux ipproċessati u materjal tal-propagazzjoni veġetattiv u żrieragħ għall-koltivazzjoni, minbarra:

— bhejjem u prodotti tal-bhejjem li fihom jew li huma maħsuba biex ikun fihom indikazzjoniet li jirreferu għall-konverżjoni,

— prodotti mill-akkwakultura;

(b) prodotti agrikoli pproċessati għall-użu bħala ikel minbarra:

— prodotti tal-bhejjem li fihom jew li huma maħsuba biex ikun fihom indikazzjoniet li jirreferu għall-konverżjoni;

— prodotti li fihom prodotti mill-akkwakultura.

2. **Oriġini:** Prodotti tal-kategorija 1(a) u ingredjenti prodotti b'mod organiku fil-prodotti tal-kategorija 1(b) li ġew prodotti fi New Zealand jew li ġew importati ġo New Zealand

— jew mill-Komunità,

— jew minn pajjiż terz fi ħdan il-kwadru ta' reġim li huwa rikonoxxut bħala ekwivalenti skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007,

— jew minn pajjiż terz li r-regoli tal-produzzjoni u s-sistema ta' spezzjoni tiegħu ġew rikonoxxuti bħala ekwivalenti mill-Programm ta' Assigurazzjoni Uffiċjali tal-Ikel MAF fuq il-bażi tal-assigurazzjonijiet u l-informazzjoni pprovduti permezz tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti mill-MAF u sakemm jiġu importati biss l-ingredjenti prodotti b'mod organiku maħsuba biex jiġu inkorporati, sa massimu ta' 5 % tal-prodotti ta' oriġini agrikola, fil-prodotti tal-kategorija 1(b) ippreparati fi New Zealand.

3. **Standards tal-produzzjoni:** Regoli Tekniċi għall-Produzzjoni Organika tal-NZFSA

4. **Awtorità kompetenti:** New Zealand Food Safety Authority NZFSA, http://www.nzfsa.govt.nz/organics/

5. **Korpi tal-kontroll:**

— AsureQuality, www.organiccertification.co.nz

— BIO-GRO New Zealand, www.bio-gro.co.nz

6. **Awtorità li toħroġ iċ-ċertifikati:** Ministry of Agriculture and Forestry (MAF) — New Zealand Food Safety Authority (NZFSA).

7. **Dewmien tal-inklużjoni:** 30 ta' Ġunju 2011.

*ANNESS IV*

**LISTA TAL-KORPI TAL-KONTROLL U L-AWTORITAJIET TAL-KONTROLL GĦALL-ISKOP TA’ EKWIVALENZA U L-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET RILEVANTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 10**

*ANNESS V*

## MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TA' SPEZZJONI

**għall-importazzjoni ta' prodotti minn produzzjoni organika għal ġol-Komunità Ewropea msemmi fl-Artikolu 13**

Il-mudell taċ-ċertifikat huwa ddeterminat fir-rigward ta':

— it-test,

— il-format, fuq folja waħda,

— it-tqassim u l-qisien tal-kaxxi.

**KOMUNITÀ EWROPEA - ĊERTIFIKAT TA' L-ISPEZZJONI GĦALL-IMPORTAZZJONI TA' PRODOTTI MILL-PRODUZZJONI ORGANIKA**

| | | |
|---|---|---|
| 1. L-awtorità jew il-korp tal-ħruġ (l-isem u l-indirizz) | 2. Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 834 l-Artikolu 33(2) ☐ jew l-Artikolu 33(3) ☐ jew ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 l-Artikolu 19 D ☐ | |
| 3. In-numru serjali taċ-ċertifikat ta' l-ispezzjoni | 4. Numru tar-referenza ta' l-awtorizzazzjoni permezz ta' l-Artikolu 19 | |
| 5. L-esportatur (l-isem u l-indirizz) | 6. L-awtorità jew il-korp tal-kontroll (l-isem u l-indirizz) | |
| 7. Il-produttur jew min iħejji l-prodott (l-isem u l-indirizz) | 8. Il-pajjiż tal-konsenja<br>9. Il-pajjiż tad-destinazzjoni | |
| 10. L-ewwel kunsinnatarju fil-Komunità (l-isem u l-indirizz) | 11. L-isem u l-indirizz ta' l-importatur | |
| 12. Marki u numri. Kontenituri Nru(i). Numru u tip. L-isem tad-ditta tal-prodott | 13. Kodiċi NM | 14. Kwantità iddikjarata |

15. Dikjarazzjoni mill-korp jew l-awtorità li toħroġ iċ-ċertifikat referut fil-kaxxa 1.

Dan huwa biex jiċċertifika li dan iċ-ċertifikat kien ġie maħruġ fuq il-bażi tal-verifiki meħtieġa permezz ta' l-Artikolu 13(4) tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 u li l-prodotti nnominati hawn fuq kienu ġew akkwistati bi qbil mar-regoli tal-produzzjoni u l-ispezzjcjoni tal-metodu tal-produzzjoni organika li huma meqjusa bħala ekwivalenti bi qbil mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 834/2007.

Data

Isem u firma tal-persuna awtorizzata

Timbru ta' l-awtorità jew il-korp tal-ħruġ

16. Dikjarazzjoni ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-Unjoni Ewropea li tkun tat l-awtorizzazzjoni jew in-nominat tagħha.

Dan huwa biex jiċċertifika li l-prodotti nnominati hawn fuq kienu ġew awtrorizzati għall-marketing fil-Komunità Ewropea bi qbil mal-proċedura ta' l-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 1235/2008, permezz tan-numri ta' l-awtorizzazzjoni msemmija fil-kaxxa 4.

Data

Isem u firma tal-persuna awtorizzata

Timbru ta' l-awtorità kompetenti jew in-nominat tagħha fl-Istat Membru

17. Verifika tal-konsenja mill-awtorità relevanti ta' l-Istat Membru.

Stat Membru: ........................................................................................................

Reġistrazzjoni ta' l-importazzjoni (tip, numru, data u uffiċċju tad-dikjarazzjoni doganali): ......................................................................................................

Data: ......................................................................................................

Isem u firma tal-persuna awtorizzata

Timbru

18. Dikjarazzjoni ta' l-ewwel kunsinnatarju

Dan huwa biex jiċċertifika li l-wasla ta' l-oġġetti kienet ġiet imwettqa bi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 34 tar-Regolament (KE) Nru 899/2008.

L-isem tal-kumpanija

Data

Isem u firma tal-persuna awtorizzata

*Noti*

Kaxxa 1: L-awtorità jew il-korp jew l-awtorità jew il-korp l-ieħor innominat kif referut fl-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008. Dan il-korp jimla wkoll il-kaxxi 3 u 15.

Kaxxa 2: Din il-kaxxa tindika r-Regolamenti tal-KE li huma relevanti għall-ħruġ u l-użu ta' dan iċ-ċertifikat, indika d-dispożizzjonijiet relevanti.

Kaxxa 3: In-numru serjali taċ-ċertifikat mogħti mill-korp jew mill-awtorità tal-ħruġ bi qbil ma' l-Artikolu 13(4) tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008.

Kaxxa 4: In-numru ta' l-awtorizzazzjoni fil-każ ta' l-importazzjoni permezz ta' l-Artikolu 19. Din il-kaxxa hija mimlija mill-kortp tal-ħruġ jew, meta l-informazzjoni ma tkunx għadha disponibbli fil-waqt li l-korp tal-ħruġ jikkonferma l-kaxxa 15, mill-importatur.

Kaxxa 5: L-isem u l-indirizz ta' l-esportatur.

Kaxxa 6: L-awtorità jew il-korp tal-kontoll għal monitoraġġ tal-konformità ta' l-aħħar operazzjoni (produzzjoni, preparazzjoni, inkluż l-ippakkjar u l-ittikkettjar) mar-regoli tal-metodi tal-produzzjoni organika fil-pajjiż terz tal-konsenja.

Kaxxa 7: L-operatur li jkun wettaq l-aħħar operazzjoni (produzzjoni, preparazzjoni, inkluż l-ippakkjar u l-ittikkettjar) dwar il-konsenja fil-pajjiż terz imsemmi fil-kaxxa 8.

Kaxxa 9: Il-pajjiż tad-destinazzjoni jfisser il-pajjiż ta' l-ewwel kunsinnatarju fil-Komunità.

Kaxxa 10: L-isem u l-indirizz ta' l-ewwel kunsinnatarju tal-konsenja fil-Komunità. L-ewwel kunsinnatarju għandu jfisser il-persuna naturali jew legali fejn il-konsenja tkun imwassla u fejn din tkun imqandla għal aktar preparazzjoni u/jew marketing. L-ewwel kunsinnatarju għandu wkoll jimla l-kaxxa 18.

Kaxxa 11: L-isem u l-indirizz ta' l-importatur. L-importatur għandu jfisser il-persuna naturali jew legali fil-Komunità Ewropea li tippreżenta l-konsenja għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità Ewropea, jew waħedha jew permezz ta' rappreżentant.

Kaxxa 13: Il-Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda għall-prodott ikkonċernat.

Kaxxa 14: Il-kwantità ddikjarata, espressa fl-unitajiet xierqa (kg, litri, eċċ.).

Kaxxa 15: Id-dikjarazzjoni tal-korp jew ta' l-awtorità li toħroġ iċ-ċertifikat. Il-firma u t-timbu għandhom ikunu ta' kulur differenti minn dak ta' l-istampar.

Kaxxa 16: Biss għall-importazzjoni permezz tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 19 tar-Regolament (KEE) Nru 1235/2008. Għandha tkun mimlija mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru li tkun tat l-awtorizzazzjoni, jew mill-korp jew mill-awtorità ddelegata fil-każ ta' delegazzjoni bi qbil ma' l-Artikolu 13(7) (b) tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008. M'għandhiex tkun mimlija meta d-deroga ta' l-Artikolu 13(7)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 tkun applikabbli.

Kaxxa 17: Għandha tkun mimlija mill-awtorità relevanti ta' l-Istat Membru jew waqt il-verifika tal-konsenja bi qbil mal-Artikolu 4(1) jew qabel il-preparazzjoni jew l-operazzjoni tal-qsim fiċ-ċirkostanzi referuti fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008.

Kaxxa 18: Għandha tkun mimlija mill-ewwel kunsinnatarju mal-wasla tal-prodotti, meta dan ikun wettaq il-verifiki li hemm provvediment dwarhom l-Artikolu 34, tar-Regolament (KE) Nru 889/2008.

*ANNESS VI*

**MUDELL TAL-ESTRATT TAĊ-ĊERTIFIKAT TA' SPEZZJONI**

**msemmi fl-Artikolu 14**

Il-mudell ta' l-estratt huwa ddeterminat fir-rigward ta':

— it-test,

— il-format,

— it-tqassim u l-qisien tal-kaxxi.

**ESTRATT Nru … MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TA' L-ISPEZZJONI GĦALL-IMPORTAZZJONI TA´ PRODOTTI MILL-PRODUZZJONI ORGANIKA FIL-KOMUNITÀ EWROPEA**

1. Il-korp jew l-awtorità li tkun ghamlet il-ħruġ taċ-ċertifikat ta' l-ispezzjoni relevanti (l-isem u l-indirizz)

2. Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 834 l-Artikolu 33(2) ☐ jew l-Artikolu 33(3) ☐ jew ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 ☐

3. In-numru serjali taċ-ċertifikat ta' l-ispezzjoni relevanti

4. Numru tar-referenza ta' l-awtorizzazzjoni permezz ta' l-Artikolu 19

5. L-operatur li jkun qasam il-konsenja oriġinali f'lottijiet (l-isem u l-indirizz)

6. L-awtorità jew il-korp tal-kontroll (l-isem u l-indirizz)

7. L-isem u l-indirizz ta' l-importatur tal-konsenja oriġinali

8. Il-pajjiż li jkun bagħat il-konsenja oriġinali

9. Il-kwanità totali ddikjarata fil-konsenja oriġinali

10. Il-kunsinnatarju tal-lott akkwistat mill-qasma (l-isem u l-indirizz)

11. Marki u numri. Kontenituri Nru(i). Numru u tip. L-isem tad-ditta tal-lott.

12. Kodiċi NM

13. Il-kwanità ddikjarata tal-lott.

14. Dikjarazzjoni ta' l-awtorità relevanti ta' l-Istat Membru li tikkonferma l-estratt taċ-ċertifikat.

Dan l-estratt jikkorrespondi għal-lott deskritt hawn fuq u akkwistat bil-qasma tal-konsenja li hija koperta biċ-ċertifikat oriġinali ta' l-ispezzjoni bin-numru serjali msemmi fil-kaxxa 3.

Stat Membru: ....................................................................

Data: ...............................................................................

Isem u firma tal-persuna awtorizzata

Timbru

15. Dikjarazzjoni tal-kunsinnatarju tal-lott

Dan hu biex jiċċertifika li l-wasla tal-lott kienet ġiet imwettqa bi qbil mal-punt l-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 889/2008

L-isem tal-kumpanija

Data:

Isem u firma tal-persuna awtorizzata

*Noti*

Estratt Nru …: In-numru ta' l-estratt jikkorrespondi għan-numru tal-lott akkwistat mill-qsim tal-konsenja oriġinali.

Kaxxa 1: L-isem tal-korp jew ta' l-awtorità fil-pajjiż terz li tkun ħarġet iċ-ċertifikat oriġinali ta' l-ispezzjoni.

Kaxxa 2: Din il-kaxxa tindika r-Regolamenti tal-KE li huma relevanti ghall-ħruġ u l-użu ta' dan l-estratt. Indika d-dispożizzjoni relevanti li permezz tagħha l-konsenja oriġinali kienet ġiet importata, ara l-kaxxa 2 taċ-ċertifikat oriġinali ta' l-ispezzjoni.

Kaxxa 3: In-numru serjali taċ-ċertifikat oriġinali li kien ġie mogħti mill-korp jew mill-Awtorità tal-ħruġ bi qbil ma' l-Artikolu 13(4) tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008.

Kaxxa 4: In-numru tar-referenza ta' l-awtorizzazzjoni mogħtija permezz ta' l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008, ara l-kaxxa 4 taċ-ċertifikat oriġinali ta' l-ispezzjoni.

Kaxxa 6: Il-korp jew l-awtorità tal-kontroll inkarigata mill-kontroll ta' l-operatur li jkun qasam il-konsenja.

Kaxxi 7, 8, 9: Ara l-informazzjoni relevanti fiċ-ċertifikat oriġinali ta' l-ispezzjoni.

Kaxxa 10: Il-kunsinnatarju tal-lott (akkwistat mill-qsim) fil-Komunità Ewropea.

Kaxxa 12: Il-Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda tal-lott għall-prodott ikkonċernat.

Kaxxa 13: Il-kwantità ddikjarata, espressa fl-unitajiet xierqa (kg, litri, eċċ.).

Kaxxa 14: Għandha tkun mimlija mill-awtorità relevanti ta' l-Istat Membru għal kull wiehed mil-lottijiet li jirriżultaw mill-operazzjoni tal-qsim referuta fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008.

Kaxxa 15: Ghandha tkun mimlija mal-wasla tal-lott, meta l-kunsinnatarju jkun wettaq il-verifiki li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 33tar-Regolament (KE) Nru 889/2008.

*ANNESS VII*

**Tabella ta' korrelazzjoni msemmija fl-Artikolu 20**

| Regolament (KE) Nru 345/2008 | Regolament (KE) Nru 605/2008 | Dan ir-Regolament |
|---|---|---|
| — | Artikolu 1(1) | Artikolu 1 |
| — | Artikolu 1(2) | — |
| — | Artikolu 2, kliem introduttorji u l-punt (1) | Artikolu 2, kliem introduttorji u l-punt (1) |
| | — | Artikolu 2, punt (2) |
| | Artikolu 2, punt (2) | Artikolu 2, punt (3) |
| | Artikolu 2, punt (3) | Artikolu 2, punt (4) |
| | Artikolu 2, punt (4) | — |
| | Artikolu 2, punt (5) | Artikolu 2, punt (5) |
| — | — | Artikolu 3 |
| — | — | Artikolu 4 |
| — | — | Artikolu 5 |
| — | — | Artikolu 6 |
| Artikolu 1 | — | Artikolu 7 |
| Artikolu 2(1) | — | Artikolu 8(1) |
| Artikolu 2(2) | — | Artikolu 8(2) |
| Artikolu 2(3) | — | Artikolu 8(3) |
| Artikolu 2(4) | — | Artikoli 8(3) u 9(2) |
| — | — | Artikolu 8(4) |
| Artikolu 2(5) | | Artikolu 9(1) |
| Artikolu 2(6) | | Artikoli 9(3) u 9(4) |
| — | — | Artikolu 10 |
| — | — | Artikolu 11 |
| — | — | Artikolu 12 |
| — | Artikoli 3 u 4 | Artikolu 13 |
| — | Artikolu 5 | Artikolu 14 |
| — | Artikolu 6 | Artikolu 15 |
| — | — | Artikolu 16 |
| — | — | Artikolu 17 |
| — | Artikolu 7(1) | — |
| — | Artikolu 7(2) | — |
| — | — | Artikolu 18 |
| — | — | Artikolu 19 |
| Artikolu 3 | Artikolu 8 | Artikolu 20 |

| Regolament (KE) Nru 345/2008 | Regolament (KE) Nru 605/2008 | Dan ir-Regolament |
|---|---|---|
| Artikolu 4 | Artikolu 9 | Artikolu 21 |
| Anness II | — | — |
| — | — | Anness I |
| — | — | Anness II |
| Anness I | — | Anness III |
| — | — | Anness IV |
| — | Anness I | Anness V |
| — | Anness II | Anness VI |
| Anness III | Anness IV | Anness VII |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1236/2008

## tal-11 ta' Diċembru 2008

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1613/2000 li jidderoga mir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 fir-rigward tad-definizzjoni tal-kunċett ta' prodotti li joriġinaw użat għall-iskopijiet tal-iskema ta' preferenzi ġeneralizzati sabiex jieħdu in konsiderazzjoni l-qagħda speċjali fil-Laos fir-rigward ta' xi oġġetti tat-tessuti esportati lejn il-Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità [1], u b' mod partikolari l-Artikolu 247 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju [tal-Komunità] [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 76 tiegħu,

Billi:

(1) Bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 980/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005 li japplika skema tal-preferenzi ġeneralizzati tat-tariffa [3], il-Komunità kkonċediet preferenzi tariffarji ġeneralizzati lil-Laos. Ir-Regolament (KE) Nru 980/2005 għandu jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2008, imma mill-1 ta' Jannar 2009 se jkun hemm minfloku r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 [4], li jikkonferma l-konċessjoni tal-preferenzi tarifarrji msemmija lil-Laos min-naħa tal-Komunità.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 jistabbilixxi d-definizzjoni tal-kunċett tal-prodotti oriġinanti li għandu jintuża għall-finijiet tal-iskema tal-preferenzi tariffarji ġeneralizzati. Ir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 jipprovdi wkoll għal deroga minn dik id-definizzjoni favur il-pajjiżi l-anqas żviluppati li jibbenefikaw mis-sistema ġeneralizzata ta' preferenzi (GSP) li jippreżentaw talba xierqa lill-Komunità b'dan l-effett.

(3) Il-Laos ibbenefika minn deroga tali għal ċerti prodotti tat-tessuti skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1613/2000 [5], li kienet ipprolongata diversi drabi u li għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2008.

(4) Permezz ta' ittra tad-9 ta' Ottubru 2008, il-Laos ressaq talba għall-prolongament tad-deroga skond l-Artikolu 76 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

(5) L-aħħar darba li kienet ipprolongata l-validità tar-Regolament (KE) Nru 1613/2000, skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1807/2006 [6], kien mistenni li regoli tal-oriġini tal-GSP ġodda, aktar sempliċi u li aktar jiffavorixxu l-iżvilupp ikunu applikabbli qabel ma kellha tiskadi d-deroga. Madankollu, regoli tal-oriġini tal-GSP ġodda għadhom ma ġewx addottati, u issa huwa mistenni li t-tali regoli tal-oriġini mhumiex se jkunu implimentati qabel tmiem l-2009.

(6) It-talba turi li l-applikazzjoni tar-regoli tal-oriġini dwar il-ħidma jew l-ipproċessar suffiċjenti u dwar il-kumulazzjoni reġjonali jkollhom effett sinifikanti fuq il-kapaċità tal-industrija tal-ilbies tal-Laos biex tissokta bl-esportazzjoni tagħha lejn il-Komunità, u jkollha effett deterrenti fuq l-investiment. Dan iwassal għal aktar għeluq tal-azjendi u qgħad f'dak il-pajjiż. Barra minn hekk, jidher li l-applikazzjoni tar-regoli tal-oriġini tal-GSP li huma applikabbli fil-preżent, anke għal żmien qasir, x'aktarx ikollha l-effett deskritt hawn fuq.

(7) Il-perjodu ta' prolongament tad-deroga għandu jkopri ż-żmien meħtieġ biex ikunu addottati u implimentati r-regoli l-ġodda tal-oriġini tal-GSP. Ġaladarba l-konklużjoni ta' kuntratti aktar fit-tul li jibbenefikaw mid-deroga hija ta' importanza għal-istabbiltà u t-tkabbir tal-industrija tal-Laos, il-prolongament konċess għandu jkun twil biżżejjed biex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jikkonkludu kuntratti bħal dawn.

(8) B'konsegwenza tal-applikazzjoni tar-regoli tal-oriġini l-ġodda futuri, il-prodotti tal-Laos li fil-preżent huma eliġibbli għat-trattament tariffarju preferenzjali biss permezz tad-deroga għandhom, fil-ġejjieni, ikunu jistgħu jikkwalifikaw bl-applikazzjoni tar-regoli tal-oriġini l-ġodda. Id-deroga f'dak il-waqt issir żejda. Biex tkun żgurata ċ-ċarezza għall-operaturi, għaldaqstant se jkun meħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1613/2000 ikun irrevokat b'effett mid-data li fiha jibdew japplikaw ir-regoli tal-oriġini l-ġodda.

(9) Id-deroga għaldaqstant għandha tkun ipprolongata sad-data tal-applikazzjoni tar-regoli tal-oriġini l-ġodda li għandhom ikunu stipulati fir-Regolament (KEE) Nru 2454/93, imma fi kwalunkwe każ l-applikazzjoni tagħha għandha tintemm fil-31 ta' Diċembru 2010.

[1] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.
[2] ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.
[3] ĠU L 169, 30.6.2005, p. 1.
[4] ĠU L 211, 6.8.2008, p. 1.
[5] ĠU L 185, 25.7.2000, p. 38.
[6] ĠU L 343, 8.12.2006, p. 69.

(10) Ir-Regolament (KE) Nru 1613/2000 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(11) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1613/2000 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

Id-deroga pprovduta fl-Artikolu 1 għandha tapplika għal prodotti ttrasportati direttament mil-Laos u importati fil-Komunità sal-kwantitajiet annwali elenkati fl-Anness għal kull prodott matul il-perjodu mill-15 ta' Lulju 2000 sad-data tal-applikazzjoni ta' emenda għar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 fir-rigward tad-definizzjoni tal-kunċett ta' prodotti oriġinanti użat għall-finijiet tal-iskema ta' preferenzi ġeneralizzati, imma fi kwalunkwe każ l-applikazzjoni tagħha għandha tintemm fil-31 ta' Diċembru 2010."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

László KOVÁCS

*Membru tal-Kummissjoni*

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1237/2008

## tal-11 ta' Diċembru 2008

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1043/2005 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 f'dak li jirrigwarda s-sistema ta' rifużjonijiet għall-esportazzjoni fuq xi prodotti agrikoli esportati fil-forma ta' prodotti li ma jaqgħux taħt l-Anness I tat-Trattat, u l-kriterji biex jiġu ffissati l-ammonti ta' dawn ir-rifużjonijiet

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 tas-6 ta' Diċembru 1993 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti prodotti li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli ([1]), u partikolarment l-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 8(3) tiegħu,

Billi:

(1) Bi qbil mal-Artikolu 5(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1043/2005 ([2]) fejn prodotti huma użati fil-manifattura tal-prodotti esportati, ir-rata ta' rifużjoni li għandha tintuża biex jiġi kkalkulat l-ammont applikabbli għal kull prodott bażiku, għall-prodotti mnisslin mill-proċess tiegħu, jew għall-prodotti assimilati f'waħda minn dawk iż-żewġ kategoriji li kienu użati fil-manifattura tal-prodotti esportati, għandha tkun ir-rata applikabbli meta l-prodotti msemmija qabel huma esportati fi stat mhux ipproċessat.

(2) Skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005 fejn is-sitwazzjoni dinjija tal-kummerċ fl-ovalbumin li taqa' taħt kodiċi NM 3502 11 90 u 3502 19 90 jew ir-rekwiżiti speċifiċi ta' ċerti swieq hekk jeħtieġu, ir-rifużjoni fuq dawn il-prodotti tista' tkun differenzjata skont id-destinazzjoni.

(3) Il-qari magħqud tal-Artikolu 5(3) u l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005 jista' jirriżulta fl-interpretazzjoni mhux korretta li prodotti, li fihom l-ovalbumin bħala ingredjent, li huma esportati lejn pajjiżi terzi, u b'mod partikolari lejn il-Korea t'Isfel, il-Ġappun, il-Malażja, it-Tajlandja, it-Tajwan u l-Filippini, jistgħu jibbenefikaw minn rata ta' rifużjoni ogħla intenzjonata biss għall-esportazzjoni tal-ovalbumin fi stat mhux mibdul għal dawk id-destinazzjonijiet.

(4) Għall-iskop ta' ċarezza u biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Komunità huwa għaldaqstant xieraq li jiġi ċċarat li huma biss l-esportazzjonijiet ta' ovalalbumin fi stat mhux mibdul li jistgħu jibbenefikaw mir-rata ogħla ta' rifużjoni ffisata għal dawk id-destinazzjonijiet skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005.

(5) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1043/2005 għandu jiġi emendat skont dan.

(6) [Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija għal kwistjonijiet orizzontali dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli pproċessati li mhumiex imniżżla fl-Anness I],

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Ir-rifużjonijiet fuq kaseina li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 3501 10, fuq kaseinati li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 3501 90 90 jew fuq ovalbumin li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 3502 11 90 u 3502 19 90 esportati fl-istat mhux mibdul, jistgħu jkunu differenzjati skont id-destinazzjoni jekk dan hu meħtieġ minn:

(a) is-sitwazzjoni dinjija tal-kummerċ f'dawk il-prodotti; jew

(b) ir-rekwiżiti speċifiċi ta' ċerti swieq."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 318, 20.12.1993, p. 18.
([2]) ĠU L 172, 5.7.2005, p. 24.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1238/2008

## ta’ l-10 ta’ Diċembru 2008

## li jipprojbixxi s-sajd għal-lipp tal-qawwi fl-ilmijiet tal-Komunità u dawk li mhumiex taħt is-sovranità jew il-ġuriżdizzjoni ta’ pajjiżi terzi ta’ V, VI u VII min-naħa ta’ bastimenti li jtajru l-bandiera ta’ Spanja

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta’ Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd [il-Politika Komuni tas-Sajd] ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 26(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta’ Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta’ kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni [il-Politika Komuni tas-Sajd] ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 21(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2015/2006 tad-19 ta’ Diċembru 2006 li għall-2007 u l-2008 jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Komunità għal ċerti stokkijiet tal-baħar fond ([3]) [traduzzjoni mhux uffiċjali] jistabbilixxi l-kwoti għall-2007 u l-2008.

(2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2008.

(3) Jeħtieġ għalhekk li s-sajd għal dak l-istokk kif ukoll iż-żamma tiegħu abbord, it-trażbord u l-ħatt tiegħu l-art, jiġu pprojbiti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2008 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f’dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih huwa pprojbit mid-data stipulata f’dak l-Anness. Wara dik id-data, għandhom ikunu pprojbiti wkoll iż-żamma abbord, it-trażbord u l-ħatt l-art ta’ ħut mill-istokk imsemmi, maqbud minn dawk il-bastimenti.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta’ Diċembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Fokion FOTIADIS

*Id-Direttur Ġenerali għas-Sajd u l-Affarijiet Marittimi*

---

([1]) ĠU L 358,31.12.2002, p. 59.
([2]) ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1.
([3]) ĠU L 384, 29.12.2006, p. 28.

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 10/DSS |
| Stat Membru | ESP |
| Stokk | GFB/567- |
| Speċi | Lipp tal-qawwi *(Phycis blennoides)* |
| Żona | L-ilmijiet tal-Komunità u dawk li mhumiex taħt is-sovranità jew il-ġuriżdizzjoni ta’ pajjiżi terzi ta’ V, VI u VII |
| Data | 30.9.2008 |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1239/2008

## ta' l-10 ta' Diċembru 2008

## li jerġa' jiftaħ is-sajd għall-merluzz fil-Kattegat min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Iżvezja

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd [il-Politika Komuni tas-Sajd] ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 26(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni [il-Politika Komuni tas-Sajd] ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/2008 tas-16 ta' Jannar 2008 li jistabbilixxi għall-2008 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati magħhom għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità u, għal bastimenti Komunitarji f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid ([3]), jistabbilixxi l-kwoti għall-2008.

(2) Fil-15 ta' Mejju 2008, l-Iżvezja nnotifikat lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KE) Nru 2847/93, li kienet se tagħlaq is-sajd għall-merluzz fil-Kattegat għall-bastimenti tagħha mid-19 ta Mejju 2008 'l quddiem.

(3) Fid-19 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93, u l-Artikolu 26(4) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, adottat ir-Regolament (KE) Nru 585/2008 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-merluzz fil-Kattegat min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Iżvezja ([4]), b'effett mill-istess data.

(4) Skont l-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni mingħand l-awtoritajiet Żvediżi, għad hemm disponibbli kwantità ta' merluzz fil-kwota Żvediża fil-Kattegat. Għalhekk, għandu jkun awtorizzat is-sajd għall-merluzz f'din iż-żona minn bastimenti li jtajru l-bandiera Żvediża jew irreġistrati fl-Iżvezja.

(5) Din l-awtorizzazzjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-13 ta' Ottubru 2008, biex il-kwantità ta' merluzz ikkonċernata tkun tista' tinqabad sa tmiem is-sena kurrenti.

(6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 585/2008 għandu jiġi rrevokat b'effett mit-13 ta' Ottubru 2008,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Revoka**

Ir-Regolament (KE) Nru 585/2008 huwa b'dan irrevokat.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-13 ta' Ottubru 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Fokion FOTIADIS

*Id-Direttur Ġenerali għas-Sajd u l-Affarijiet Marittimi*

([1]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.
([2]) ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1.
([3]) ĠU L 19, 23.1.2008, p. 1.
([4]) ĠU L 162, 21.6.2008, p. 9.

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 64 – Ftuħ mill-ġdid |
| Stat Membru | SWE |
| Stokk | COD/03AS. |
| Speċi | Merluzz |
| Żona | Kattegat |
| Data | 13.10.2008 |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1240/2008

## ta' l-10 ta' Diċembru 2008

## li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 560/2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi kontra ċerti persuni u entitajiet b'kunsiderazzjoni għas-sitwazzjoni fil-Kosta tal-Avorju

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 560/2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi kontra ċerti persuni u entitajiet b'kunsiderazzjoni għas-sitwazzjoni fil-Kosta tal-Avorju [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 11 (a) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 560/2005 jelenka l-persuni naturali u legali u l-entitajiet koperti permezz tal-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi taħt dak ir-Regolament.

(2) Fit-18 ta' Diċembru 2006 u fil-21 ta' Ottubru 2008, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jemenda l-lista ta' persuni naturali li għalihom għandu japplika l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi, billi jlesti l-informazzjoni li tikkonċerna l-persuni elenkati diġà. L-Anness I għandu għalhekk jiġi emendat kif inhu xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 560/2005 huwa b'dan mibdul bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu *fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament se jkun jorbot fl-intier tiegħu u applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Eneko LANDÁBURU

*Direttur Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni*

---

[1] ĠU L 95, 14.4.2005, p. 1.

*ANNESS*

*"L-ANNESS I*

**Lista ta' persuni jew entitajiet legali jew naturali msemmija fl-Artikoli 2, 4 u 7**

(1) Charles **Blé Goudé** (alias Gbapé Zadi). Indirizz: Bloc P 170, Yopougon Selmer, Côte d'Ivoire, (b) Hotel Ivoire, Abidjan, Cocody, Côte d'Ivoire. Data tat-twelid: 1.1.1972. Post tat-twelid: (a) Guibéroua (Gagnoa), Côte d'Ivoire, (b) Niagbrahio/Guiberoua, Côte d'Ivoire, (c) Guiberoua, Côte d'Ivoire. Nazzjonalità: Côte d'Ivoire. Nru tal-Passaport: (a) 04LE66241 (Côte d'Ivoire, maħruġ fl-10.11.2005, validu sad-9.11.2008), (b) AE/088 DH 12 (Passaport diplomatiku Côte d'Ivoire, maħruġ fl-20.12.2002, validu sal-11.12.2005), (c) 98LC39292 (Côte d'Ivoire, maħruġ fl-24.11.2000, validu sat-23.11.2003). In-Numru tad-dokument ta' vjaġġjar C2310421 (L-Iżvizzera, maħruġ fil-15.11.2005, validu sal-31.12.2005).

Informazzjoni oħra: (1) Indirizz (a) fl-2001, Indirizz (b) kif iddikjarat fid-dokument ta' vjaġġar Nru C2310421; (2)*isimijiet* jew titoli xort'oħra: "Général" jew "Génie de kpo"; (3) Mexxej tal-COJEP ("Young Patriots"). Għamel stqarrijiet pubbliċi spissi, favur il-vjolenza kontra persunal u istallazzjonjiet tan-Nazzjonijiet Uniti u kontra l-barranin; tmexxija u parteċipazzjoni f'azzjonijiet vjolenti minn gwerillieri, li jinkludu swat, stupri u qtil ekstra-ġudizzjarju; intimidazzjoni fil-konfront tan-Nazzjonijiet Uniti, tal-Grupp ta' Ħidma Internazzjonali (IWG), tal-oppożizzjoni politika u tal-istampa indipendenti. is-sabotaġġ ta' stazzjonijiet tar-radju internazzjonali; ostakolu għall-azzjoni tal-IWG, l-Operazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti f'Côte d'Ivoire, (UNOCI), għall-Forzi Franċiżi u għal proċess tal-paċi kif iddefinit mir-Riżoluzzjoni tan-NU 1643 (2005).

(2) Eugène N'goran Kouadio **Djué**. Data tat-twelid: (a) 1.1.1966, (b) 20.12.1969. Nazzjonalità: Côte d'Ivoire. Nru tal-Passaport: 04LE017521 (maħruġ fl-10.2.2005, jiskadi fil-10.2.2008).

Informazzjoni oħra: Il-mexxej tal- 'Union des Patriotes pour la Libération Totale de la Côte d'Ivoire (UPLTCI)'. Għamel stqarrijiet pubbliċi spissi, favur il-vjolenza kontra persunal u istallazzjonjiet tan-Nazzjonijiet Uniti u kontra l-barranin; tmexxija u l-parteċipazzjoni f'azzjonijiet vjolenti minn gwerillieri, li jinkludu swat, stupri u qtil ekstra-ġudizzjarju. ostakolu għall-azzjoni tal-IWG, tal-UNOCI, tal-forzi Franċiżi u għal proċess tal-paċi kif iddefinit mir-Riżoluzzjoni tan-NU 1643 (2005)

(3) Martin Kouakou **Fofié**. Data tat-twelid: 1.1.1968. Post tat-twelid: . Nazzjonalità: Côte d'Ivoire. Nru. tal-karta tal-identità: (a) 2096927 (Burkina Faso, maħruġ fis-17.3.2005), (b) 970860100249 (Côte d'Ivoire, maħruġ fil-5.8.1997, jiskadi fil-5.8.2007).

Informazzjoni oħra: (a) Ċertifikat ta' Nazzjonalità Burkina Faso: CNB N.076 (17.2.2003), Isem tal-Missier: Yao Koffi **Fofié**, Isem tal-Omm: Ama Krouama **Kossonou**; (b) Kapural Prinċipali Kmandant tal-Forzi l-Ġodda, Korhogo Sector. Il-forzi taħt il-kmand tiegħu huma impenjati f'reklutaġġ ta' suldati tfal, fil-ħtif tal-persuni, fl-impożizzjoni ta' xogħol forzat, fl-abbuż sesswali tan-nisa, f'arresti arbitrarji u fi qtil ekstra-ġudizzjarju, li lkoll imorru kontra l-konvenzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u l-liġi internazzjonali; ostakolu għall-azzjoni tal-IWG, tal-UNOCI, tal-forzi Franċiżi u għal proċess tal-paċi kif iddefinit mir-Riżoluzzjoni tan-NU 1643 (2005)"

II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**ta’ l-20 ta’ Mejju 2008**

**li tikkonċerna l-għajnuna mogħtija minn Franza lill-Fond għall-prevenzjoni tar-riskji tas-sajd u lill-impriżi tas-sajd (Għajnuna mill-Istat C 9/06)**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 5636)*

**(It-test bil-Franċiż huwa l-uniku awtentiku)**

**(Test b’relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/936/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-ewwel sentenza tal-Artikolu 88(2) tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom, skont l-istess Artikolu,

Billi:

### 1. IL-PROĊEDURA

(1) Il-Kummissjoni saret taf b’informazzjoni differenti rigward l-eżistenza ta’ fond maħsub biex jikkompensa lill-impriżi tas-sajd ta’ Franza għaż-żieda fil-prezz tal-karburant mis-sena 2004. Skont din l-informazzjoni, dan il-fond, imsejjaħ il-Fond għall-prevenzjoni tar-riskji tas-sajd (FPAP), kellu l-għan imħabbar li jtaffi l-varjazzjonijiet fuq żmien qasir tal-prezz tal-karburant għas-sajd, imma fil-prattika kellu l-effett li jippermetti lil dawn l-impriżi li jibbenefikaw minn prezz għall-karburant li kien ferm anqas mill-prezz tas-suq.

(2) Milli jidher, fil-bidu kien previst li dan il-fond kellu jaħdem biss bis-saħħa ta’ kontribuzzjonijiet mill-professjonisti. Il-prinċipju tal-operat kellu jkun sempliċi: il-fond kien responsabbli għall-parti mill-ispiża tal-karburant superjuri għal prezz ta’ referenza determinat għal kull litru, u, min-naħa l-oħra, l-impriżi kellhom jagħtu kontribuzzjonijiet lil FPAP meta l-prezz tal-karburant kien jerġa’ jinżel taħt dan il-prezz ta’ referenza. B’dan il-mod, kien jintlaħaq bilanċ għall-finanzjament tas-sistema mingħajr ma jkun hemm dipendenza fuq fondi pubbliċi.

(3) Madankollu, minħabba li l-prezz tas-suq tal-karburant dejjem baqa’ ferm ogħla mill-prezz ta’ referenza, il-Kummissjoni nnutat li l-iffunzjonar tal-FPAP kien possibbli biss bis-saħħa tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Istat u li din il-kontribuzzjoni finanzjarja kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 87 tat-Trattat KE.

(4) Fil-25 ta’ Awwissu 2005, il-Kummissjoni talbet lil Franza li tgħarrafha, sal-5 ta’ Settembru 2005, jekk kienux ġew adattati jew maħsuba mill-Istat xi miżuri speċifiċi biex isostnu ż-żieda fl-ispejjeż tal-karburant. Il-Kummissjoni fakkret ukoll li, jekk dawn il-miżuri kienu jinvolvu għajnuna mill-Istat, dawn kellhom jiġu notifikati lilha skond l-Artikolu 88 (3) tat-Trattat.

(5) Fin-nuqqas ta’ risposta, u skont l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta’ Marzu 1999 rigward it-termini tal-applikazzjoni tal-Artikolu 93 (li sar 88) tat-Trattat KE ([1]), fil-21 ta’ Settembru 2005 il-Kummissjoni talbet lil Franza li tipprovdilha, fi żmien tliet ġimgħat, l-informazzjoni relattiva għal dan il-fond, sabiex din tkun tista’ teżamina jekk fil-fatt kienx hemm preżenza ta’ għanuna mill-Istat u, jekk dan kien il-każ, jekk din l-għajnuna mill-Istat kinitx jew le kompatibbli mas-suq komuni.

([1]) ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.

(6) Fis-7 ta' Ottubru 2005 Franza rrispondiet għat-talba tal-Kummissjoni tal-25 ta' Awwissu 2005 fejn indikat li "l-ebda miżura li taqa' taħt l-iskema ta' għajnuna mill-Istat ma ġiet implimentata fi Franza biex tilqa' d-diffikultajiet minħabba ż-żieda konsiderevoli reċenti fil-prezz tal-karburant." Franza madankollu indikat li kienet inkoraġġiet "strateġija mibdija mill-professjonisti" li kienet tikkonsisti fil-ħolqien ta' fond għall-ħarsien tar-riskji tas-sajd. F'din l-ittra qatt ma ssemmew il-ħlasijiet bil-quddiem approvati mill-Istat. Min-naħa l-oħra, mir-risposta tal-awtoritajiet Franċiżi kien jidher ċar li l-finanzjament tal-fond, amministrat mill-professjonisti, kien jiddependi esklussivament fuq kontribuzzjonijiet ġejjin mir-riżorsi finanzjarji tal-imsieħba.

(7) Fil-21 ta' Ottubru 2005, il-Kummissjoni fakkret lill-awtoritajiet Franċiżi bit-talba formali tagħha għal informazzjoni dwar l-FPAP bid-data tal-21 ta' Settembru 2005, fejn tathom mill-ġdid dewmien ta' ġimgħatejn.

(8) Fin-nuqqas ta' risposta minn Franza fiż-żmien stipulat, il-Kummissjoni ddeċidiet, skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 10 diġà msemmi, li tordna lil Franza biex tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa għal dan l-eżami. Din l-inġunzjoni, bid-data tal-5 ta' Diċembru 2005, ġiet innotifikata fis-6 ta' Diċembru 2005 bi żmien ta' tliet ġimgħat biex tingħata risposta.

(9) Franza rrispondiet b'ittra bid-data tal-21 ta' Diċembru 2005 u li l-Kummissjoni rċeviet fis-27 ta' Diċembru 2005. Din l-ittra kienet tagħmel referenza għal risposta preċedenti bid-data tas-6 ta' Diċembru u li ġiet irċevuta fit-8 ta' Diċembru, risposta li ntbagħtet wara ittra mill-Kummissjoni fil-21 ta' Settembru 2005 (ara l-premessa 5 ta' din id-Deċiżjoni). Permezz ta' dawn iż-żewġ ittri, Franza kkomunikat lill-Kummissjoni l-istatut tal-FPAP u t-tliet ftehimiet relattivi għall-implimentazzjoni ta' ħlas bil-quddiem li jitħallas lura mill-Istat lil FPAP.

(10) Wara l-eżaminazzjoni ta' dawn ir-risposti u tad-dokumenti mehmuża magħhom, il-Kummissjoni infurmat lil Franza, fit-8 ta' Marzu 2006, bid-deċiżjoni tagħha li tibda l-proċedura formali tal-eżami stipulata mill-Artikolu 88(2) tat-Trattat KE u mill-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999.

(11) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura formali tal-eżami ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tad-19 ta' April 2006 (2). Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-miżuri in kwistjoni fi żmien xahar.

(12) Franza għarrfet l-osservazzjonijiet tagħha permezz ta' ittra fil-21 ta' April 2006, f'forma ta' nota mill-awtoritajiet tagħha. Din in-nota kellha magħha argument li deher li oriġinarjament kien intiż għall-użu intern; dan l-argument jispjega l-pożizzjoni li għandha tittieħed fir-rigward tal-argumenti tal-Kummissjoni.

(13) Fis-17 ta' Mejju 2006, l-uffiċċju Ménard, Quimbert u Soċji, avukati f'Nantes (minn issa 'l quddiem MQA) indika permezz ta' faks l-intenzjoni tiegħu li jifformola aktar osservazzjonijiet min-naħa tal-FPAP, u għalhekk talab li jingħata żmien itwal. Il-Kummissjoni aċċettat proroga ta' ġimgħatejn. MQA wara kkomunikat, permezz ta' ittra datata s-17 ta' Mejju, u li l-Kummissjoni rċeviet fit-23 ta' Mejju, memorandum fuq karta intestata tal-Korporazzjoni Marittima iffirmat mis-Sur de Feuardent, is-Segretarju Ġenerali tal-FPAP u bid-data tat-18 ta' Mejju. It-tielet ittra ta' MQA, dejjem bid-data tas-17 ta' Mejju, u li l-Kummissjoni rċeviet fl-14 ta' Ġunju, kienet magħmula minn "verżjoni ġdida tal-osservazzjonijiet (tiegħu) wara li saru xi korrezzjonijiet għal xi żbalji tas-segretarju"; fil-verità, dawn kienu dokumenti li kienu għadhom ma ġewx trażmessi lill-Kummissjoni rigward xi osservazzjonijiet komplementari għall-memorandum tas-Sur de Feuardent imsemmi aktar 'il, flimkien ma' serje ta' dokumenti dwar il-ħidma tal-FPAP (statut, metodu ta' ħidma, noti ta' informazzjoni, t-trattament fiskali tal-kontribuzzjonijiet, ittra ta' missjoni konġunta mill-Ispezzjoni Ġenerali tal-Finanzi u tal-Ispezzjoni Ġenerali tal-Agrikoltura u tas-Sajd). Fl-aħħarnett, l-aħħar titra ta' MQA, bid-data tat-12 ta' Ġunju 2006 u indirizzata fl-istess jum permezz ta' faks lill-Kummissjoni, u li tkompli mal-ittra mibgħuta fid-19 ta' Mejju "li bi żball kienet datata s-17 ta' Mejju, li tindirizza (lilkom) l-osservazzjonijiet tas-Sur de Feuardent, segretarju ġenerali tal-Confédération de la Coopération, de la Mutualité et du Crédit Maritime, bid-data tat-18 ta' Mejju 2006" kellha l-istess osservazzjonijiet komplementari bħal dawk trażmessi permezz tat-tielet ittra tas-17 ta' Mejju, imma mingħajr id-dokumenti annessi.

(2) ĠU C 91, 19.4.2006, p. 30.

(14) Fl-14 ta' Ġunju 2006, il-Kummissjoni kkomunikat lil Franza it-tielet ittra tas-17 ta' Mejju 2006 ta' MQA (il-verżjoni mħabbra bħala korreġuta mill-iżbalji tas-segretarju) u l-aħħar ittra ta' MQA tat-12 ta' Ġunju 2006, fejn talbet li l-osservazzjonijiet ta' Franza jintbagħtu lilha fi żmien xahar. Fit-12 ta' Lulju 2006, Franza talbet li dan iż-żmien jiġi estiż sa' l-1 ta' Settembru. Fit-18 ta' Lulju 2006, il-Kummissjoni approvat żmien supplementari ta' xahar. Fis-26 ta' Settembru 2006, Franza rrispondiet li din ma tixtieq tagħti l-ebda osservazzjoni partikolari, imma xtaqet tirrimarka li l-ittra ta' MQA tas-17/19 ta' Mejju 2006 ma kinitx tikkorrispondi għall-osservazzjonijiet tas-Sur de Feuardent. Fid-9 ta' Ottubru 2006, il-Kummissjoni tat lil Franza d-dettall tal-ittri li kienet irċeviet minn MQA, fejn talbet li din tikkonferma fi żmien għaxart ijiem li l-awtoritajiet Franċiżi kienu jafu minn qabel bil-memorandum tas-Sur de Feuardent. Franza rrispondiet fit-23 ta' Ottubru 2006 li din ma kellhiex dan il-memorandum li fil-fatt ma kienx imsemmi qabel minnha, ħlief minħabba l-fatt li l-ittra (ta' MQA) bid-data tat-12 ta' Ġunju kienet issemmih. Minħabba li Franza ddikjarat li ma kinitx irċeviet din l-ittra, il-Kummissjoni kkomunikatielha bi trażmissjoni uffiċjali tas-27 ta' Ottubru 2006, filwaqt li talbet li l-osservazzjonijiet eventwali tagħha jiġi trażmessi lilha sal-15 ta' Novembru.

(15) Fis-27 ta' Novembru 2006, Franza infurmat lill-Kummissjoni li ma kellha l-ebda kumment partikolari fuq dan id-dokument.

## 2. DESKRIZZJONI

### 2.1. Il-preżentazzjoni tal-FPAP u tal-attivitajiet tiegħu

(16) L-FPAP huwa magħmul, skont il-liġi Franċiża tal-21 ta' Marzu 1884 emendata mil-liġi tat-12 ta' Marzu 1920, fil-forma ta' assoċjazzjoni kummerċjali. L-abbozz tal-istatut ġie approvat mill-assemblea ta' kostituzzjoni li saret fl-10 ta' Frar 2004 u l-istess statut kellu d-data tad-9 ta' April 2004.

(17) Skont dan l-istatut (l-Artikolu 4), din l-assoċjazzjoni hija maħluqa għal perjodu ta' 99 sena. L-uffiċċju prinċipali huwa stabbilit f'Pariġi, 24, rue du Rocher, fl-istess indirizz tal-*Confédération de la Coopération, de la Mutualité et du Crédit Maritime* (minn issa 'l quddiem imsejha il-"Kooperazzjoni Marittima").

(18) Skont l-Artikolu 7, il-membri fundaturi huma il-Kooperazzjoni Marittima, iċ-ċentru tax-xiri u tal-iżvilupp CECOMER, soċjetà kooperattiva tal-bejjiegħa bl-imnut, li fil-fatt huwa ċ-ċentru tax-xiri tal-kooperattivi marittimi li partikolarment għandhom il-funzjoni li jipprovdu materjal u prodotti tal-iffunzjonar lill-impriżi tas-sajd, iċ-Ċentru tal-Ġestjoni tas-sajd artiġjanali u żewġ persuni mill-qasam tas-sajd. Permezz tal-assemblea ta' kostituzzjoni tal-10 ta' Frar 2004, dawn il-ħames membri fundaturi inħatru bħala amministraturi tal-FPAP sal-assemblea ġenerali ordinarja li trid tiġi organizzata fl-2007. B'hekk kien jidher li l-FPAP hiereġ mis-settur tas-sajd u minn organizzazzjonijiet li huma marbuta miegħu b'mod ekonomiku (kooperattivi marittimi, kumpanija ċentrali tax-xiri, ċentri ta' ġestjoni ta' impriżi tas-sajd).

(19) L-imsieħba prospettivi jridu jippruvaw li l-attività tagħhom għandha x'taqsam mas-sajd; madankollu, l-assoċjazzjoni tista' taċċetta fi ħdanha "kull persuna oħra lesta li tagħti l-appoġġ morali tagħha lill-assoċjazzjoni" sakemm il-persunal ta' din il-kategorija tal-imsieħba ma jaqbiżx 5 % tan-numru tal-imsieħba fl-assoċjazzjoni. Franza tippreċiża, fl-ittra tagħha tas-6 ta' Diċembru 2005, li l-FPAP kellu 2 013-il membru u 2 385 vapur li jirrappreżentaw 30 % tal-flotta Franċiża.

(20) L-Artikolu 2 tal-istatut jindika li: "L-assoċjazzjoni għandha l-għan li tiżviluppa prodotti maħsuba li jippermettu lill-intraprendituri tas-sajd li jassiguraw lilhom infushom kontra r-riskji li ġejjin: varjazzjoni fil-prezzijiet tal-fjuwil, it-tinġis marittimu jew riskju ta' sanità relatat mat-tinġis, l-għeluq ta' kwoti jew tnaqqis importanti tal-possibilitajiet ta' sajd, riskju relattiv għas-suq. Dan għandu l-isem ta' Fond ta' Prevenzjoni tar-riskji tas-sajd." L-FPAP b'hekk huwa magħruf bħala soċjetà ta' assigurazzjoni mutwali li tipproponi lill-membri tagħha, b'kumpens għall-kontribuzzjonijiet tagħhom, ċertu numru ta' servizzi.

(21) Franza ttrażmettiet il-kopji tat-tliet ftehimiet li saru bejn l-Istat u l-FPAP u relatati mal-implimentazzjoni tal-ħlas bil-quddiem li jitħallas lura mill-Istat għal dan il-Fond. Dan il-ħlas bil-quddiem jitħallsu mill-intermedjarju tal-Uffiċċju nazzjonali interprofessjonali tal-prodotti tal-baħar u tal-akwakultura (Office national interprofessionnel des produits de la mer et de l'aquaculture (OFIMER). L-ewwel ftehim, bis-sata tat-12 ta' Novembru 2004, jittratta ammont ta' 15-il miljun euro; it-tieni, datat fis-27 ta' Mejju 2005, fuq ammont ta' 10 miljun euro; it-tielet, bid-data tal-11 ta' Ottubru 2005, fuq ammont ta' 40 miljun euro. Skont dawn it-tliet ftehimiet, l-ammont li tħallas bil-quddiem lil FPAP kien ta' 65 miljun euro.

(22) Barra minn hekk, huwa possibbli, skont l-argument mehmuż man-nota ta' Franza tal-21 ta' April 2006 (ara l-premessa 12 ta' din id-Deċiżjoni), li ħlas bil-quddiem ieħor, tal-ammont ta' 12-il miljun euro, kellu jitħallas lil FPAP (ara l-premessa 40 ta' din id-Deċiżjoni).

(23) Skont l-Artikolu 1 ta' dawn il-ftehimiet, "l-FPAP jaħdem fuq il-bażi tal-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-membri tiegħu b'mod li jkopru l-implimentazzjoni tal-koperturi finanzjarji kontra r-riskji li jirriżultaw mill-varjazzjonijiet fil-prezzijiet taż-żejt u l-ispejjeż tal-ġestjoni li huma bbażati fuqu." Dawn il-ftehimiet juru li l-FPAP, għalkemm kien maħsub b'mod formali, mill-istatut tiegħu, b'għan wiesa' biżżejjed f'dak li jikkonċerna l-benefiċċji li jista' jassigura (ara l-premessa 20 ta' din id-Deċiżjoni), fil-fatt illimita l-attività tiegħu biex ikopri finanzjarjament lill-impriżi tas-sajd kontra ż-żieda fil-prezz tal-karburant.

(24) Skont l-Artikolu 2 tal-ftehim tat-12 ta' Novembru 2004, "il-ħlas bil-quddiem għandu l-għan li jimplimenta mekkaniżmu ta' kopertura kontra l-varjazzjonijiet tas-swieq internazzjonali taż-żejt mill-1 ta' Novembru 2004; dan il-ħlas bil-quddiem jippermetti x-xiri ta' opzjoni finanzjarja fis-swieq tal-futures taż-żejt. Il-kumpens imħallas lill-membri tal-fond irid jikkorrispondi għad-differenza tal-prezz innutat bejn il-prezz massimu kopert u l-prezz medju mensili tal-indiċi ta' referenza għax-xahar ikkunsidrat." L-Artikolu 2 tal-ftehim tas-27 ta' Mejju 2005 għandu effett kważi simili: dan jipprevedi, minflok l-"implimentazzjoni" ta' mekkaniżmu ta' kopertura, it-"tkomplija" ta' dan il-mekkaniżmu u jindika l-1 ta' Marzu 2005 bħala data minn meta l-kopertura tkun tista' tibda taħdem għall-ħlas bil-quddiem imħallas fil-qafas ta' dan il-ftehim. Dan huwa l-istess għall-ftehim tal-11 ta' Ottubru 2005; l-Artikolu 2 jipprevedi li, għall-ħlas bil-quddiem imħallas, il-fond ikompli l-attività ta' kopertura "… mill-1 ta' Lulju 2005 u tal-anqas sal-31 ta' Diċembru 2005 bix-xiri ta' opzjonijiet finanzjarji fis-swieq tal-futures taż-żejt, sa 17-il euro ċenteżmu/l." Huwa ppreċiżat li "il-kumpens mogħti lil membru tal-fond irid jikkorrispondi għal mhux aktar mid-differenza fil-prezz innutat bejn il-prezz ta' 30 euro ċenteżmu/l u l-prezz medju mensili ta' referenza għax-xahar ikkunsidrat, jekk dan tal-aħħar huwa ta' aktar minn 30 euro ċenteżmu/l."

(25) Mill-*metodu ta' ħidma dettaljat tal-FPAP* jirriżulta li dan il-mekkaniżmu ta' kopertura jaħdem permezz ta' ftehimiet ta' garanzija li jsiru bejn l-FPAP u l-impriżi membri. Il-membri jħallsu reġistrazzjoni ta' 150 euro, kif ukoll kontribuzzjoni ta' garanzija bbażata fuq kwantità stmata ta' karburant espressa f'litri bl-ammont ta' 0,035 ċenteżmu għal kull litru ta' karburant. Min-naħa l-oħra, l-impriżi tas-sajd jirċievu kumpens determinat minn volum użat, fil-limitu tal-volum assigurat, u li t-termini tal-kalkolazzjoni huma dettaljati f'dan il-metodu ta' ħidma.

(26) L-Artikolu 3 tal-ftehimiet imsemmija fil-premessa 21 jindika li l-ħlas bil-quddiem ma jistax jitħallas minn OFIMER ħlief wara li jiġu pprovduti ċerti dokumenti ta' sostenn. Fost dawn id-dokumenti, għandhom ikunu inklużi l-minuti tal-bord tal-FPAP li tawtorizza l-ġestjoni tal-ħlas bil-quddiem mogħti mill-Istat u, għall-ewwel żewġ ftehimiet, tispjega fid-dettall kif ser jintuża dan il-ħlas bil-quddiem, kif ukoll baġit proviżorju. Bin-nota tagħha bid-data tas-6 ta' Diċembru 2005, Franza kkonfermat li l-ammonti indikati, li jirrappreżentaw total ta' 65 miljun euro, fil-fatt ingħataw lil FPAP. Din in-nota tippreċiża li dan il-ħlas bil-quddiem jingħata "sabiex jassigura l-iffunzjonar tal-FPAP, fl-aqsar żmien possibbli, għall-perjodu ta' bejn Novembru 2004 sat-tmiem ta' Diċembru 2005."

(27) Min-naħa l-oħra, l-FPAP jimpenja ruħu li jżomm kontabbiltà li tippermetti li wieħed ikun jaf, fuq talba, kif intużaw il-ħlasijiet bil-quddiem kif ukoll it-tqassim tar-riżorsi u tal-ispejjeż. Id-dokumenti ta' kontabbiltà jridu jinżammu għal għaxar snin u jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-entitajiet differenti tal-Istat fuq talba tagħhom.

(28) L-Artikolu 4 jiffissa r-rata tal-interessi li tapplika fuq il-ħlas lura ta' dan il-ħlas bil-quddiem mill-FPAP lil OFIMER għal 4,45 %. L-ammont ta' 15-il miljun euro li huma s-suġġett tal-ftehim tat-12 ta' Novembru 2004 irid jitħallas lura sal-1 ta' Novembru 2006; dak ta' 10 miljun euro, s-suġġett tal-ftehim tas-27 ta' Mejju 2005, sal-1 ta' Mejju 2007, u dak ta' 40 miljun euro, suġġett tal-ftehim tal-11 ta' Ottubru 2005, sal-1 ta' Lulju 2007.

(29) Fir-rigward tat-tliet (eventwalment erba') ftehimiet iffirmati bejn l-Istat ta' Franza u l-fond, l-attività tal-FPAP, fil-qafas tal-ewwel mill-għanijiet definiti fl-Artikolu 2 tal-istatut (li jippermetti lill-impriżi tas-sajd li jassiguraw il-kopertura tar-riskji marbuta mal-varjazzjoni fil-prezz tad-diżil), għalhekk għandha funzjoni doppja:

(a) issostni l-varjazzjonijiet tal-prezz taż-żejt permezz tax-xiri ta' opzjonijiet fuq is-swieq tal-futures taż-żejt fis-settur tal-prodotti taż-żejt, u

(b) tikkumpensa parzjalment iż-żieda li ġejja mill-prezzijiet għolja taż-żejt għall-vapuri tal-membri ta' dan il-fond, meta l-prezz tal-karburant jaqbeż ċertu limitu.

(30) F'dak li jikkonċerna l-għajnuna mill-Istat, il-fond irid jitqies taħt dawn iż-żewġ aspetti, min-naħa meta dan jaġixxi bħala operatur ekonomiku fuq is-swieq tal-futures taż-żejt, u min-naħa l-oħra meta dan jikkumpensa lill-impriżi tas-sajd b'parti mill-ispejjeż li jikkorrispondu max-xiri tal-karburant sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom.

## 2.2. Ir-raġunijiet għall-bidu tal-proċedura formali tal-eżami

(31) Ir-raġunijiet għall-bidu tal-proċedura formali tal-eżami kienu dawn li ġejjin.

### 2.2.1. *F'dak li jikkonċerna l-kisba ta' opzjonijiet fuq is-swieq tal-futures taż-żejt.*

(32) Il-ħlas bil-quddiem mogħti lil FPAP jista' jitqies bħala self għal żmien qasir b'rata ta' 4,45 %. Madankollu, l-Kummissjoni tinnota li l-fond m'għandu l-ebda proprjetà immobbli u li l-kapital tiegħu huwa tassew baxx minħabba li ġej biss mill-kontribuzzjonijiet tal-membri tiegħu. Huwa għalhekk li l-ebda istituzzjoni bankarja ma kienet tagħti self bħal dan.

(33) Għalhekk dan il-fond jibbenefika minn vantaġġ finanzjarju fil-konfront ta' impriżi oħra fuq l-istess swieq tal-futures taż-żejt. Dan il-vantaġġ jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat favur il-fond. L-ebda dispożizzjoni tal-Artikolu 87 tat-Trattat KE jew tal-linji gwida li l-Kummissjoni adottat għall-analiżi tal-iskemi ta' għajnuna mill-Istat ma tippermetti li din titqies bħala kompatibbli mas-suq komuni.

(34) Min-naħa l-oħra, bis-saħħa ta' din l-attività, l-impriżi tas-sajd li huma msieħba fl-FPAP jistgħu jixtru l-karburant bi prezz imnaqqas. Dan jikkostitwixxi għajnuna li għandha bħala effett li tnaqqas l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-impriżi li jibbenefikaw mill-Fond. Madankollu, skont il-paragrafu 3.7 tal-linji gwida għall-eżami tal-għajnuna mill-Istat fis-settur tas-sajd u tal-akwakultura [3], din it-tip ta' għajnuna għall-iffunzjonar, mogħtija mingħajr obbligu, normalment trid titqies bħala inkompatibbli mas-suq komuni.

### 2.2.2. *F'dak li jikkonċerna l-kumpens lill-impriżi tas-sajd ta' parti mill-ispejjeż imħallsa minħabba x-xiri tal-karburant*

(35) Hawn ukoll, din hija għajnuna li għandha l-effett li tnaqqas l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-impriżi msieħba fl-FPAP. Bl-istess mod, l-ebda dispożizzjoni tal-Artikolu 87 tat-Trattat KE jew tal-linji gwida li l-Kummissjoni adottat għall-analiżi tal-iskemi ta' għajnuna mill-Istat ma tippermetti li din titqies bħala kompatibbli mas-suq komuni. Bl-istess mod, skont il-paragrafu 3.7 tal-linji gwida speċifiċi għas-settur tas-sajd, din it-tip ta' għajnuna għall-iffunzjonar, mogħtija mingħajr obbligu, trid titqies bħala inkompatibbli mas-suq komuni.

### 2.2.3. *Il-Konklużjoni*

(36) Meta qieset l-informazzjoni kollha fil-pussess tagħha, il-Kummissjoni kkunsidrat li jeżistu dubji serji dwar il-kompatibbiltà ta' din il-miżura ta' għajnuna mas-suq komuni, minħabba li din tibbenefika kemm lill-istess FPAP u kemm lill-impriżi tas-sajd li huma msieħba fih.

## 3. IL-KUMMENTI TA' FRANZA U TAL-PARTIJIET INTERESSATI

### 3.1. Il-kummenti ta' Franza

(37) Il-kummenti ta' Franza huma ppreżentati fir-risposta tal-21 ta' April 2006. Ma ġiet żviluppata l-ebda osservazzjoni komplementari dwar l-argumenti żviluppati mill-FPAP u MQA.

(38) Franza tenfasizza li l-analiżi tal-Kummissjoni għandha tikkonċentra fuq in-natura u l-kundizzjonijiet tal-għotja tal-ħlas bil-quddiem mogħti mill-Istat u mhux fuq l-attivitajiet tal-FPAP.

(39) Għalhekk din tosserva li:

— ir-rati applikabbli huma superjuri għar-rati ta' referenza stabbiliti mill-Kummissjoni biex tiddetermina l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat f'sussidji fuq l-interessi;

— dan l-intervent ma jistax jiġi kkwalifikat bħala għajnuna mill-Istat minħabba li d-data għall-ħlas lura għadha m'għaddietx. Franza tfakkar, f'dan ir-rigward, li l-iskadenzi ġew iffissati, rispettivament, għall-1 ta' Novembru 2006, l-1 ta' Mejju 2007 u l-1 ta' Lulju 2007;

— l-argument tal-Kummissjoni skont liema l-ebda entità bankarja ma kienet tagħti tali ħlas bil-quddiem lil FPAP m'għandux bażi, minħabba li setgħu jiġu stabbiliti skemi ta' garanzija. Barra minn dan, Franza enfasizzat li l-FPAP huwa l-unika struttura professjonali Franċiża li tiġbor taħtha impriżi tas-sajd li kellhom l-għan li jaġixxu fuq is-suq tal-futures taż-żejt u li s-sħubija f'dan il-fond hija mingħajr ħlas.

[3] ĠU C 229, 14.9.2004, p. 5.

(40) Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni tirrimarka li Franza tindika li, fl-argument mehmuż mar-risposta tagħha (ara l-premessa 12 ta' din id-Deċiżjoni), "ma kienx jidher neċessarju li wieħed jindika li kien ġie deċiż ħlas bil-quddiem ta' 12-il miljun euro, minħabba li s'issa l-ftehim mhux iffirmat, madankollu, jaqbel li wieħed ma jidħolx f'nuqqas ta' qbil. Huwa propost li jiġi indikat li għaddej żmien ta' riflessjoni."

## 3.2. Il-kummenti tal-FPAP

(41) Il-Kummissjoni rċeviet diversi ittri minn MQA b'kontenuti differenti u mibgħuta b'mod diżorganizzat (ara d-dettalji fil-premessa 13 ta' din id-Deċiżjoni), li wieħed jista' jiġbor kif ġej: memorandum fuq karta intestata tal-Korporazzjoni Marittima bid-data tat-18 ta' Mejju 2006 u ffirmata mis-segretarju ġenerali tal-FPAP, u osservazzjonijiet supplementari ta' MQA għall-FPAP, flimkien ma' serje ta' dokumenti relattivi għall-iffunzjonar tal-FPAP (l-istatut, il-metodu tal-ħidma, in-noti tal-informazzjoni, it-trattamenti fiskali tal-kontribuzzjonjiet, l-ittra tal-missjoni konġunta tal-Ispezzjoni Ġenerali tal-Finanzi u tal-Ispezzjoni Ġenerali tal-Agrikoltura u tas-Sajd).

(42) Mill-analiżi tad-dokumenti li rċeviet mingħand MQA, jirriżulta li l-FPAP jaqbel mal-argument ta' Franza fejn hu indikat li ħadd ma jista' jippreġudika "annullament dirett u sempliċi tad-dejn fit-tmiem tiegħu" minħabba li ma ġie nnutat l-ebda nuqqas ta' ħlas lura. Għall-bqija, kuntrarjament għal Franza, l-FPAP jikkonċentra l-argumenti tiegħu mhux fuq in-natura u l-kundizzjonijiet tal-għotja tal-għajnuna, imma fuq l-istatut u l-attivitajiet tal-Fond.

(43) Il-punti ewlenin sostnuti mill-FPAP biex jikkuntesta n-natura tal-għajnuna mill-Istat, jew l-inkompatibbiltà ta' din fir-rigward tas-suq komuni, il-ħlasijiet bil-quddiem mill-Istat Franċiż jistgħu jinġabru kif ġej:

— l-FPAP mhuwiex operatur ekonomiku sempliċi, minħabba li dan huwa assoċjazzjoni kummerċjali li taġixxi fl-interess esklussiv tal-membri tiegħu mingħajr ħsieb ta' profitt u minħabba li huwa magħmul minn "grupp ta' prevenzjoni". B'hekk, meta dan jorganizza l-kontribuzzjonijiet tar-riskji b'sistema ta' kumpens mqabbel ma' prezz ta' referenza, dan ma jaġixxix bħala operatur kummerċjali normali, "imma bħala d-difensur tal-konsumaturi tal-prodotti taż-żejt li jfittxu li jipproteġu lilhom infushom mis-suq aktar milli li jintervjenu fih". Teoretikament, dan fil-bidu kien maħsub biex ikun awtosuffiċjenti minħabba li kien maħsub li eventwalment jingħataw lura l-kontribuzzjonijiet imħallsa u mhux użati. FPAP jinsisti wkoll fuq it-trasparenza totali tal-ġestjoni tiegħu; għal dan, minħabba li dan ma kellu l-ebda attività ekonomika tiegħu stess, dan ma jkunx jista' jaffetwa lis-suq tal-futures pertinenti. L-FPAP isemmi wkoll l-eżistenza ta' verifika konġunta tal-Ispezzjoni Ġenerali tal-Finanzi u tal-Ispezzjoni Ġenerali tal-Agrikoltura u tas-Sajd;

— L-FPAP ma jaġixxix fuq suq pertinenti, għax is-suq tal-prodotti tas-sajd huwa espost għal tgħawwiġ differenti ieħor ta' kompetizzjoni relatati ma' politiki nazzjonali differenti għall-implimentazzjoni tal-politika komuni tas-sajd. Is-suq għalhekk għandu jiġi analizzat bħala "mużajk ta' mikro-swieq reġjonali". Għalhekk, dan l-intervent ma jbiddilx il-kundizzjonijiet tal-iskambji. L-FPAP jindika wkoll li l-analiżi tal-kompetizzjoni trid tkun ippreżentata skont iċ-ċirkostanza għax parti importanti miż-żieda u mit-tgħawwiġ tal-ispejjeż imħallsa mis-sajd tistrieħ fuq il-"pedaġġi" jew il-"penali" li jirriżultaw partikolarment mill-miżuri Komunitarji, li ma tikkorrispondi bl-ebda mod għall-viżjoni ta' suq wiesgħa miftuħ.

(44) L-intervent tal-FPAP fil-fatt jaħseb biex jiffaċilita l-fatt li s-sajd jinżamm f'qafas reġjonali u biex itellef lill-vapuri tal-baħar milli jirrikorru għal fondi għal aċċess aktar viċini jew lil bastimenti tas-sajd bit-tkarkir milli jaqilbu għal sajd aktar speċifiku u li jaħlu anqas enerġija. L-għan tiegħu għandu jkun li jħares ir-riżorsi, il-bilanċi u d-diversità tas-sistema minn fażi ta' adattament. B'dan il-mod, l-FPAP kellu jantiċipa l-pjanijiet ta' salvataġġ u ta' ristrutturazzjoni u ż-żieda maħsuba mil-limitu tal-għajnuna *de minimis*. Għal dawn ir-raġunijiet, l-FPAP jikkondividi l-argumenti li ġejjin:

— ma jkunx eżatt li wieħed jgħid li l-ħlasijiet bil-quddiem mogħtija mill-Istat saru mingħajr l-ebda kundizzjoni, għax min-naħa l-oħra dawn kienu "kundizzjonati għal ġestjoni trasparenti immedjata (u) fuq kollox għad-definizzjoni ta' politika sostenibbli li d-definizzjoni tagħha tkun is-suġġett ta' spezzjoni ġenerali";

— ftit aktar minn terz tal-intervent tiegħu (25 miljun euro fuq 65 miljun) kien jikkonċerna direttament il-ħlasijiet bil-quddiem għal dawk li jirċievu salarju u jista' jiġi analizzat bħala għajnuna soċjali diretta;

— l-għajnuna tingħata bħala riżultat ta' sitwazzjoni straordinarja meta l-Kummissjoni tammetti hi stess id-diffikultajiet ekonomiċi u soċjali eċċezzjonali tas-settur;

— l-FPAP josserva li huwa ċivilment responsabbli skont il-liġi Franċiża u li r-responsabbiltà tiegħu mhix limitata. Għal din ir-raġuni, fin-nuqqas tal-ħlas lura, il-kriterju miżmum mill-Kummissjoni biex tikkwalifika dan l-intervent ta' għajnuna mill-Istat mhux suffiċjenti.

(45) Fl-aħħarnett, MQA trażmettiet, fil-qafas tal-osservazzjonijiet tagħha, il-kopji taż-żewġ ittri tal-Ministru responsabbli mill-Baġit lil FPAP, li jindikaw li l-FPAP u l-imsieħba kollha tiegħu jibbenefikaw minn miżuri fiskali. Dawn jikkonsistu, għal FPAP, f'eżenzjoni mit-taxxi fuq is-soċjetajiet kif ukoll, probabilment, mit-taxxa professjonali u, għas-sajjieda li jaħdmu għal rashom, il-possibbiltà li jnaqqsu l-kontribuzzjonijiet imħallsa lill-assoċjazzjoni mid-dħul taxxabbli tagħhom.

## 4. L-APPREZZAMENT TAL-FATTI

(46) Din id-deċiżjoni ma tikkonċernax il-vantaġġi fiskali msemmija fil-premessa 45. Fil-fatt, il-Kummissjoni ma kinitx taf b'dawn meta din iddeċidiet li tibda l-proċedura formali tal-eżami. Dawn il-vantaġġi fiskali huma suġġetti għal analiżi speċifika, taħt il-fajl NN 38/2007, sabiex ikun deċiż jekk dawn jikkorrispondux għal għajnuna mill-Istat, u, jekk dan ikun il-każ, jekk din l-għajnuna hijiex kompatibbli mas-suq komuni.

(47) L-FPAP għandu għan li jrid jiġi kkunsidrat, fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat, b'mod doppju:

— l-ewwelnett, dan għandu l-għan li jikseb opzjonijiet finanzjarji fuq is-swieq tal-futures. Anke jekk dan mhuwiex ippreċiżat b'mod espliċitu, dawn is-swieq tal-futures fil-fatt huma dawk taż-żejt jew tal-prodotti derivati minnu. B'hekk jidher li l-FPAP, filwaqt li huwa ffurmat taħt il-forma ta' assoċjazzjoni, jopera fuq dawn is-swieq tal-futures billi jikseb opzjonijiet, kif tagħmel soċjetà privata ordinarja li tkun attiva fuq dan it-tip ta' swieq, u li topera skont ir-regoli tal-ekonomija tas-suq. L-għajnuna għall-kisba tal-opzjonijiet fuq is-swieq tal-futures hija analizzata hawn taħt fil-parti 4.1 ta' din id-Deċiżjoni;

— it-tieninett, l-FPAP għandu l-għan li jħallas lill-impriżi tas-sajd li huma msieħba miegħu d-differenza bejn il-prezz medju mensili ta' referenza u, skont il-ftehimiet tat-12 ta' Novembru 2004 u tas-27 ta' Mejju 2005, il-"prezz massimu kopert" jew, skont il-ftehim tal-11 ta' Ottubru 2005, il-prezz ta' 30 euro ċenteżmu għal kull litru jekk il-prezz medju mensili tal-indiċi ta' referenza jkun superjuri għal dan il-prezz. Il-prezz medju mensili ta' referenza huwa stabbilit mill-FPAP. Il-kumpens imħallas mill-FPAP lill-impriżi tas-sajd għax-xiri ta' karburant huwa analizzat hawn taħt fil-parti 4.2 ta' din id-Deċiżjoni.

### 4.1. **Għajnuna favur l-FPAP: għajnuna għall-kisba ta' opzjonijiet fuq is-swieq tal-futures**

4.1.1. *L-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat*

4.1.1.1. L-FPAP huwa impriża fis-sens tal-Artikolu 87 tat-Trattat KE

(48) L-ewwelnett jinħtieġ li jiġi determinat jekk l-FPAP jistax jikkwalifika bħala impriża. Jekk dan mhux il-każ, l-Artikolu 87(1) ma japplikax għal FPAP. Dwar din il-kwistjoni, il-Kummissjoni tfakkar li skont ġurisprudenza kostanti, fil-kuntest tal-liġi tal-kompetizzjoni, il-kunċett ta' "impriża" jinkludi l-entitajiet kollha li jeżerċitaw attività ekonomika indipendentement mill-istatut ġuridiku ta' dawn l-entitajiet u l-metodi ta' finanzjament tagħhom ([4]). Kull attività li toffri oġġetti u servizzi fuq suq magħruf tikkostitwixxi attività ekonomika ([5]).

(49) Is-soċjetajiet li jintervjenu fuq is-swieq tal-futures tal-prodotti tal-materja prima huma normalment soċjetajiet privati li jaħdmu skont ir-regoli tal-ekonomija tas-suq. L-għan tal-operazzjonijiet li jseħħu fuq dawn is-swieq tal-futures jikkonsisti, għall-operatur, li jiffoka fuq il-fatt li l-prezz tax-xiri tal-prodott, fil-każ fejn ikun mixtri fil-futur bil-prezz normali tas-suq, ikun differenti mill-prezz li bih hija stabbilita l-opzjoni. B'hekk, operatur attiv fuq suq bħal dan jieħu riskju minħabba l-fatt tal-inċertezza fuq l-evoluzzjoni tal-prezzijiet. F'dan il-każ, l-FPAP fil-fatt aġixxa bħala operatur fuq is-swieq tal-futures tal-prodotti taż-żejt. B'hekk, din hija wkoll attur ekonomiku fis-settur tas-sajd minħabba li din xtrat is-soċjetà CECOMER, il-membru fundatur u amministratur tal-FPAP, u l-kumpanija ċentrali għax-xiri tal-kooperattivi marittimi, tal-karburant bi prezz differenti minn dak li din is-soċjetà tixtri bil-prezz normali tas-suq. Jekk l-operazzjoni tax-xiri tal-opzjonijiet, li hija operazzjoni ta' natura spekulattiva, tkun irnexxiet, il-prezz tal-karburant mogħti lura lill-kooperattivi huwa anqas minn dak tas-suq. B'hekk l-FPAP jieħu riskju bil-ħsieb li t-teħid ta' dan ir-riskju jkun ta' profitt finanzjarju għalih. Il-kooperattivi marittimi, min-naħa tagħhom, wara jerġgħu jbiegħu mill-ġdid dan il-karburant lill-impriżi tas-sajd skont il-prezz li bih setgħu jiksbuh mingħand CECOMER. Il-karatteristiċi

([4]) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Frar 1993, il-kwistjonijiet konġunti C-159/91 u C-160/91, AGF-Cancava, Rec. 1993, p. I-637.

([5]) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Jannar 2006, C-222/04, Cassa di Risparmio, Rec. 2006, p. I-289.

tal-operazzjonijiet ta' trasferiment tal-propjetà tal-karburant mixtri minn FPAP lil CECOMER, soċjetà kooperattiva ta' bejjiegħa bl-imnut, mhumiex magħrufa; madankollu, u minkejja li CECOMER hija membru fundatur tal-FPAP, dawn huma operazzjonijiet magħmula bejn żewġ entitajiet indipendenti. Dawn l-operazzjonijiet ta' trasferiment tal-propjetà tal-karburant jistgħu jiġu analizzati li għandhom natura kuntrattwali; fil-fatt, għalkemm probabilment jippreżentaw ċerti partikolaritajiet, il-ftehimiet skont liema jsiru l-anqas ma jaqgħu taħt il-ftehimiet ta' dritt privat u bl-istess mod taħt kuntratti ta' dritt privat. L-attività ta' FPAP, li b'hekk tikkonsisti f'intervent fuq is-swieq tal-futures tal-prodotti taż-żejt biex jixtru dawn il-prodotti bil-ħsieb li jingħataw lura lil CECOMER, soċjetà kummerċjali, tidher li hija attività ta' natura ekonomika. Min-naħa l-oħra, fid-deċiżjoni tal-bidu tal-proċedura, il-Kummissjoni osservat: "L-FPAP għandu l-għan li jippermetti l-kisba ta' opzjonijiet finanzjarji fuq is-swieq tal-futures. Anke jekk dan ma ġiex ippreċiżat b'mod espliċitu, is-swieq tal-futures imsemmija huma biċ-ċar dawk taż-żejt u tal-prodotti derivati minnu. B'hekk jidher li l-FPAP, filwaqt li kien iffurmat taħt forma ta' assoċjazzjoni, jaġixxi fuq dawn is-swieq tal-futures billi jixtri u jbiegħ opzjonijiet, kif tagħmel soċjetà privata ordinarja attiva f'dan it-tip ta' suq u li topera skont ir-regoli tal-ekonomija tas-suq.". Fir-risposti tagħhom, Franza u l-FPAP ma kkuntestawx il-fatt li l-FPAP kien qed jagħmel dawn l-operazzjonijiet ta' xiri u ta' bejgħ ta' opzjonijiet. Franza ma tagħmel l-ebda kumment dwar dan; fir-rigward tal-FPAP, dan josserva biss li "l-FPAP intervjena fuq is-suq dinji tal-'commodities' flimkien mal-aġenti jew l-istabbilimenti finanzjarji speċjalizzati. Huwa diffiċli li wieħed jimmaġina suq akar kompetittiv, aktar mifrux, u aktar volatili. Għalhekk, il-fond ma bbenefika mill-ebda vantaġġ fuq it-tariffi, l-anqas minn kundizzjonijiet partikolari fir-rigward tal-operaturi l-oħra kollha tas-suq … Għalhekk, il-kwistjoni terġa' ddur fuq l-oriġini tal-fondi mħallsa bil-quddiem …"; għalhekk ma jitfa' l-ebda dubju fuq id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni skont liema dan kien jaġixxi bħal operatur ordinarju fuq dawn is-swieq tal-futures. Barra minn dan, jaqbel li wieħed jinnota li l-funzjoni tal-FPAP hija biss dik ta' amministratur tal-fondi pubbliċi fl-interess pubbliku. Dan ma jistax jitqies bħala l-eżerċizzju tal-prerogattivi ta' poter pubbliku mill-Istat jew minn entità taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

(50) Għalhekk, skont l-evidenza, l-FPAP għandu jitqies bħala impriża fis-sens tad-dritt Komunitarju tal-kompetizzjoni. M'hemmx bżonn li wieħed jindirizza n-natura u l-istatut tiegħu. Partikolarment, il-fatt li eventwalment dan m'għandux għan ta' qligħ mhuwiex pertinenti. Min-naħa l-oħra, anke jekk wieħed iqis dan, bħala referenza għat-termini propja tal-FPAP, "bħala d-difensur tal-konsumaturi tal-prodotti taż-żejt li jfittxu li jipproteġu lilhom infushom mis-suq aktar milli li jintervjenu fih", dawn il-"konsumaturi" fil-fatt huma operaturi ekonomiċi (kooperativi marittimi u impriżi tas-sajd) li jfittxu lu jnaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom. Din ir-reazzjoni, perfettament loġika min-naħa tal-operaturi ekonomiċi, madankollu ttellef li dawn lil dawn l-operaturi milli jitqiesu bħala operaturi individwali fis-sens tal-punt (a) tal-Artikolu 87(2), tat-Trattat, li jawtorizza għajnuna ta' tip soċjali favur dawn il-konsumaturi individwali. Għalhekk, l-argumenti ppreżentati minn Franza jew l-istess FPAP, rigward kemm l-istatut tiegħu, il-mod tal-iffunzjonar, l-għanijiet tiegħu li s-sitwazzjoni speċifika tiegħu fuq is-suq tal-prodotti taż-żejt, ma jistgħux jiġu sostnuti.

4.1.1.2. Il-prinċipju ta' kreditur privat [6]

(51) Il-Kummissjoni tqis li f'din il-kwistjoni, din għandha bażi biex tqis l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat billi tapplika l-prinċipju ta' kreditur privat.

(52) Il-fondi li ġejjin mit-tliet ħlasijiet bil-quddiem li l-kundizzjonijiet tal-għotja tagħhom huma magħrufa jridu jitħallsu lura bir-rata tal-interess ta' 4,45 %. Fir-rigward tal-possibbiltà tar-raba' ħlas bil-quddiem, għal ammont ta' 12-il miljun euro, wieħed jista' jqis li l-għotja tiegħu tkun saret f'kundizzjonijiet identiċi jew simili ħafna. Dan il-finanzjament mill-Istat għalhekk jikkorrispondi fil-prattika f'self mogħti b'din ir-rata. Ċertament, din ir-rata hija superjuri għar-rata ta' referenza użata mill-Kummissjoni biex tiddetermina l-element tal-għajnuna li teżisti f'sussidji fuq l-interessi, b'rata ta' referenza ffissata għal 4,43 % fl-2004 [7] u għal 4,08 % mill-1 ta' Jannar 2005 [8]. Għalhekk, teoretikament, seta' ma jkunx hemm għajnuna mill-Istat fil-ħlasijiet bil-quddiem mogħtija jekk dawn kienu saru fil-kundizzjonijiet normali ta' ekonomija tas-suq.

(53) Il-Kummissjoni tqis madankollu li dawn il-ħlasijiet bil-quddiem ma ngħatawx skont il-kundizzjonijiet normali tas-suq, fid-dawl tal-fatt li l-ebda kreditur privat ma kien jaċċetta li jagħti l-ammonti msemmija, fin-nuqqas ta' garanzija fuq il-vijabbiltà tal-attività tal-FPAP u l-probabbiltà tal-irkuprar meta din tiskadi.

(54) Il-kapital inizjali tal-FPAP huwa magħmul mill-kontribuzzjonijiet tal-imsieħba (ara l-premessi 23 u 25). La Franza u l-anqas l-FPAP ma pprovdew indikazzjonijiet ta' ċifri dwar ir-riżorsi li ġejjin minn dawn il-kontrbuzzjonijiet. Skont l-argument mehmuż mar-risposta tal-21 ta' April 2006, l-awtoritajiet Franċiżi b'hekk iqisu, wara li kienu indikaw li "matul l-elaborazzjoni tar-risposta tas-6 ta' Diċembru 2005, dawn ir-riżorsi kienu ġew proposti fl-abbozz imma kienu tneħħew matul il-validazzjoni inter ministerjali", li "ma kienx jidher neċessarju li tingħata risposta issa."

---

[6] Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 1999, C-342/96, Spanja c/ il-Kummissjoni, Rec. 1999, p. I-2459; is-sentenza tal-Qorti tal-Gustizzja tad-29 ta' Ġunju 1999, C-256/97, DMTransports, Rec. 1999, p. I-3913; is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-11 ta' Lulju 2002, T-152/99, Andrès Molina, Rec. 2002, p. II-3049.

[7] ĠU C 307, 17.12.2003, p. 11.

[8] ĠU C 220, 8.9.2005, p. 2.

(55) Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li l-ammonti huma relattivament żgħar meta mqabbla mal-kobor probabbli tal-ispejjeż. Fil-fatt, fuq il-bażi tal-indikazzjonijiet li jidhru fil-memorandum iffirmat tas-segretarju ġenerali tal-FPAP, fil-"*Metodu tal-ħidma dettaljat tal-FPAP*" ta' Novembru 2004, u fin-"*nota ta' informazzjoni tal-FPAP*" ta' Jannar 2006, tista' tiġi ppreżentata evalwazzjoni wiesgħa: madwar 2 500 sħab (in-numru ta' msieħba tal-FPAP skont l-awtoritajiet Franċiżi) iħallsu abbonament għas-sħubija ta' 150 euro, jiġifieri 375 000 euro, li magħhom jiżdiedu l-kontribizzjonijiet li jkopru l-garanzija tar-riskju (ara l-punt (25)). Jekk wieħed iqis li l-volum kollu tad-diżil użat huwa assigurat, u jekk jibbaża fuq il-konsum indikattiv ta' bastiment tas-sajd ta' 24 metru hekk kif irrapportat mill-FPAP (madwar 10 tunellata diżil fil-ġimgħa), l-ipoteżi massima ta' attività ta' 48 ġimgħa fis-sena, jiġifieri konsum ta' 480 tunellata (ħhalkemm in-numru ta' ġimgħat ta' attività probabbilment ikun eqreb għal bejn 38 u 40 milli għal 48), u l-valur uniku tal-kontribuzzjoni lil FPAP, jiġifieri 0,0035 euro għal kull litru, wieħed jasal, għal 2 500 vapur, għal total ta' 4 200 000 euro fis-sena. It-tielet sors ta' kontribuzzjonijiet tiġi mill-possibbiltà, prevista mill-istatut, li l-assoċjazzjoni tilqa' fi ħdanha, sa livell ta' mhux aktar minn 5 % tal-imsieħba, "*kull persuna li hi lesta li tagħti appoġġ morali lill-assoċjazzjoni*". Probabbilment dan huwa ammont marġinali. Fin-nuqqas ta' kull indikazzjoni fuq in-numru ta' dawn l-imsieħba li huma lesti li jagħtu appoġġ morali u fuq l-ammont tal-kontribuzzjoni tagħhom, wieħed iriq joqgħod fuq l-ipoteżi għolja ħafna ta' rċevuti supplementari fil-livell ta' 125 000 euro (125 imsieħeb mingħajr attività tas-sajd, li huwa l-massimu awtorizzat mill-istatut tal-FPAP [5 % ta' 2 500 sħab] × 1 000 euro).

(56) L-ammonti kollha li ġejjin minn diversi kontribuzzjonijiet għalhekk jammontaw għal 4 200 000 + 375 000 + 125 000 jiġifieri 4 700 000 euro fis-sena. Din hija ipoteżi estremament ottimista, ikkalkulata fuq il-bażi tal-konsum indikattiv ta' bastiment tas-sajd ta' 24 metru b'tul ta' attività ta' 48 ġimgħa fis-sena, u fuq l-ipoteżi li l-konsum kollu huwa assigurat. Il-Kummissjoni tibbaża fuqha biss biex tkun tista' tagħmel riċerka dwar x'jista' jkun l-ammont massimu teoretiku tal-ammont li jirċievi l-FPAP. Madankollu, jekk wieħed jikkunsidra li Franza tindika ċifra ta' vapuri msieħba ta' 2 385, fosthom proporzjon imdaqqas ta' bastimenti għal navigazzjoni qrib ix-xtajta ta' anqas minn 12-il metru, li l-konsum annwali ta' karburant tagħhom huwa eqreb għal 200 tunellata milli għall-480 li huma l-bażi għall-kalkolu t'hawn fuq, huwa probabbli li l-ammont reali huwa tassew anqas. Fil-fatt, minħabba li l-flotta Franċiża hija ta' madwar 1 500 vapur ta' aktar minn 12-il metru u li 95,3 % tal-vapuri ta' dan id-daqs huma koperti mill-FPAP ([9]), jiġifieri madwar 1 400 bastiment, wieħed jikkonkludi li madwar 1 000 vapur ta' anqas minn 12-il metru huma koperti wkoll mill-FPAP. L-ammont totali ta' rċevuti annwali għalhekk żgur li huwa anqas minn dan l-ammont ta' 4,7 miljun euro.

(57) Wara li saru dawn il-kalkoli ipotetiċi ta' rċevuti, il-Kummissjoni tosserva li l-FPAP, min-naħa, apparentament ma jipposjedi l-ebda propjetà immobbli u li, min-naħa l-oħra, il-propjetà mobbli tiegħu, magħmula biss mill-kontribuzzjonijiet tal-imsieħba tiegħu, huma ferm ridotti. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni tqis li fil-kundizzjonijiet normali ta' ekonomija tas-suq, bank, bħal pereżempju il-Crédit Maritime, li jippreżenta ruħu, skont it-termini tiegħu, bħala "is-sieħeb naturali tas-settur tas-sajd", qatt ma kien isellef (jew "ħallas bil-quddiem" biex nirreferu għat-termini tal-ftehimiet li saru bejn l-Istat u l-FPAP) is-somom in kwistjoni (ħlief biss parti minn dawn is-somom) lil FPAP biex jintervjeni fuq suq tal-futures, mingħajr ma qabel ikun kiseb l-assigurazzjoni raġonevoli tas-solvenza probabbli tiegħu meta jkun dovut il-ħlas lura tas-self.

(58) Franza toġġezzjona li din il-koklużjoni hija "allegazzjoni li mhi bbażata fuq l-ebda inkjesta preċiża ma' organizzazzjonijiet bankarji, u li setgħu jiġu stabbiliti sistemi ta' garanzija." Madankollu, inkjesta mwettqa mill-Kamra Nazzjonali tal-Kunsilli u l-Esperti Finanzjarji ([10]) ma' ħamsa u tletin bank tipprovdi idea tassew preċiża tan-normi li jintużaw fl-istituzzjonijiet bankarji Franċiżi matul l-għotja ta' kreditu lill-klijenti tagħhom. L-attenzjoni biex jillimitaw ir-riskju ta' kreditu tagħhom fir-rigward tal-klijenti tagħhom twassal lill-manaġers tal-istabbilimenti bankarji biex jimponu r-rispett tan-normi bażiċi li huma bbażati fuq serje ta' proporzjonijiet li jippermettu l-analiżi tas-saħħa finanzjarja u l-kapaċità tal-impriża biex tħallas id-dejn tagħha, skont diversi kriterji bħal fondi proprji, bilanċ, il-livell tad-dejn tagħhom fuq iż-żmien, id-dħul u l-ispejjeż finanzjarji. Minn din l-analiżi jirriżulta partikolarment li proporzjon "dejn totali bankarju fuq il-fondi propji" ta' aktar minn 2.50 jirriżulta f'indikatur tar-riskju li, għalkemm ma jeskludix definittivament l-għotja ta' self, imma jwassal lill-istabbiliment biex jieħu garanziji ogħla. Fil-każ tal-FPAP, jekk wieħed jirraporta il-65 miljun ta' ħlas bil-quddiem mal-istima ottimista tal-fondi propji ppreżentati hawn fuq (4,7 miljun euro, ara l-premessa 56), il-proporzjon jistabbilixxi ruħu għal 13,82, jiġifieri kważi sitt darbiet

([9]) Kontra għal dak li jidher fid-Deċiżjoni tal-proċedura formali tal-eżami, il-vapuri ta' din il-kategorija (aktar minn 12-il metru) ma jirrappreżentawx 95,3 % tal-bastimenti msieħba fl-FPAP. Fil-fatt, huma 95,3 % tal-bastimenti ta' din il-kategorija li huma koperti mill-FPAP.

([10]) N. COULON Il-proporzjonijiet bankarji l-ġodda ta' dejn tal-impriżi BANQUE Nru 511 Diċembru 1990, imsemmi minn Alain Galesnes fi "Id-djanjożi bankarja tal-impriża" f'*Editions du Centre d'Etudes et de Recherches Financières appliquées* (CEREFIA) Rennes, 1994/2004.

aktar mil-limitu superjuri tar-riskju. Naturalment, jekk l-ammont reali tal-ħlas bil-quddiem kien ogħla (77 miljun, meta jitqies il-ħlas bil-quddiem kumplementari possibbli ta' 12-il miljun imsemmi fil-premessa 22), jew jekk l-ammont reali tal-fondi propji kien tassew aktar dgħajjef, dan il-proporzjon ipotetiku jkompli jiżdied. B'tali livell ta' riskju, l-ebda organizzazzjoni bankarja ma qatt kienet tikkunsidra l-possibbiltà eventwali ta' self, anke jekk l-utilizzazzjoni ta' titoli ta' sigurtà reali (bħalma hu r-rahan tal-opzjonijiet tax-xiri jew bil-garanzija ta' stokks tal-karburant miksub mill-FPAP) jew personali (ipoteki meħuda fuq il-propjetà personali tal-imsieħba u ipoteka fuq il-bastimenti tagħhom) fil-fatt huwa parti mit-tekniki bankarji li jippermettu li jiġi minimizzat ir-riskju tal-falliment. Madankollu, wieħed għandu jisserva li, fil-każ ta' rikors għal titoli ta' sigurtà personali fuql-imsieħba, l-impriżi tas-sajd kienu tassew juru altar reżistenza biex jissieħbu fl-FPAP. Jeżistu wkoll tekniki oħra ta' trasferiment jew ta' qsim tar-riskju-klijent, bħalma huma l-kofinanzjament tas-self minn diversi stabbilimenti bankarji, ir-rikors għal soċjetajiet ta' garanzija u l-assoċjazzjoni ma' sħab għal fondi ta' garanzija reġjonali u dipartimentali (dawn ġeneralment ikunu wkoll garantiti minn soċjetajiet ta' garanzija) imma, fil-każijiet kollha, il-garanzija ġeneralment tingħata biss lill-impriżi li huma fondamentalment b'saħħithom u li jistgħu jagħtu profitt, u għal ammont li qatt ma jaqbez il-50 % tad-dejn (fil-każ tal-FPAP, għal ammont ta' ftit aktar minn 30 miljun euro, li jġalli l-eżistenza ta' riskju residwu ta' kważi tliet darbiet il-limitu superjuri tar-riskju).

(59) Meta Franza tirrimarka, fir-rigward ta' dawn it-tekniki, li sistemi ta' garanzija *"setgħu"* jiġi stabbiliti, din tammetti b'mod impliċitu li dan ma kienux ġew stabbiliti f'dan il-każ u li l-ħlas bil-quddiem tal-Istat ingħata mingħajr ma ġew riċerkati garanziji li jistgħu jitqabblu ma' dawk li jintużaw fi stabbilimenti bankarji. F'dawn il-kundizzjonijiet, il-Kummissjoni tikkonkludi li Franza ma aġixxietx bħala kreditur privat u li din ma kellha l-ebda garanzija li l-FPAP seta' jħallas lura l-fondi li kellu għad-dispożizzjoni.

(60) Min-naħa l-oħra, l-FPAP, permezz tal-Kunsill tiegħu, jagħmel l-osservazzjoni li huwa ċivilment responsabbli skont il-liġi Franċiża u li din ir-responsabbiltà hija mingħajr limitu, filwaqt li nnota li l-azzjoni tal-assoċjazzjoni tista' toħloq responsabbiltà għal somom importanti. Ċertament, il-Kummissjoni tirrimarka li jistgħu ikunu involuti somom kbar ta' flus, b'entità bħall-FPAP fejn l-operazzjonijiet imwettqa fuq is-swieq tal-futures huma operazzjonijiet li jippreżentaw riskji ċerti u jistgħu jwasslu għal telf kbir. Apparti dan, m'hemm xejn li jgħid li r-responsabbiltà tal-FPAP, f'każ ta' telf importanti, jkun kopert mill-membri. L-ebda wieħed mid-dokumenti pprovduti, (l-istatut, il-metodu tal-ħidma, in-nota ta' informazzjoni) ma jippreżenta xi mekkaniżmu bħal dan. L-unika kunsiderazzjoni ta' natura finanzjarja li tidher f'dawn id-dokumenti tikkonċerna l-kontribuzzjoni li għaliha huwa indikat li din tibqa' miksuba għall-profitt tal-assoċjazzjoni meta jirtira xi membru (l-Artikolu 10). Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni tosserva li l-liġi tal-21 ta' Marzu 1884, il-liġi li biha nħoloq l-FPAP, hija l-liġi li ppermettiet il-ħolqien ta' assoċjazzjonijiet kummerċjali fi Franza. Ċertament mhuwiex fl-ispirtu ta' tali liġi li tagħti responsabbiltà ta' natura ekonomika, u għalhekk finanzjarja, lill-membri tal-assoċjazzjoni konċernata. Għalhekk, fil-każ ta' telf finanzjarju importanti, il-Kummissjoni ma tarax kif dan it-telf jista' jiġi kkumpensat mill-imsieħba tiegħu.

(61) Meta tqis dawn l-elementi kollha, il-Kummissjoni hi tal-fehma li l-prinċipju tal-kreditur privat ma ġiex irrispettat.

4.1.1.3. L-eżistenza ta' vantaġġ finanzjarju mogħti permezz tar-riżorsi tal-Istat

(62) Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-ammont stmat tal-ammonti rċevuti li ġejjin minn diversi kontribuzzjonijiet tal-imsieħba, anke skont l-ipoteżi għolja, qatt ma kienet tippermetti lil FPAP jintervjeni fuq suq tal-futures mingħajr appoġġ fuq fondi esterni. Dawn il-fondi esterni ġew ipprovduti mill-Istat, permezz tal-OFIMER, taħt il-forma tal-anqas ta' tliet ħlasijiet bil-quddiem imqassma bejn Novembru 2004 u Ottubru 2005, għal ammont totali li tela', skont l-informazzjoni kkomunikata minn Franza, għal 65 miljun euro. Ir-raba' ħlas bil-quddiem ta' 12-il miljun euro probabbilment tħallas ukoll; fil-fatt, it-termini tal-argument imsemmi fil-premessa 22 jagħtu x'wieħed jifhem li l-iffirmar tal-ftehim kien qed isir f'din id-data.

(63) Franza ma ppreżentat l-ebda element li seta' jikkontradiċi din l-analiżi. F'dan l-argument, wieħed jista' jaqra: "L-FPAP huwa meqjus (mill-Kummissjoni) li ma jistax jintervjeni fir-rigward tal-mezzi tiegħu mingħajr il-ħlas bil-quddiem li jitħallas lura lill-Istat. Ma jista' jiġi ppreżentat l-ebda argument kontra din l-evidenza." Ukoll, għall-Kummissjoni, dawn il-ħlasijiet bil-quddiem ingħataw skont kundizzjonijiet li mhumiex il-kundizzjonijiet normali tas-suq (ara l-premessi 51 sa 61 ta' din id-Deċiżjoni)

(64) Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni tosserva li la Franza u l-anqas l-FPAP ma taw indikazzjoni lill-Kummissjoni dwar l-ammont tal-fondi użati mill-FPAP fuq dawn is-swieq tal-futures, jew dwar ir-riżultat tat-tranżazzjonijiet li twettqu fuqu. Skont l-istess argument, l-awtoritajiet Franċiżi għażlu minn jeddhom li ma jikkomunikawx din l-informazzjoni; fil-fatt huwa indikat li "… dawn l-elementi jistgħu jiġu pprovduti lill-Kummissjoni; madankollu issa jaqbel li jitqies l-interess li jiġu pprovduti tali elementi." Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li dawn l-elementi ma ngħatawx lilha, la permezz tal-posta u l-anqas b'mezzi oħra.

(65) Fl-aħħarnett, Franza kif ukoll l-FPAP u l-Kunsill tiegħu, jqisu li l-Kummissjoni ma tistax tippreġudika l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat sakemm ma ġie kkunsidrat l-ebda nuqqas ta' ħlas lura (Franza: "il-ħlas bil-quddiem li jitħallas lura ma jistax jiġi kkwalifikat bħala għajnuna mill-Istat minħabba li għadu ma skadiex iż-żmien tal-ħlas lura". FPAP: "Din is-somma ma tistax titħallas lura? Din hija l-mistoqsja prinċipali li tistaqsi l-Kummissjoni"; MQA: "L-ebda wieħed mis-self mogħti minn Franza lil FPAP ma wasal fit-tmiem tiegħu. F'dan l-istadju m'hemm l-ebda nuqqas ta' ħlas lura u l-anqas m'hemm ebda evidenza mill-Istat Franċiż li tagħti x'jifhem li id-dejn ser jiġi annullat fit-tmiem tiegħu"). Il-Kummissjoni tfakkar f'dan ir-rigward li l-kwalifikazzjoni għall-għajnuna mill-Istat favur l-FPAP hija l-ewwelnett marbuta mad-deċiżjoni ta' Franza li tagħti lill-FPAP self li dan ma kienx jiksbu b'xi mod ieħor, u dan anke jekk iż-żmien tal-iskadenza tal-ħlas lura kien jiġi rrispettat. Huwa għal-hekk, meta l-Kummissjoni tistaqsi lilha nnifisha dwar is-solvenza tal-FPAP meta jiskadi s-self, hija l-ewwelnett minħabba li din il-kwistjoni ta' solvenza tal-FPAP hija fil-qalba tal-apprezzament tas-sitwazzjoni tiegħu fir-rigward tal-kundizzjonijiet normali tal-għotja ta' self minn stabbiliment bankarju privat, u mhux minħabba li din tissuspetta li s-self jinbidel f'sempliċi għajnuna finanzjarja.

(66) Minn dan il-lat, jekk kien jidher li l-ħlasijiet bil-quddiem ma tħallsux fiż-żmien, anke jekk mhux imħallsa lura għal kollox, dan kien jikkonferma li l-FPAP ma kienx f'pożizzjoni li jilħaq l-għanijiet previsti mill-istatut tiegħu mingħajr self estern ta' kreditu, u li dan is-self qatt ma kien jingħatalu minn organizzazzjoni bankarja f'kundizzjonijiet normali tas-suq. Madankollu, dwar dan, il-Kummissjoni tosserva li Franza ma nfurmathiex bi ħlas lura eventwali tal-ħlasijiet bil-quddiem li bbenefika minnhom l-FPAP. Dawn kellhom jitħallsu lura, rispettivament fl-1 ta' Novembru 2006 għall-ħlas bil-quddiem ta' 15-il miljun euro li kienu s-suġġett tal-ftehim tat-12 ta' Novembru 2004, fl-1 ta' Mejju 2007 għall-ħlas bil-quddiem ta' 10 miljun euro li kienu s-suġġett tal-ftehim tas-27 ta' Mejju 2005 u fl-1 ta' Lulju 2007 għall-ħlas bil-quddiem ta' 40 miljun euro li huma s-suġġett tal-ftehim tal-11 ta' Ottubru 2005 (ara l-premessa 21). Fir-rigward tar-raba' ħlas bil-quddiem li seta' jibbenefika minnu l-FPAP (ara l-premessa 22), la d-data tal-ftehim u l-anqas id-data tal-iskadenza tal-ħlas lura m'huma magħrufa.

(67) It-tliet dati tal-iskadenza magħrufa għaddew. L-ewwel data kienet diġà għaddiet meta Franza bagħtet l-aħħar ittra tagħha lill-Kummissjoni, fis-27 ta' Novembru 2006, wara d-deċiżjoni tal-bidu tal-proċedura formali tal-eżami. Il-Kummissjoni tqis li, jekk dan il-ħlas bil-quddiem fil-fatt kien tħallas lura, Franza jew l-FPAP stess kienu jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan mingħajr dewmien minħabba li wieħed mill-argumenti mressqa kontra l-analiżi tal-Kummissjoni kien li dawn il-ħlasijiet bil-quddiem ma setgħux jikkwalifikaw bħala għajnuna mill-Istat minħabba li l-iskadenza għall-ħlas lura kienet għadha m'għaddietx. M'hemm l-ebda dubju li kieku kien sar il-ħlas lura tal-ewwel ħlas bil-quddiem, Franza kienet tgħarraf lill-Kummissjoni b'dan fl-ittra tagħha tas-27 ta' Novembru 2006 u wara kienet tagħmel l-istess għat-tieni u t-tielet ħlasijiet bil-quddiem li kellhom jitħallsu lura sal-1 ta' Mejju u sal-1 ta' Lulju 2007, kif ukoll għar-raba' ħlas bil-quddiem eventwali. Barra minn hekk, l-artikli li dehru fil-midja professjonali jissuġġerixxu li s'issa għadu ma sar l-ebda ħlas lura. B'hekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-għajnuna mogħtija inizjalment taħt il-forma ta' ħlas bil-quddiem inbidlet f'għajnuna taħt forma ta' sussidju dirett.

(68) Għalhekk, għal dawn ir-raġunijiet kollha spjegati hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-ħlasijiet bil-quddiem tal-Istat jirrappreżentaw vantaġġ finanzjarju mogħti permezz tar-riżorsi tal-Istat.

4.1.1.4. L-eżistenza ta' vantaġġ finanzjarju li hija responsabbiltà tal-Istat

(69) Il-Kummissjoni tinnota li t-tliet ftehimiet li saru bejn l-Istat u l-FPAP jipprevedu b'mod ċar li l-fondi pubbliċi mħallsa għandhom l-għan li jistabbilixxu mekkaniżmu ta' kopertura kontra l-varjazzjonijiet tal-prezzijiet internazzjonali taż-żejt u li dan il-mekkaniżmu jippermetti l-kisba fuq is-swieq tal-futures ta' opzjonijiet finanzjarji. Madankollu, huwa ovvju li l-finanzi inizjali tal-FPAP, li kienu sostnuti biss mill-kontribuzzjonijiet tal-imsieħba tiegħu, ma kienux jippermettu li jwettaq tali operazzjonijiet, u anqas u anqas fil-livell li dawn saru. Fil-fatt, l-ewwel ftehim, bid-data tat-12 ta' Novembru 2004, jindika li l-ħlas bil-quddiem ta' 15-il miljun euro għandu

l-għan "li jippermetti l-iżvilupp tal-arranġament". Huwa għalhekk bis-saħħa ta' dawn il-ħlasijiet bil-quddiem li l-FPAP kien f'pożizzjoni li jwettaq l-operazzjonijiet ta' akkwist fuq is-swieq tal-futures fi proporzjonijiet sinifikanti.

(70) F'termini oħra, jidher li l-Istat sostna b'mod konkret il-ħolqien tal-FPAP, kostitwit f'forma ta' assoċjazzjoni, u l-impenn tiegħu fuq is-swieq tal-futures tal-prodotti taż-żejt, filwaqt li din l-attività ma tikkorrispondix mal-attività ordinarja ta' assoċjazzjoni, u dan, f'kudizzjonijiet ta' kompetizzjoni ma' operaturi privati li mhumiex kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni normali. Franza tagħraf ukoll, mis-7 ta' Ottubru 2005, li "il-gvern inkoraġġixxa strateġija mibdija mill-professjonisti, li hija l-ħolqien ta' fond ta' prevenzjoni tar-riskji tas-sajd. Dan il-fond amministrat minn professjonisti jippermetti lis-sajjieda (…) li jgħaqqdu l-kapaċità finanzjarja tagħhom biex jixtru opzjonijiet finanzjarji fuq is-suq tal-futures biex ikopru lilhom infushom mir-riskju ta' varjazzjonijiet fil-prezz tal-karburant", filwaqt li tinsa tippreċiża li din il-"kapaċità finanzjarja" tas-sajjieda teżisti bis-saħħa tar-riżorsi tal-Istat - żewġ ħlasijiet bil-quddiem li kienu diġà tħallsu f'din id-data. M'hemm l-ebda dubju madankollu li l-FPAP kellu jikkunsidra l-bżonnijiet tal-poteri pubbliċi fid-deċiżjoni ta' kif juża l-fondi għad-dispożizzjoni tiegħu. Minn dan il-lat, il-ħolqien ta' missjoni interministerjali ta' spezzjoni responsabbli "mill-verifika tal-mekkaniżmu tal-FPAP fil-funzjoni reali tiegħu, u li jivverifika li l-kundizzjonijiet tan-nefqa huma sodisfaċenti fir-rigward tal-liġi u tar-regoli tan-nefqa pubblika, filwaqt li jkunu konformi mal-impenji meħuda mill-amministraturi ta' dawn il-fondi" juri li l-Istat ried jassigura li l-fondi tal-FPAP ġew utilizzati sew f'konformità mal-għan previst ta' dawn il-ftehimiet.

(71) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis, skont dawn l-inċidenzi kollha, li l-vantaġġ finanzjarju li jirrappreżentaw il-ħlasijiet bil-quddiem mogħtija lill-FPAP għall-kisba ta' opzjonijiet finanzjarji fuq is-swieq tal-futures taż-żejt hija r-responsabbiltà tal-Istat ([11]).

([11]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Mejju 2002 C-482/99, Franza c/ Il-Kummissjoni, Rec. 2002, p. I-4397, partikolarment il-punti 53 sa 56.

4.1.1.5. L-eżistenza ta' vantaġġ finanzjarju li jgħawweġ jew li jhedded li jgħawweġ il-kompetizzjoni

(72) L-FPAP jibbenefika minn vantaġġ finanzjarju meta mqabbel ma' soċjetajiet oħra li jintervjenu fuq is-swieq tal-futures, kemm jekk huma soċjetajiet normalment attivi fuq dawn is-swieq, u kemm jekk huma soċjetajiet li kienu jew li setgħu jiġu kostitwiti bl-istess mod bħall-FPAP taħt forma ta' assoċjazzjoni kummerċjali fl-Istati Membri l-oħra, anke fi Franza stess.

(73) Franza ssostni li "l-FPAP ma jistax jiġi kkunsidrat bħala vantaġġjat meta mqabbel ma' strutturi oħra privati li setgħu jkollhom l-istess rwol, għax huwa l-unika struttura professjonali Franċiża li għandha l-għan li tgħaqqad lill-impriżi tas-sajd biex jixtru opzjonijiet fuq is-suq tal-futures." B'risposta għal dan, il-Kummissjoni tosserva li s-sitwazzjoni tal-FPAP fir-rigward tar-regoli tal-kompetizzjoni ma tridx tiġi apprezzata biss fir-rigward ta' strutturi oħra Franċiżi li jgħaqqdu impriżi tas-sajd u li għandhom l-istess rwol bħalu, imma fir-rigward tal-operaturi kollha Franċiżi u Ewropej li jistgħu jintervjenu fuq is-suq tal-futures tal-prodotti taż-żejt.

(74) L-FPAP jikkuntesta wkoll il-fatt li kien jibbenefika minn kundizzjonijiet privileġġjati biex iwettaq l-attività tiegħu ta' investitur fuq is-suq tal-futures: skont il-kliem tiegħu stess, "Il-fond intervjena fuq is-suq dinji tal-'commodities' meta mqabbel mal-aġenti jew l-istabbilimenti finanzjarji speċjalizzati (…) (Huwa) ma bbenefika mill-ebda vantaġġ fuq tariffi, u l-anqas minn kundizzjonijiet partikolari meta mqabbel mal-operaturi l-oħra kollha tas-suq." Il-Kummissjoni ma ssostnix li l-vantaġġ finanzjarju tal-FPAP kien jiġi minn trattament privileġġjat tal-FPAP mill-atturi l-oħra fuq is-suq, imma li l-fond seta' jintervjeni biss fuq dan is-suq minħabba li dan kellu marġini ta' intervent finanzjarju mogħti mill-Istat, li jmur lil hinn mill-istess kapaċitajiet finanzjarji tal-FPAP, minħabba li l-Istat ma tahx f'kundizzjonijiet simili lil impriżi oħra li seta' jkollhom l-istess interess bħal FPAP li jintervjenu fuq dan is-suq (impriżi minn setturi oħra ta' attività affetwati miż-żieda tal-prezz taż-żejt, pereżempju) jew li jintervjenu fuq dan is-suq għal raġunijiet marbuta mal-istrateġiji ekonomiċi u kummerċjali tagħhom (impriżi taż-żejt, pereżempju).

(75) L-FPAP jagħraf għalhekk l-eżistenza ta' dan il-vantaġġ. F'dokument tal-Konfederazzjoni tal-Kooperazzjoni Marittima, mhux ikkomunikat lill-Kummissjoni imma ppubnlikat fuq is-sit ta' "Il-Konferenza tas-sajd u tal-akwakultura tar-Reġjun tal-Brettanja" (12), is-Sur de Feuardent, biex jiġbor il-punti prinċipali diskussi matul laqgħa mar-reġjun tal-Brettanja fl-24 ta' Mejju 2006, jindika li: "L-Istat approva finanzjament ta' 65 miljun euro f'din id-data. L-FPAP irreġistra wkoll fuq is-suq tal-'commodities' diversi miljuni ta' euro ta' benefiċċji ta' opzjonijiet, li jikkonsistu f'valur miżjud li ma jistax jiġi kkuntestat." Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-FPAP ma setax iwettaq operazzjonijiet għax-xiri ta' opzjonijiet finanzjarji fuq is-suq tal-prodotti taż-żejt ħlief bl-għajnuna tal-fondi pubbliċi li kellu, u li ma kellhomx l-istrutturi u l-impriżi l-oħra, u li dan ħa profitt dirett. Għalhekk, il-vantaġġ li bbenefika minnu għawweġ jew hedded li jgħawweġ il-kompetizzjoni.

4.1.1.6. L-eżistenza ta' vantaġġ finanzjarju li jaffetwa l-iskambji bejn l-Istati Membri

(76) Kif indikat mis-Suq de Feuardent, billi intervjena fuq is-suq tal-"commodities", l-FPAP intervjena fuq is-suq dinji taż-żejt.

(77) L-attività tiegħu għalhekk qabżet il-qafas strettament Franċiż, b'tali mod li jista' jitqies li l-ħlasijiet bil-quddiem mogħtija jaffetwaw l-iskambji bejn l-Istati Membri.

4.1.1.7. Il-konklużjoni

(78) B'hekk, l-erba' kundizzjonijiet meħtieġa biex wieħed jinnota l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat huma preżenti: il-ħlasijiet bil-quddiem mogħtija lill-FPAP ġejjin mir-riżorsi tal-Istat, huma r-responsabbiltà tal-Istat, dawn jgħawwġu jew jheddu li jgħawwġu l-kompetizzjoni, u dawn jaffetwaw l-iskambji bejn l-Istati Membri. L-għajnuna li jibbenefika minnha l-FPAP għalhekk tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 87 tat-Trattat KE għal dak li jikkonċerna l-parti tal-finanzi li ġejjin mir-riżorsi tal-Istat u ntużat għall-kisba ta' opzjonijiet fuq is-suq tal-futures tal-prodotti taż-żejt.

(12) http://pecheaquaculture.region-bretagne.fr

4.1.2. *Il-kompatibbiltà mas-suq komuni*

(79) Kif jindikaw il-ftehimiet li saru bejn l-Istat u l-FPAP, din l-għajnuna mill-Istat taħt forma ta' ħlasijiet bil-quddiem kellha l-għan li tippermetti l-bidu tal-interventi tal-FPAP fuq is-swieq tal-futures taż-żejt u tal-prodotti derivati minnu kif ukoll it-tkomplija tagħhom. Għalhekk, din hija għajnuna għall-iffunzjonar tal-FPAP. Franza tagħraf għalhekk, bl-ittra tagħha tas-6 ta' Diċembru 2005, li l-ammonti indikati tħallsu bil-quddiem "*sabiex jassiguraw l-iffunzjonar tal-FPAP*".

(80) Skont l-Artikolu 87(2) u (3), tat-Trattat, ċerti kategoriji ta' għajnuna huma jew jistgħu jitqiesu bħala kompatibbli mas-suq komuni. Jaqbel li wieħed jeżamina jekk din l-għajnuna għall-iffunzjonar tal-FPAP tistax tidħol f'waħda minn dawn il-kategoriji.

(81) Il-Kummissjoni tosserva li din l-għajnuna ma tikkorrispondix għall-każijiet previsti mill-Artikolu 87(2).

(82) Fil-fatt, din mhix maħsuba biex tirmedja għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew minn avvenimenti straordinarji oħra. Il-Kummissjoni tfakkar għalhekk li l-varjazzjonijiet fil-prezzijiet taż-żejt huma dovuti għall-attività ekonomika. Dawn il-varjazzjonijiet jaffetwaw ukoll lil setturi oħra ta' attività li huma konsumaturi tal-prodotti taż-żejt fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea u ma jistgħux jitqiesu bħala diżastru naturali jew avveniment straordinarju fis-sens tal-Artikolu 87 tat-Trattat. Għalhekk din l-għajnuna mhix kompatibbli mas-suq komuni skont il-punt (b) tal-Artikolu 87(2) tat-Trattat.

(83) Din l-għajnuna l-anqas ma tista' titqies bħala kompatibbli mas-suq komuni fuq il-bażi ta' applikazzjoni diretta tal-Artikolu 87(3) tat-Trattat, bil-każijiet differenti ta' eżempju li huma previsti.

(a) Din mhix għajnuna maħsuba biex tiffavorixxi l-iżvilupp ekonomiku tar-reġjuni li fihom il-livell tal-ħajja huwa huwa ħafna aktar baxx minn dak normali, jew fejn jeżisti livell gravi ta' qgħad (il-każ previst fil-punt (a) tal-Artikolu 87(3). Fil-fatt, din l-għajnuna għandha l-għan li tippermetti lill-FPAP li jintervjeni fuq is-swieq tal-futures pertinenti. Għalhekk, din ma tirrelatax mal-għajnuna stipulata fil-punt (a).

(b) L-FPAP ma jistax jitqies bħala proġett importanti ta' interess Ewropew jew bħala għajnuna maħsuba biex tirmedja għal tfixkil fl-ekonomija ta' Stat Membru (każijiet previsti fil-punt (b) tal-Artikolu 87(3). Fil-fatt, l-FPAP huwa speċifikament Franċiż u l-Istati Membri l-oħra ma ddikjarawx l-intenzjoni li jwaqqfu fondi tal-istess tip; id-dimensjoni Ewropea ta' dan il-fond hija nieqsa. Meta wieħed jikkunsidra li din hija għajnuna maħsuba biex tirmedja għal tfixkil fl-ekonomija ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tinnota li m'hemm l-ebda element li jippermetti li wieħed jgħid li l-għotja ta' flus f'fond ta' dan it-tip jippermetti li jingħata rimedju bħal dan. F'dak li jikkonċerna l-għajnuna favur l-FPAP stess, l-għajnuna tibbenefika biss lil entità ekonomika waħda u, anke jekk din hija marbuta mal-għajnuna mogħtija lill-impriżi tas-sajd, ma tibbenefikax lill-ekonomija ta' Stat Membru kollu kemm hu. Għalhekk, il-Kummissjoni tfakkar li hi dejjem ikkunsidrat li mhumiex l-awtoritajiet pubbliċi li għandhom jintervjenu b'mod finanzjarju kontra ż-żieda fiż-żejt; min-naħa l-oħra, ir-rwol tagħhom jikkonsisti partikolarment billi jwaqqfu politika li tinkoraġġixxi lill-impriżi sabiex dawn jadattaw ruħhom għall-kundizzjonijiet il-ġodda ekonomiċi maħluqa minn din iż-żieda. Huwa għalhekk li għajnuna li għandha l-għan li tippermetti lil entità ekonomika li tintervjeni fuq is-swieq tal-futures pertinenti ma tikkorrispondix għall-għan mixtieq.

(c) L-eżistenza tal-FPAP ma tistax, fiha nnifisha, tirrispondi għall-kundizzjoni tal-punt (c) tal-Artikolu 87(3), li jipprevedi li jistgħu jkunu kompatibbli mas-suq komuni l-għajnuna maħsuba biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi meta dawn ma jbiddlux il-kundizzjonijiet tal-iskambji f'miżura kuntrarja għall-interess komuni. Fil-fatt, l-ebda element ma jindika li l-iżvilupp jew it-tkabbir ta' attività ta' intervent fuq is-swieq tal-futures taż-żejt m'hu mixtieq. Barra minn dan, din l-attività mhix marbuta ma' reġjun ekonomiku. Huwa għalhekk li din l-għajnuna ma tistax titqies bħala kompatibbli mas-suq komuni skont l-imsemmi punt (c).

(d) Fl-aħħarnett, din it-tip ta' għajnuna ma tidhirx fost il-kategoriji ta' għajnuna li ma kienux jitqiesu bħala kompatibbli mas-suq komuni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill adottata f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 87(3).

(84) Il-Kummissjoni tinnota għalhekk li l-ebda waħda mil-linji gwida li hi adottat għall-analiżi tal-għajnuna mill-Istat ma tapplika għal din l-għajnuna għall-iffunzjonar tal-FPAP.

(85) Għalhekk minn dan jirriżulta, bħala konklużjoni, li l-għajnuna lill-FPAP għall-kisba ta' opzjonijiet fuq is-swieq tal-futures ma tistax titqies bħala kompatibbli mas-suq komuni fir-rigward tal-ebda waħda mid-derogi awtorizzati mit-Trattat.

### 4.2. **Għajnuna favur l-impriżi tas-sajd: tħaffif tal-ispejjeż tal-karburant**

(86) Qabel ma tipproċedi għall-analiżi tal-għajnuna li wasslet għall-bidu formali tal-proċedura tal-eżami, il-Kummissjoni trid tieħu pożizzjoni dwar l-argument tal-FPAP li jqis li l-għajnuna mogħtija lilu stess u lill-impriżi tas-sajd trid tiġi kkunsidrata fid-dawl ta' żieda fil-limitu *de minimis* fis-settur tas-sajd. Skont l-FPAP, l-ammonti in kwistjoni (madwar 16 000 euro għal kull impriża bħala medja, bl-esklużjoni tal-għajnuna li titqies bħala għajnuna soċjali diretta lis-sajjieda) kienu nettament inferjuri għal dawk li kienu ser jiġu adottati fil-mument tal-ħlas tal-kumpens mill-FPAP (30 000 euro għal kull impriża) [13]. L-awtoritajiet Franċiżi, fir-risposta tagħhom, jirrefeu wkoll għaż-żieda fil-limitu *de minimis* imma mingħajr ma ssostni l-applikazzjoni għal din l-għajnuna.

(87) L-ewwelnett, il-Kummissjoni tfakkar li, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1860/2004 tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ottubru 2004 rigward l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE għall-għajnuna *de minimis* fis-setturi tal-agrikoltura u tas-sajd [14], id-dispożizzjoni fis-seħħ fiż-żmien meta ngħatat din l-għajnuna lill-impriżi tas-sajd, l-ammont massimu tal-għajnuna *de minimis* kien ta' 3 000 euro għal kull impriża fuq tliet snin; l-għajnuna kkunsidrata f'din id-Deċiżjoni teċċedi sew dawn l-ammonti u Franza ma tatx rendikont, fl-osservazzjonijiet tagħha, ta' appikazzjoni eventwali ta' dan il-limitu għall-impriżi li setgħu jibbenefikaw minnu. Min-naħa l-oħra, anke jekk l-ammont ta' 30 000 euro, li jidher fir-Regolament (KE) Nru 875/2007 li ġie adottat dan l-aħħar mill-Kummissjoni [15], huwa superjuri għas-16 000 euro mitluba mill-FPAP, dan l-ammont huwa biss ammont medju. Barra minn dan, Franza żbaljat meta waslet għal dan l-ammont ta' 16 000 euro bl-esklużjoni tal-parti tal-għajnuna li din tikkwalifika bħala għajnuna soċjali, u li trid tiġi kkunsidrata fl-analiżi (ara l-premessi 122 u 123). B'hekk, minħabba d-diversità tad-daqs tal-impriżi tas-sajd

(13) Dan il-limitu huwa dak li fl-aħħarnett inżamm fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 875/2007 (ara n-nota 14).

(14) ĠU L 325, 28.10.2004, p. 4.

(15) Ara n-nota 14.

li huma msieħba fl-FPAP, wieħed jista' jkun żgurat li l-ammont tal-għajnuna mogħtija lil ċerti impriżi hija superjuri għal 30 000 euro. Pereżempju, għall-bastimenti tas-sajd bit-tkarkir ta' bejn 20 u 25 metru, l-ammont annwali tal-kumpens huwa stabbilit għal madwar 35 000 euro, jiġifieri 70 000 għas-sentejn 2005 u 2006 ([16]). Fi kwalunkwe każ, kif indikat hawn fuq, Franza ma talbitx l-applikazzjoni tal-limitu l-ġdid *de minimis* u ma ġabel l-ebda element ta' prova li jindika li din kienet tagħmel dan. Għalhekk, meta jitqiesu dawn l-elementi kollha, fil-qafas tal-eżami permanenti tal-iskemi tal-għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni għandha l-obbligu li tivverifika l-konformità ta' din l-għajnuna fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 87 tat-Trattat.

4.2.1. *L-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat*

(88) Franza tqis li l-Kummissjoni mhix imwaqqfa biex tagħti l-analiżi tagħha ta' eżistenza ta' għajnuna mill-Istat fuq dan l-aspett tal-attivitajiet tal-fondi. Skont Franza, "il-kwalifikazzjoni tal-għajnuna mill-Istat ma tridx tistrieħ fuq analiżi ad hoc tal-ħlas bil-quddiem li jitħallas lura lill-Istat, u mhux billi tibbaża fuq l-analiżi tal-attivitajiet tal-FPAP. B'hekk, l-awtoritajiet Franċiżi jixtiequ li tiġi żviluppata biss l-ewwel parti 3.1. tal-istima. Il-parti 3.2. tikkundanna l-attivitajiet tal-FPAP li hija assoċjazzjoni kummerċjali li tipprattika l-attività tax-xiri tal-opzjonijiet tagħha biex tkopri lill-imsieħba tagħha kontra l-varjazzjonijiet tal-prezz tad-diżil" ([17]).

(89) B'risposta għal dan, il-Kummissjoni tfakkar li f'konformità ma' ġurisprudenza kostanti, l-għajnuna mhix karatterizzata mill-kawżi jew mill-għanijiet tagħha, imma din hija definita skont l-effetti tagħha ([18]). Minbarra l-kisba ta' opzjonijiet finanzjarji fuq is-swieq tal-futures, l-FPAP għandu l-għan, skont il-ftehimiet li saru mal-Istat, li jħallas lill-impriżi tas-sajd kumpens li jikkorrispondi għad-differenza fil-prezz bejn il-prezz massimu kopert u l-prezz medju mensili tal-indiċi tar-referenza għax-xahar in konsiderazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-impriżi tas-sajd ibbenefikaw minn vantaġġi speċifiċi permezz tas-sistema implimentata mill-FPAP, u li setgħu jiġu analizzati l-effetti tal-ħlasijiet bil-quddiem mogħtija mill-Istat mhux biss bħala vantaġġ mogħti lill-FPAP, imma wkoll bħala vantaġġi mogħtija lill-impriżi tas-sajd.

4.2.1.1. L-eżistenza ta' vantaġġ finanzjarju mogħti permezz tar-riżorsi tal-Istat

(90) Il-vantaġġ meħud mill-impriżi tas-sajd tal-attivitajiet tal-FPAP huwa doppju: dan jikkonsisti min-naħa fil-possibbiltà li jinkiseb il-karburant bi prezz vantaġġuż, u min-naħa l-oħra fl-irċevuta ta' kumpens li parzjalment jikkompensa l-ispejjeż tagħhom għall-karburant.

(91) F'dak li jikkonċerna l-ewwel aspett, il-kisba ta' opzjonijiet fuq is-swieq tal-futures mill-FPAP, li wara kienet tagħti l-karburant mixtri lis-soċjetà CECOMER, il-kumpanija ċentrali tax-xiri tal-kooperattivi marittimi, ippermettiet lill-impriżi msieħba fl-FPAP li jixtru l-karburant miksub minn dawn il-kooperattivi bi prezz inferjuri minn dak tas-suq ordinarju. Għalhekk, kif indikat hawn fuq (ara l-premessa 75 ta' din id-Deċiżjoni), dan kien possibbli biss minħabba li "L-Istat ippermetta finanzjament ta' 65 miljun euro sa din id-data. L-FPAP barra minn dan irreġistra fuq is-suq tal-'commodities' diversi miljuni ta' euro ta' benefiċċji f'opzjonijiet, li jikkostitwixxi valur miżjud li ma jistax jiġi kuntestat." Il-Kummissjoni tinnota għalhekk li l-provvista ta' karburant lill-impriżi tas-sajd bi prezz anqas minn dak tas-suq ordinarju kienet possibbli bis-saħħa tal-ħlasijiet bil-quddiem mogħtija mill-Istat u għar-riżorsi tal-istess FPAP, jiġifieri l-prodott tal-kontribuzzjonijiet tal-imsieħba tiegħu u l-benefiċċji miksuba mill-operazzjonijiet spekulattivi fuq is-suq tal-futures tal-prodotti taż-żejt.

(92) Wieħed isib ukoll din l-oriġini doppja fil-fondi (ir-riżorsi tal-Istat u riżorsi meħuda mill-attività privata tal-FPAP) li servew biex jiffinanzjaw il-kumpens imħallas lill-impriżi tas-sajd.

(93) Kif deskritt fil-premessa 24 ta' din id-Deċiżjoni, l-FPAP iġorr ir-responsabbiltà tad-differenza tal-prezz eżistenti, skont il-ftehimiet tat-12 ta' Novembru 2004 u tas-27 ta' Mejju 2005, bejn il-"prezz massimu kopert" u l-prezz medju mensili tal-indiċi ta' referenza u, skont il-ftehim tal-11 ta' Ottubru 2005, bejn 30 euro ċenteżmi għal kull litru u l-prezz medju mensili ta' referenza jekk dan tal-aħħar huwa superjuri għal 30 euro ċenteżmi.

([16]) Sors: L-Osservatorju ekonomiku reġjonali tas-sajd tal-Brettanja. "Ir-Riżultati tal-flotot artiġjanali 2005/2006" Nota ta' sinteżi.

([17]) Ir-referenzi għall-partijiet 3.1 u 3.2 jirreferu għad-deċiżjoni tal-bidu tal-proċedura formali tal-eżami msemmija fil-premessa 11. Il-parti 3.1 kienet titratta l-għajnuna għall-kisba ta' opzjonijiet fuq is-swieq tal-futures u l-vantaġġi finanzjarji li jirriżultaw minnha għall-FPAP u l-impriżi tas-sajd; il-parti 3.2 kienet titratta l-kumpens għax-xiri tal-karburant għal dawn l-istess impriżi.

([18]) Partikolarment: is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Lulju 1974, l-Italja c/ Il-Kummissjoni, 173/73, Rec. 1974, p. 709; tas-26 ta' Settembru 1996, Franza c/ Il-Kummissjoni, imsejħa "Kimberly Clark", C-241/94, Rec. 1996 p. I-4551; tat-12 ta' Ottubru 2000, Spanja c/ Il-Kummissjoni, C-480/98, Rec. 2000, p. I-8717; u tat-12 ta' Diċembru 2002, il-Belġju c/ Il-Kummissjoni, C-5/01, Rec. 2002, p. I-11991.

(94) Il-mekkaniżmu ta' "tħaddim tajjeb" maħsub fil-bidu kien jistrieħ fuq l-ipoteżi li l-ispejjeż żejda mqabbla mal-prezz ta' referenza f'perjodu ta' prezzijiet għolja jistgħu jiġu kkumpensati bis-saħħa tal-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-imsieħba fil-perjodu tal-prezz l-aktar moderat. Is-sistema b'hekk qisha tiffinanzja lilha nnifisha. Jekk wieħed jirreferi għad-dokument tas-Sur de Feuardent diġà msemmi fil-premessa 75 ta' din id-Deċiżjoni, "l-FPAP kien teknikament f'qagħda li jikseb l-ewwel opzjonijiet f'April 2004; f'dan iż-żmien, il-bżonnijiet CECOMER (madwar 200 miljun litru) għall-2005 setgħu jkunu koperti bi 0,28 cts /litru għal madwar 4 miljun euro". B'hekk, l-FPAP seta' jilqa' fil-bidu tal-2004, għall-bżonnijiet relattivament modesti tal-"assigurazzjoni tad-diżil" bis-saħħa tar-riżorsi tiegħu stess. Għalhekk jidher li, fil-ħsieb oriġinali tiegħu, il-fond seta' kien awto-suffiċjenti.

(95) Madankollu, minħabba li l-prezzijiet taż-żejt inżammu f'livell għoli ħafna u s-sħubija fl-FPAP kienet tassew ġenerali, in-numru ta' msieħba fl-FPAP kiber b'rata mgħaġġla u b'mod konsiderevoli. Minn dan irriżulta li l-prezz tal-"assigurazzjoni tad-diżil" sploda u seta' jiġi sostnut biss bis-saħħa tal-użu tal-ħlasijiet bil-quddiem mogħtija mill-Istat lill-FPAP.

(96) Jekk wieħed jipprova jagħti stima tal-kreditu meħtieġ lill-FPAP biex jaffaċċja l-ispejjeż tal-"assigurazzjoni tad-diżil" għall-2005, wieħed jista' jitlaq mill-ipoteżi li l-livell tal-konsum tal-karburant li għalih intalab kumpens mill-intraġriżi tas-sajd probabilment tela' minn 200 miljun litru (ara l-premessa 94) għal volum li wieħed jista' jqis li huwa ta' kważi 900 miljun litru. Fil-fatt, jekk wieħed iqis il-medji ta' konsum annwali li servew ta' bażi għall-kalkoli li jidhru fil-premessi 55 u 56, il-konsum ta'1 000 vapur ta' anqas minn 12-il metru jkun ta'1 000 vapur × 200-il tunnellata /vapur, jiġifieri 200 000 tunellata, u dak tal-vapuri ta' aktar minn 12-il metru jkun ta' 1 400 vapur × 480 tunellata/vapur, jiġifieri 672 000 tunellata, li huwa total ta' 872 000 tunellata (jew 872 miljun litru). Fil-verità, kif indikat fil-premessa 55, jekk wieħed jikkunsidra li l-vapuri jistagħdu għal 38 ġimgħa fis-sena pjuttost milli 48, il-konsum huwa probabbilment eqreb għal 700 000 tunellata (1 000 vapur ta' anqas minn 12-il metru × 158 tunellata jiġifieri 158 000 tunellata u 1 400 vapur ta' aktar minn 12-il metru × 380 tunellata jiġifieri 532 000 tunellata). Fl-ipoteżi ta' limitu għall-kumpens ta' 12-il ċenteżmu għal kull litru, limitu applikat għat-tielet ħlas bil-quddiem ([19]), il-bżonnijiet finanzjarji tal-FPAP b'hekk jilħqu ammont annwali ta' 85 miljun euro. Kieku kellu jitqies il-fatt li l-impriżi tas-sajd forsi assiguraw biss parti mill-konsum tal-karburant tagħhom, il-bżonn ta' krediti probabilment kien anqas importanti, imma d-daqs tal-bżonnijiet jibqa' ta' diversi tużżani ta' miljuni ta' euro fis-sena, li trid titqabbel mal-istima inizjali ta' 4 miljun euro fis-sena għall-2005. Għalhekk isir evidenti li l-FPAP ma setax jissodisfa l-kopertura garantita lill-imsieħba tiegħu, b'kumpens għall-kontribuzzjonijiet tagħhom, mingħajr ma jibbenefika minn self minn fondi esterni, f'dan il-każ il-ħlasijiet mogħtija mill-Istat.

(97) F'dan il-kuntest, l-FPAP ibbenefika mill-fondi pubbliċi sabiex jirrispondi għall-bżonnijiet ta' din l-"assigurazzjoni tad-diżil", li huwa responsabbli li jamministra bl-aħjar mod dawn il-fondi. Il-finanzi tal-FPAP b'hekk huma magħmula minn fondi li ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-imsieħba, mill-ħlasijiet bil-quddiem tal-Istat, u mill-benefiċċji eventwali tal-attivitajiet tiegħu fuq is-swieq tal-futures taż-żejt. Il-parti ta' dawn il-fondi li ġejja mill-ħlasijiet bil-quddiem tal-Istat tikkorrispondi mingħajr dubju għal-riżorsi tal-Istat. Fir-rigward tal-benefiċċji miksuba fuq is-swieq tal-futures u li ppermettew lill-impriżi tas-sajd li jiksbu karburant aktar irħis, dawn setgħu jitwettqu biss bis-saħħa tal-eżistenza tar-riżorsi tal-Istat, li taw il-mezzi lill-FPAP biex iwettaq l-operazzjonijiet finanzjarji fuq is-swieq tal-futures. Barra minn dan, għalkemm il-karatteristiċi eżatti tal-ftehimiet li saru bejn l-FPAP u CECOMER m'humiex magħrufa u ma jistgħu jiġu nnutati mill-ebda wieħed mid-dokumenti kkomunikati minn Franza, il-Kummissjoni tqis li l-kumpens imħallas lill-impriżi msieħba, li jikkorrispondi għad-differenza fil-prezz, kien aktar baxx milli kieku CECOMER u l-kooperattivi marittimi kienu taw lis-sajjieda karburant li kien inxtara fuq is-suq ordinarju, jiġifieri mingħajr l-intervent mill-FPAP fuq is-swieq tal-futures. B'hekk, il-benefiċċju tal-operazzjonijiet tal-FPAP fuq is-swieq tal-futures ġie trasferit lil CECOMER, il-kooperattiva tal-provvista tal-kooperattivi marittimi, u fl-aħħarnett lill-impriżi tas-sajd li jipprovdu l-karburant lilhom infushom. L-effett prattiku ċertament kien li l-FPAP setgħet tkompli tagħti l-kumpens matul perjodu itwal milli kieku dan kien organizzazzjoni intermedjarja responsabbli biss milli tqassam il-65 (jew 77) miljun euro pprovduti mill-Istat taħt il-mekkaniżmu tal-"assigurazzjoni tad-diżil"

([19]) Ara l-paragrafu II tad-diskors tas-Sur D. Bussereau, il-Ministru tal-Agrikoltura u tas-Sajd, atul il-laqgħa ġenerali tal-Kumitat Nazzjonali tas-Sajd Marittimu u tal-Farms Marittimi tat-30 ta' Ġunju 2005; dokument li jidher fl-indirizz tal-Internet li ġej: http://agriculture.gouv.fr/IMG/pdf/discours_300605_ag-cnpm.pdf

(98) Il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra li huwa permezz tar-riżorsi tal-Istat, kemm jekk sostnew direttament il-finanzi tal-FPAP jew kemm jekk intużaw biex jingħataw benefiċċji bil-ħsieb li jiżdiedu dawn il-finanzi, li l-impriżi tas-sajd setgħu jibbenefikaw minn vantaġġ finanzjarju, min-naħa bil-possibbiltà li jipprovdu l-karburant lilhom infushom bi prezz vantaġġuż, u min-naħa l-oħra billi jirċievu kumpens ikkalkulat mal-prezz ta' referenza.

#### 4.2.1.2. L-eżistenza ta' vantaġġ finanzjarju li huwa responsabbiltà tal-Istat

(99) It-tliet, u eventwalment erba', ftehimiet li saru bejn l-Istat u l-FPAP jipprevedu li l-fondi pubbliċi mħallsa f'forma ta' ħlasijiet bil-quddiem għandhom l-għan aħħari li jikkumpensa parzjalment l-ispejjeż tal-karburant tal-impriżi tas-sajd. Il-kumpens imħallas lis-sajjieda jikkorrispondi għad-differenza bejn il-prezz ta' referenza u prezz mill-pompa jingħaqad ma' tnaqqis fil-pezz tad-diżil mill-pompa tal-fornitur li ħafna drabi hija l-kooperattiva marittima.

(100) Il-finanzi tal-FPAP, li fil-bidu kienu magħmula mill-kontribuzzjonijiet tal-imsieħba, u li wara kien miżjud bl-ewwel ħlas bil-quddiem tal-Istat, ippermettew li dan jaġixxi fuq is-swieq tal-futures u li jieħu benefiċċji minnhom, imma li dawn il-benefiċċji mhumiex biżżejjed biex jippermettulu jieħu, fl-istess ħin, il-ħlas tal-kumpens bħala garanzija lill-impriżi tas-sajd b'kumpens għall-kontribuzzjonijiet tagħhom. Żewġ, u eventwalment tliet, ħlasijiet bil-quddiem supplementari madankollu ppermettew li dan ikompli l-attivitajiet tiegħu qabel ma kellu progressivament jikxef il-pożizzjonijiet tiegħu biex jiddisponi mill-fondi neċessarji għall-ħlas tal-kumpens. Il-Kummissjoni tosserva li d-deċiżjonijiet relattivi għall-operazzjonijiet fuq is-swieq tal-futures ittieħdu mill-President tal-FPAP. L-implimentazzjoni konkreta tagħhom seħħet billi ntużaw is-sensara u l-istabbilimenti finanzjarji speċjalizzati (ara l-premessa 74), li r-remunerazzjoni tagħhom ġiet assigurata mill-FPAP fi proporzjonijiet li mhumiex magħrufa għall-Kummissjoni. Madankollu, jekk l-istatut tal-FPAP jipprevedi li huwa l-President li bilfors irid jikkonsulta mal-kunsill tal-amministrazzjoni "biex jiddeċiedi dwar il-proġetti tal-kopertura li jridu jiġu implimentati", l-Istat mhux rappreżentat f'dan il-kunsill tal-amministrazzjoni. B'hekk, anke jekk l-FPAP kellu l-obbligu, b'mod ġenerali, li "jżomm kontabbiltà li tippermetti li wieħed ikun jaf, fuq talba, l-użu tal-ħlas bil-quddiem kif ukoll it-tqassim tar-riżorsi u l-ispejjeż tal-Fond", l-Istat la kien jiddeċiedi l-istrateġija li jrid isegwi l-FPAP għall-kisba ta' dawn l-opzjonijiet finanzjarji, u l-anqas il-livell tal-kumpens finanzjarju qabel ma din titħallas lill-impriżi. Għalhekk, jekk, kif intwera fil-paragrafu 4.1.1.4, m'hemm l-ebda dubju li l-għajnuna magħmula mill-għotja ta' tliet, eventwalment erba', ħlasijiet bil-quddiem hija responsabbiltà tal-Istat, dan ma japplikax għall-vantaġġi supplementari li setgħu bbenefikaw minnhom l-impriżi tas-sajd, min-naħa bis-saħħa tal-kontribuzzjonijiet tagħhom u min-naħa minħabba ġestjoni tajba tal-finanzi kollha tal-FPAP. Fil-fatt, jekk bis-saħħa tal-operazzjonijiet imwetttqa fuq is-swieq tal-futures, l-għajnuna li tħallset finalment lis-sajjieda kienet aktar mill-fondi pubbliċi li l-FPAP irċieva inizjalment, il-parti tal-għajnuna li tmur lil hinn minn dan l-ammont tal-fondi pubbliċi mħallsa bil-quddiem ma tirriżultax minn deċiżjoni tal-Istat. B'hekk, għall-Kummissjoni, anke jekk, min-naħa tal-kontabbiltà, mhux possibbli li wieħed iwarrab bil-preċiż dak li ġej mir-riżorsi tal-Istat minn dak li ġej mir-riżorsi propji, minħabba li huwa t-total tal-finanzi li ntużaw biex jipparteċipa fuq is-swieq tal-futures taż-żejt u biex jitħallas il-kumpens, il-vantaġġ li jikkorrispondi għad-differenza bejn l-ammont totali tal-għajnuna li bbenefikaw minnha l-impriżi tas-sajd u l-ammont totali tal-ħlasijiet bil-quddiem tal-Istat trasferit lill-impriżi tas-sajd mhuwiex responsabbiltà tal-Istat.

#### 4.2.1.3. L-eżistenza ta' vantaġġ finanzjarju li jgħawweġ jew jhedded li jgħawweġ il-kompetizzjoni

(101) Il-Kummissjoni tqis li l-vantaġġ li bbenefikaw minnu l-impriżi tas-sajd li huma msieħba mal-FPAP għall-ispejjeż tal-karburant tagħhom jiffavorixxi lil dawn l-impriżi, minħabba li dawn biss jistgħu jibbenefikaw minn dan il-vantaġġ. Il-pożizzjoni tagħhom ġiet msaħħa meta mqabbla mal-impriżi l-oħra li huma f'kompetizzjoni magħhom fuq is-suq Komunitarju, kemm jekk huma impriżi oħra tas-sajd u kemm jekk huma impriżi ta' setturi oħra ta' attività ekonomika bl-interess li jnaqqsu l-ispejjeż tagħhom ta' produzzjoni marbuta mal-ispejjeż tal-karburant. Barra minn dan, minħabba li dan il-mekkaniżmu ta' kopertura huwa indirizzat biss għall-impriżi tas-sajd, il-vantaġġ mogħti b'dan il-mod lil dawn l-impriżi jista' jiġi analizzat bħala vantaġġ settorjali mhux aċċessibbli għas-setturi l-oħra. Madankollu, kull forma ta' għajnuna, meta tagħti privileġġ lil settur partikolari, tgħawweġ jew thedded li tgħawweġ il-kompetizzjoni (ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/269/KE tat-8 ta' Frar 2006 dwar it-tnaqqis fiskali għas-sajjieda professjonali (l-Iżvezja) ([20]), il-premessi 31 u 35).

([20]) ĠU L 99, 7.4.2006, p. 21.

(102) Franza ma taqbilx li din l-għajnuna tat vantaġġ lill-impriżi msieħba mal-FPAP, peress li "l-adeżjoni fl-FPAP hija mingħajr ħlas u miftuħa għall-impriżi kollha tas-sajd sakemm dawn jagħtu kontribuzzjoni". MQA żiedu li din l-adeżjoni hija miftuħa "mingħajr ma titqies l-istruttura jew għan-nazzjonalità tal-benefiċjarju". L-FPAP fl-aħħar-nett jipprreċiża li "il-kapital tal-impriżi msieħba mal-FPAP hu miżmum minn Franċiżi kif ukoll minn Spanjoli u Olandiżi".

(103) Il-Kummissjoni tosserva fir-risposta tagħha li l-impriżi tas-sajd li jistgħu jissieħbu fl-FPAP huma biss dawk li għandhom vapuri rreġistrati fit-territorju metropolitan ta' Franza jew fid-dipartimenti tagħha barra l-pajjiż. Impriżi b'kapitali Olandiżi jew Spanjoli u li għandhom vapuri Franċiżi għalhekk fil-fatt jistgħu jissieħbu fl-FPAP; ċertament li Franza u l-FPAP jalluda għall-każ ta' dawn il-vapuri fir-risposti tagħhom. Imma l-vapuri Komunitarji l-oħra ma jistgħux jissieħbu.

(104) L-impriżi kollha li jibbenefikaw mill-kumpens imħallas mill-FPAP huma kompetituri fuq is-suq Komunitarju mal-impriżi li l-vapuri tagħhom ibaħħru bi bnadar ta' Stat Membri oħra u li wkoll għandhom interess li jnaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom marbuta mal-ispejjeż tal-karburant, imma li m'għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom sistema ta' kumpens bħal dik stabbilita mill-FPAP. Għal din ir-raġuni, il-vantaġġ li jibbenefikaw minnu l-impriżi tas-sajd imsieħba jew dawk li għandhom ma ssieħbux imma li jistgħu jagħmlu dan, jiġifieri l-impriżi kollha li għandhom bastimenti tas-sajd li jbaħħru taħt bandiera Franċiża, jirrappreżenta b'mod ċar tgħawwiġ tal-kompetizzjoni.

(105) L-FPAP iqis ukoll li l-fatturi ta' tgħawwiġ tal-kompetizzjoni jridu jiġu riċerkati aktar. B'referenza għall-eżistenza ta' spejjeż żejda importanti li, skontu, mingħajr bażi ekonomika, bħal dawk li ġejjin mill-ġestjoni tal-pjanijiet ta' orjentament pluriannwali tal-flotta tas-sajd, jiġifieri l-ġestjoni tal-kapaċità globali ta' din il-flotta, jew dawk marbuta mal-ġestjoni tad-"drittijiet għall-produzzjoni", l-FPAP jindika partikolarment li "Id-'drittijiet' marbuta mal-'politiki' nazzjonali jirrappreżentaw (…) il-veru fattur ta' tgħawwiġ tal-kompetizzjoni Ewropea [u] fil-parti l-kbira dawn huma esterni għall-qasam ekonomiku."

(106) Il-Kummissjoni tosserva rigward dawn l-ispejjeż, kemm jekk fi Franza huma anqas jew aktar minn dawk li jeżistu fl-Istati Membri l-oħra, jirriżultaw mir-restrizzjonijiet dovuti għall-qafas regolamentari li fih illum isseħħ l-attività tas-sajd. Permezz tal-komunikazzjoni tagħha ([21]) tas-26 ta' Frar 2007 dwar l-istrumenti tal-ġestjoni bbażati fuq il-liġijiet tas-sajd, il-Kummissjoni tfakkar li s-settur Komunitarju tas-sajd huwa kkaratterizzat minn diversi strumenti u mekkaniżmi ta' ġestjoni u li sitwazzjonijiet simili kultant jiġu trattati b'mod tassew differenti skont l-Istati Membri. Minn dan jirriżulta partikolarment li l-bejgħ u x-xiri tad-drittijiet tas-sajd hija prattika kurrenti f'ċerti Stati Membri, kemm fil-qafas tas-swieq stabbiliti u kemm b'mod indirett. L-ispejjeż imsemmija mill-FPAP huma spejjeż li jaffaċjaw il-flotot tal-Istati Membri differenti, u jikkorrispondu għall-bidla ekonomika tas-settur tas-sajd. Dawn jirriżultaw mill-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali tal-miżuri ta' ġestjoni li l-politika komuni tas-sajd timponi jew tagħmel neċessarji. Din l-implimentazzjoni ma tagħti l-ebda ġustifikazzjoni għat-twaqqif ta' għajnuna speċifika fi Stat Membru partikolari. Għal din ir-raġuni, kuntrarju għal dak li jsostni l-FPAP, it-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni ma jridx jitqies fil-limitu ta' "suq pertinenti", pereżempju "mikro-suq reġjonali", idea li dan jagħmel referenza għaliha, imma, kif previst fil-qafas tat-Trattat, madwar is-suq komuni kollu. B'hekk, jekk l-għajnuna tal-FPAP għandha l-effett li tiffaċilita ż-żamma tas-sajd f'qafas reġjonali u li tħares ir-riżorsi filwaqt li ttellef lill-vapuri tal-baħar milli jiddependu fuq fondi ta' aċċess eqreb jew il-bastimenti għas-sajd bit-tkarkir milli jduru għal sajd aktar speċifiku, kif ippreżentat mill-FPAP, din tikkorrispondi perfettament għal għajnuna li tgħawweġ jew thedded li tgħawweġ il-kompetizzjoni, u għalhekk, għal għajnuna mill-Istat.

(107) Barra minn dan, għar-raġunijiet kollha murija hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-fondi mħallsa bil-quddiem mill-Istat u li minnhom ibbenefikaw l-impriżi tas-sajd, permezz tal-FPAP, jgħawwġu jew jheddu li jgħawwġu l-kompetizzjoni.

4.2.1.4. L-eżistenza ta' vantaġġ finanzjarju li jaffetwa l-iskambji bejn l-Istati Membri

(108) L-FPAP jikkuntesta li l-għajnuna mogħtija lill-impriżi tas-sajd imsieħba fl-assoċjazzjoni taffetwa l-iskambji bejn l-Istati Membri. Fil-fatt, skont l-FPAP, dawn l-impriżi jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom fuq "suq li bl-ebda mod m'huwa uniku, imma li pjuttost jistrieħ fuq 'możajk' ta' mikro-swieq reġjonali".

([21]) COM(2007) 73 finali.

(109) Il-Kummissjoni tinnota fir-risposta tagħha li l-valur globali tal-esportazzjonijiet tal-prodotti tas-sajd u tal-akwakultura ta' Franza lejn il-bqija tad-dinja laħqu l-1 290 miljun fl-2005, li 80 % minnhom huma destinati f'pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea. Bl-istess mod, il-valur globali tal-importazzjonijiet ta' din il-kategorija tal-prodotti fi Franza fl-2005 kien jitla' għal 3 693 miljun euro, li bejn 40 u 60 %, minnhom, skont is-sorsi, huma ġejjin minn pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea ([22]). B'paragun, il-valur totali tal-produzzjoni Franċiża kien stabbilixxa ruħu għal 1 868 miljun euro. Għalhekk, mingħajr ma jkun hemm bżonn ta' analiżi ekonomika b'ċifri estremament dettaljati ([23]), huwa ovvju li, ikunu xi jkunu l-varjazzjonijiet tal-prezz għal kull speċi nnutati kull ġurnata fil-portijiet Franċiżi jew Ewropej, il-volum tal-iskambji bejn Franza u l-bqija tal-Ewropa għandu piż konsiderevoli fil-bilanċ tal-provvista fi prodotti tas-sajd u u tal-kawakultura. Miżuri bil-ħsieb li jiffavorixxu numru importanti ta' impriżi tas-sajd Franċiżi (aktar minn 30 % tal-flotta) bi tnaqqis fl-ispejjeż ta' produzzjoni tagħhom bilfors ikollhom impatt fuq l-iskambji bejn l-Istati Membri fil-qasam tas-sajd.

(110) Għalhekk huwa evidenti li l-vantaġġ li bbenefikaw minnu l-impriżi tas-sajd bil-ħlas ta' parti mill-ispejjeż tagħhom ta' produzzjoni taffetwa l-iskambji bejn l-Istati Membri.

4.2.1.5. *Il-konklużjoni*

(111) L-erba' kundizzjonijiet meħtieġa biex tiġi nnutata l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat huma biss parzjalment preżenti. Il-vantaġġ li bbenefikaw minnu l-impriżi tas-sajd jirriżulta fl-impjieg tar-riżorsi tal-Istat, jgħawweġ jew jhedded li jgħawweġ il-kompetizzjoni, u jaffetwa l-iskambji bejn l-Istati Membri. Min-naħa l-oħra, mhijiex ir-responsabbiltà tal-Istat li fil-limitu tal-ammont tal-ħlasijiet bil-quddiem, safejn dawn il-ħlasijiet bil-quddiem jikkostitwixxu biss parti mill-finanzi tal-FPAP, u fejn l-Istat ma interveniex fl-għażliet magħmula mill-FPAP biex jieħu frott mill-fondi għad-dispożizzjoni tiegħu. B'hekk, il-Kummissjoni ma tistax tikkonkludi dwar l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 87 tat-Trattat KE ħlief fil-limitu tal-għotja ta' fondi pubbliċi, jiġifieri 65, jew 77 miljun euro.

(112) Il-Kummissjoni tosserva fl-aħħarnett li l-awtoritajiet Franċiżi, minkejja r-risposti tagħhom tas-7 ta' Ottubru 2005 u tal-21 ta' April 2006, ma jikkuntestawx il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat. Fil-fatt, matul l-eżami tal-abbozz tal-liġi tal-finanzi għall-2007 mill-Assemblea nazzjonali, il-Ministru tal-Agrikoltura u s-Sajd, mistoqsi dwar il-futur tal-FPAP, jirrispondi: "l-FPAP ilu jaħdem mill-1 ta' Novembru 2004, imma l-Kummissjoni Ewropea tissorveljah mill-qrib, għaliex din hija għajnuna mill-Istat" ([24]).

4.2.2. *Il-kompatibbiltà mas-suq komuni*

(113) Skont l-Artikolu 87(2) u (3) tat-Trattat, ċerti kategoriji ta' għajnuna huma jew jistgħu jitqiesu bħala kompatibbli mas-suq komuni.

(114) Il-Kummissjoni tosserva li din l-għajnuna ma tikkorrispondix mal-każ ipotetiku previst fl-Artikolu 87(2) tat-Trattat.

(a) Meta ddikjara li l-FPAP aġixxa bħala "organizzazzjoni ta' difiża għall-konsumaturi", jew bħala "difensur tal-konsumaturi tal-prodotti taż-żejt", jidher li MQA jissuġġerixxi li l-għajnuna favur l-impriżi tas-sajd tista' tixxebbaħ ma' "għajnuna ta' tip soċjali mogħtija lil konsumaturi individwali" prevista fl-Artikolu 87(1). Għalhekk, il-Kummissjoni tosserva biss li dan il-paragrafu huwa mmirat espressament għal "konsumaturi individwali" u mhux għal impriżi, u li, għalhekk, ma jistax jiġi applikat f'dan il-każ (ara wkoll il-premessa 50 ta' din id-Deċiżjoni). Għalhekk din l-għajnuna mhix kompatibbli mas-suq komuni skont il-punt a) tal-Artikolu 87(2) tat-Trattat

(b) Din l-għajnuna mhix għajnuna maħsuba biex tirmedja għal ħsarat ikkawżati minn diżastri naturali jew minn avvenimenti straordinarji oħra. Fil-fatt, il-varjazzjonijiet fil-prezzijiet taż-żejt huma parti mill-attività ekonomika. Dawn jaffetwaw ukoll setturi oħra ta' attività ta' konsumaturi tal-prodotti taż-żejt fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea, u għalhekk ma jistgħux jitqiesu bħala diżastru naturali jew avveniment straordinarju fis-sens tal-punt b) tal-Artikolu 87(2). Madankollu, għal din l-analiżi, MQA jirribatti li l-għajnuna ngħatat konsegwenza ta' sitwazzjoni straordinarja "minħabba li l-Kummissjoni stess tammetti d-diffikultajiet ekonomiċi u soċjali eċċezzjonali tas-settur". Ċertament huwa veru li s-settur tas-sajd irid jaffaċċja diffikultajiet partikolari li l-Kummissjoni analizzat fid-dettall fil-komunikazzjoni tagħha ([25]) tad-9 ta' Marzu 2006 bit-titolu "It-titjib tas-sitwazzjoni ekonomika tas-sajd". F'din il-komunikazzjoni, il-Kummissjoni wriet li s-sorsi tad-diffikultajiet ekonomiċi u soċjali tas-settur jinstabu finnuqqas ta' adattament strutturali tiegħu għar-restrizzjonijiet li jtaqqlu l-attività tiegħu. Din ippreżentat ukoll, f'din il-komunikazzjoni, diversi proposti biex

([22]) Sorsi: OFIMER Iċ-ċifri ewlenin tal-qasam tas-sajd u tal-akwakultura fi Franza, l-edizzjoni 2006. Ukoll, Eurostat u Global Trade Information Service.

([23]) Is-sentenza tat-Tribunal tal-Prim'Istanza tat-30 ta' April 1998, T-241/95, Het Vlaamse Gewest c/il-Kummissjoni, Rec. 1998, p. II-717, il-punt 67.

([24]) L-Assemblea Nazzjonali – Rendikont tal-laqgħa tal-25 ta' Ottubru 2006, diskors tas-Sur Dominique Bussereau, il-Ministru tal-Agrikoltura u s-Sajd.

([25]) COM(2006) 103 finali.

jingħelbu d-diffikultajiet ekonomiċi tas-settur tas-sajd. Meta eżaminat il-kompatibbiltà ta' ċerta għajnuna għall-iffunzjonar, din tindika b'mod ċar: "Id-diffikultajiet li qed jaffaċċja bħalissa s-settur tas-sajd komplew marru għall-agħar biż-żieda reċenti fil-prezz tal-karburant. Din is-sitwazzjoni wasslet lill-industrija tas-sajd biex titlob intervent pubbliku sabiex jingħata kumpens għal din iż-żieda f'daqqa ta' dawn il-prezzijiet. Din it-tip ta' assistenza tirrappreżenta għajnuna għall-iffunzjonar li hija inkompatibbli mat-Trattat. Il-Kummissjoni ma tista' tapprova l-ebda għajnuna notifikata għal dan il-għan." Filwaqt li tirreferi għal mekkaniżmu ta' garanzija li jista' jitqabbel ma' dak maħsub fil-bidu matul it-twaqqif tal-FPAP, żiedet tgħid: "Il-Kummissjoni ma tistax tapprova tali programm ħlief jekk dan jipprevedi garanziji ta' ħlas lura, fil-kundizzjonijiet kummerċjali, tal-għajnuna pubblika kollha, li, fiċ-ċirkostanzi ekonomiċi attwali, jidher li huwa tassew probabbli." Il-varjazzjonijiet fil-prezz tal-inputs, fosthom dak tal-karburant, huma parti mill-attività ekonomika u ma jistgħux jikkostitwixxu avveniment straordinarju.

Meqjus dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna mill-Istat in kwistjoni li bbenefikaw minnha l-impriżi tas-sajd mhijiex kompatibbli mas-suq komuni skont il-punt (b) tal-Artikolu 87(2) tat-Trattat.

(115) Din l-għajnuna l-anqas ma tista' titqies bħala kompatibbli mas-suq komuni fuq il-bażi tal-applikazzjoni tal-Artikolu 87(2) tat-Trattat, bil-każijiet ipotetiċi differenti li huma previsti.

(a) Din mhix għajnuna maħsuba biex tiffavorixxi l-iżvilupp ekonomiku tar-reġjuni li fihom il-livell tal-ħajja huwa baxx aktar min-normal jew fejn jeżisti livell għoli ta' qgħad (il-każ previst fil-punt (a) tal-Artikolu 87(3) tat-Trattat). Din l-għajnuna għandha l-għan li tnaqqas l-ispejjeż tal-iffunzjonar tal-impriżi tas-sajd. Ċertament l-FPAP jindika li din l-għajnuna għandha l-għan li tiffaċilita ż-żamma tas-sajd f'qafas reġjonali. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li l-għajnuna tingħata lill-impriżi tas-sajd ikun xi jkun il-post fejn jinstab l-uffiċċju prinċipali ta' dawn l-impriżi jew il-port fejn jitrakkaw il-vapuri li dawn jużaw. Għalhekk, dawn m'għandhom l-ebda rapport mal-għajnuna stipulata fil-punt (a) msemmi.

(b) Din l-għajnuna l-anqas ma tista' tiġi kkunsidrata bħala għajnuna maħsuba biex tippromwovi t-twettiq ta' proġett importanti ta' interess Ewropew komuni jew biex jirmedja għal taħwid fl-ekonomija ta' Stat Membru. Din m'għandha l-ebda rabta ma' proġett importanti ta' interess Komunitarju komuni. L-anqas ma tista' tikkwalifika bħala għajnuna maħsuba biex tirmedja taħwid fl-ekonomija ta' Stat Membru. Fil-fatt, l-għajnuna mogħtija lill-impriżi tas-sajd għandha l-għan li tirmedja d-diffikultajiet tal-impriżi ta' settur ekonomiku partikolari, u mhux għal dawk tal-ekonomija Franċiża kollha. In-natura settorjali ta' din l-għajnuna mhix kontestata minħabba li ż-żieda fl-ispejjeż taż-żejt m'affetwatx biss lill-impriżi tas-settur tas-sajd imma lill-impriżi kollha, is-setturi tal-attività kollha f'daqqa. U, għalhekk, il-Kummissjoni dejjem qieset li m'għandhomx ikunu l-awtoritajiet pubbliċi li jintervjenu fuq livell finanzjarju biex jikkumpensaw din iż-żieda, imma min-naħa l-oħra li jinkoraġġixxu lill-impriżi biex jadattaw għall-kundizzjonijiet ekonomiċi l-ġodda li jirriżultaw minn dan. B'hekk, meta tikkunsidra dawn l-elementi kollha, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-għajnuna tal-FPAP favur l-impriżi tas-sajd ma tistax tiġi kkunsidrata bħala kompatibbli skont il-punt (b) tal-Artikolu 87(3).

(c) Għal dak li jikkonċerna il-punt (c) tal-Artikolu 87(3), it-tħaffif tal-ispejjeż tal-karburant ma jistax, fih innifsu, jirrispondi għall-kundizzjoni tal-imsemmi punt (c), skont liema tista' tkun kompatibbli mas-suq komuni l-għajnuna maħsuba biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi meta dawn ma jbiddlux il-kundizzjonijiet tal-iskambji f'miżura kuntrarja għall-interess komuni. Fil-fatt, l-għajnuna in kwistjoni ma taħsibx biex tiffavorixxi l-iżvilupp tal-attivitajiet tas-sajd fis-sens ta' sajd sostenibbli, f'konformità mal-għanijiet tal-politika komuni tas-sajd, imma min-naħa l-oħra trawwem il-livell tal-isforz tas-sajd mingħajr ma tħajjar lill-impriżi tas-sajd biex inaqqsu l-ispejjeż tagħhom fil-karburant. Għalhekk, dawn għandhom l-effett li jikkalmaw l-adattament neċessarju tal-impriżi tas-settur tas-sajd għal-limiti li jirriżultaw miż-żieda fil-prezz taż-żejt. Barra minn dan, din l-attività mhix marbuta ma' reġjun ekonomiku. Huwa għalhekk li din l-għajnuna ma tistax titqies bħala kompatibbli mas-suq komuni skont il-punt (c) tal-Artikolu 87(3).

(d) Fl-aħħarnett, dawn il-kategoriji ta' għajnuna ma jammontawx għal għajnuna maħsuba biex tippromwovi l-kultura u l-ħarsien tal-patrimonju, u l-anqas għal għajnuna meqjusa kompatibbli mas-suq komuni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill adottata taħt l-inċiż (e) tal-Artikolu 87(3).

(116) Minn dawn l-elementi kollha jirriżulta li l-għajnuna mill-Istat mogħtija lill-impriżi tas-sajd biex tħaffef l-ispejjeż tal-karburant ma taqax taħt xi waħda mid-derogi previsti mill-Artikolu 87 tat-Trattat.

(117) Peress li l-każ jittratta l-għajnuna lill-impriżi tas-sajd, din trid ukoll tiġi analizzata fid-dawl tal-linji gwida għall-eżami tal-għajnuna mill-Istat maħsuba għas-setturi tas-sajd u tal-akwakultura (minn issa 'l quddiem imsejħa l-"linji gwida").

(118) Din l-għajnuna għandha l-effett li tnaqqas l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-impriżi tas-sajd. Dawn jippreżentaw il-karattru tal-għajnuna għall-iffunzjonar.

(119) Il-Kummissjoni tfakkar mill-ewwel li fit-termini tal-punt 3.5 ta' dawn il-linji gwida, "l-għajnuna mill-Istat m'għandux ikollha karattru ta' konservazzjoni, imma din trid tiffavorixxi l-ippjanar u l-effikaċja tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd. L-għajnuna trid twassal għal titjib sostenibbli, b'tali mod li s-settur tas-sajd jista' jevolvi bis-saħħa biss tad-dħul mis-suq."

(120) Madankollu, kif intwera fil-premessa 115 (c) ta' din id-Deċiżjoni, it-tħaffif tal-ispejjeż tal-karburant ma jaħsibx għall-iżvilupp tal-attivitajiet tas-sajd fis-sens ta' sajd sostenibbli, f'konformità mal-objettivi tal-politika komuni tas-sajd, imma li l-impriżi tas-sajd jinżammu fl-istess attività. Huwa għalhekk li l-Kummissjoni tqis li din l-għajnuna għandha tassew karattru ta' konservazzjoni imsemmi fil-punt 3.5 tal-linji gwida u għalhekk ma tistax titqies bħala kompatibbli ma' dan il-prinċipju propost mil-linji gwida.

(121) Franza ċertament indikat, fir-risposti tagħha fil-bidu tal-proċedura formali tal-eżami, li "l-azzjonijiet tal-FPAP antiċipaw miżuri utli li l-pjani tas-salvataġġ u ta' ristrutturazzjoni, ladarba formalizzati, sejrin biss juru u jikkonfermaw". Madankollu, huwa biss ħafna aktar tard, f'Jannar 2008, li Franza informat lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri ppreżentati bħala miżuri ta' għajnuna għas-salvataġġ u għar-ristrutturazzjoni favur l-impriżi tas-sajd, miżuri rreġistrati mill-Kummissjoni taħt in-numru NN 09/2008 u li bħalissa qed jiġu analizzati. Għalhekk, anke jekk wieħed jaċċetta l-argument ta' Franza li l-azzjonijiet tal-FPAP kienu jantiċipaw b'ċerti mod dawn il-miżuri ta' għajnuna għas-salvataġġ u għar-ristrutturazzjoni, dan m'għandu l-ebda inċidenza fuq il-kompatibbiltà tagħhom mas-suq komuni minħabba differenzi fundamentali li jeżistu bejn il-miżuri implimentati mill-FPAP u l-kundizzjonijiet li jridu jirrispondu għalihom l-iskemi ta' għajnuna għas-salvataġġ u għar-ristrutturazzjoni tal-impriżi f'diffikultà [26]. Fil-fatt, kontra dak li hu meħtieġ f'dawn il-linji gwida, l-għajnuna li tirriżulta mill-azzjonijiet tal-FPAP ingħatat b'mod distint lill-impriżi kollha tas-sajd u mhux biss lill-impriżi f'diffikultà. Min-naħa l-oħra, l-għajnuna għas-salvataġġ ma tistax teċċedi sitt xhur u jrid ikollha l-forma ta' ħlas li jitħallas lura jew ta' garanzija; fir-rigward tal-għajnuna għar-ristrutturazzjoni, din trid tingħata f'kundizzjonijiet preċiżi għal żmien limitat. Madankollu, l-għajnuna mogħtija minn Franza permezz tal-FPAP ma tissodisfa l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet meħtieġa: l-impriżi tas-sajd jibbenefikaw minn din l-għajnuna sa mill-2004, din mhix mogħtija taħt forma ta' self jew ta' garanzija, u l-ħlas lura tagħha fil-kuntest ta' pjan ta' ristrutturazzjoni mhux maħsub.

(122) L-FPAP jikkunsidra li l-għajnuna mogħtija hija ġġustifikata mill-fatt li fil-fatt din hija għajnuna għad-dħul tal-impjegati. Dwar dan l-FPAP stqarr li: "L-FPAP huwa magħmul minn 'grupp ta' prevenzjoni' bil-ħsieb biex għall-2 500 impriża msieħba tikkostitwixxi perimetru ġuridiku ta' salvagwardja fis-sens tal-Liġi Franċiża …. Għalhekk, l-għajnuna għad-dħul tal-impejgati rreġistrata fil-perimetru tar-ristrutturazzjoni hija awtorizzata. Din ma taffetwa bl-ebda mod ir-regoli tal-kompetizzjoni. Min-naħa l-oħra din tirriżulta mill-prinċipji Komunitarji li jiggarantixxu lill-impjegati dħul minimu deċenti." L-FPAP jkompli billi jindika li s-sistema ta' ħlas tal-baħħara apparti mill-ekwipaġġ jkollu bħala effett, fi Franza, li tiċħad lill-impjegati tal-impriżi tas-sajd mis-salarju, jiġifieri li jitpoġġew fid-dejn fir-rigward tal-propjetarju. Dan jippreċiża fl-aħħarnett li 25 mill-65 miljun tal-ħlas bil-quddiem mogħti mill-Istat "jikkonċernaw direttament il-ħlasijiet bil-quddiem lill-impjegati u jiġu analizzati bħala azzjoni soċjali diretta". MQA iżid li: "Jekk is-self jitqies bħala għajnuna għall-profitt, mhux lill-FPAP trasparenti, imma lill-impriżi tas-sajd imsieħba, dan ikun tassew għajnuna speċjali. Il-fondi li jirriżultaw fil-fatt ikunu direttament marbuta mar-remunerazzjoni tal-baħħara."

(123) Dawn id-dikjarazzjonijiet iqanqlu diversi kummenti min-naħa tal-Kummissjoni:

(1) L-ewwelnett, din tiskanta meta taqra li kważi 40 % (25 miljun minn 65) tal-ħlasijiet bil-quddiem mogħtija mill-Istat sabiex, skont it-tliet ftehimiet deskritti hawn fuq (ara l-premessa 21 ta' din id-Deċiżjoni), biex jippermettu l-kisba tal-opzjonijiet finanzjarji fuq is-swieq tal-futures tal-prodotti taż-żejt, "li jikkonċernaw direttament il-ħlasijiet bil-quddiem lill-persuni li jirċievu salarju u li jiġu analizzati bħala għajnuna soċjali diretta".

---

[26] ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2.

(2) Il-Kummissjoni taħseb li, min-naħa tal-FPAP, dan huwa sommarju retoriku bil-ħsieb li juri li l-azzjonijiet implimentati mill-FPAP, billi jnaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-impriżi tas-sajd u minħabba s-sistema tas-salarju bil-ġurnata, jibbenefikaw *in fine* lill-persuni li jirċievu salarju mingħand dawn l-impriżi. Huwa f'dan is-sens li dawn l-azzjonijiet jistgħi jiġu analizzati "bħala għajnuna soċjali diretta". Fil-fatt, l-ebda element mill-fajl ma jħalli li wieħed jaħseb li kien ikun hemm għajnuna soċjali diretta, jiġifieri għajnuna mħallsa mill-FPAP direttament lill-persuni li jirċievu salarju apparti minn dawn l-impriżi; dan l-anqas m'hu previst mill-istatut tal-FPAP (ara l-premessa 20 ta' din id-Deċiżjoni).

(3) Ikun xi jkun il-każ, jiġifieri li l-għajnuna eventwalment tħallset direttament lill-persuni li jirċievu salarju jew inkella li l-azzjonijiet tal-FPAP ibbenefikaw minnhom dawn il-persuni li jirċievu salarju billi jippermettulhom li jħallu d-dħul tagħhom minħabba s-sistema tas-salarju mhux fiss, il-Kummissjoni tfakkar li, f'konformità ma' ġurisprudenza stabbilita ([27]), l-idea ta' għajnuna tinkludi l-vantaġġi mogħtija mill-awtoritajiet pubbliċi li, taħt forom diversi, jħaffu l-ispejjeż li normalment itaqqlu l-baġit ta' impriża. F'dan is-sens, is-salarji huma mingħajr dubju parti minn dawn l-ispejjeż u impriża ma tistax isserraħ fuq finanzjament pubbliku biex taffaċjahom. Għalhekk, il-fatt li l-vantaġġi li l-impriżi tas-sajd jieħdu mill-possibbiltà li jixtru l-karburant bi prezz preferenzjali u minn kumpens parzjali għall-ispejjeż tagħhom ta' karburant fil-verità setgħu, skont l-FPAP u MQA, jibbenefikaw lill-persuni li jirċievu salarju minn dawn l-impriżi, mhux pertinenti sabiex wieħed japprezza l-kompatibbiltà ta' din l-għajnuna fir-rigward tas-suq komuni. Huwa biżżejjed li wieħed jinnota li l-vantaġġi mogħtija lill-impriżi tas-sajd bis-saħħa tal-fondi pubbliċi kellhom l-effett li jħaffu l-ispejjeż li normalment itaqqlu l-baġit ta' dawn l-impriżi.

(4) Bl-istess mod, il-Kummissjoni ma tistax taċċetta affermazzjoni li tgħid li l-għajnuna għad-dħul tal-persuni li jirċievu salarju tista tkun awtorizzata, min-naħa minħabba li ssostni l-prinċipji Komunitarji li jiggarantixxu dħul minimu diċenti lill-persuni li jirċievu salarju, u min-naħa l-oħra, minħabba li s-sistema tal-ħlas mhux fiss ikun partikolarment sfavorevoli għall-baħħara Franċiżi. Fil-fatt, fl-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, ir-regolamentazzjoni rigward l-eżistenza ta' salarju minimu tiddependi biss mill-kompetenza tal-Istati Membri. Fi Franza, għal dak li jikkonċerna s-salarju tal-baħħara, dan l-obbligu huwa ppreżentat mill-Artikoli L.742-2, D.742-1 et D.742-2 tal-Kodiċi tax-Xogħol. Kif tfakkar sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Rennes tas-16 ta' Ġunju 1998 ([28]), dawn id-dispożizzjonjiet, b'applikazzjoni ġenerali, japplikaw għall-persuni li jirċievu salarju li jaqgħu taħt il-Kodiċi tax-Xogħol tal-Baħħara, hu x'inhu l-metodu tar-remunerazzjoni adottat. Il-fatt li l-propjetarju u l-impjegati tiegħu ftiehmu mill-bidu li l-baħħara mhux ser ikollhom salarju fiss (jiġifieri li jitħallsu skont il-profitt eventwali) ma jeżonerax lill-propjetarju li jiggarantixxi lill-baħħara, matul il-perjodu tal-imbark, remunerazzjoni tal-anqas ugwali għas-salarju minimu. Fi kliem ieħor, is-salarju mħallas bħala parti mill-qligħ tas-sajd irid tal-anqas ikun ekwivalenti għar-remunerazzjoni kkalkolata fl-applikazzjoni tas-salarju minimu ta' tkabbir. L-Artikolu 34 tal-Kodiċi tax-Xogħol Marittimu ([29]) jirreferi f'dan ir-rigward għal "ftehim nazzjonali professjonali jew ftehimiet mifruxa għall-industrija kollha [biex jiffissa], b'mod indipendenti mit-tul taż-żmien tax-xogħol effettiv, il-perjodu jew il-perjodi meqjusa għall-kalkolazzjoni tas-salarju minimu ta' tkabbir tal-baħħara mħallsa b'salarju mhux fiss". Il-ftehim għall-industrija kollha jiggarantixxi, permezz tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 9 tiegħu, remunerazzjoni annwali grossa minima għall-baħħara mħallsa salarju mhux fiss, li ġie ffirmat fit-28 ta' Marzu 2001 ([30]). Din id-dispożizzjoni saret obbligatorja, għal kull min jimpjega u l-impjegati kollha koperti minn dan il-ftehim, permezz ta' deċiżjoni interministerjali tat-3 ta' Lulju 2003 ([31]). L-ispiża għas-salarji li tiġi minn dan l-obbligu legali b'hekk tikkostitwixxi spiża ta' produzzjoni tal-impriżi tas-sajd, l-istess bħall-ispejjeż għall-karburant. F'dawn il-kundizzjonijiet, il-Kummissjoni għalhekk ma tistax taċċetta l-argument skont liema l-Istat Franċiż ikollu raġun li jintervjeni finanzjarjament minħabba li l-propjetarji jonqsu mill-obbligu legali li jiżguraw salarju minimu għall-impjegati tagħhom, anke meta dawn huma mħallsa salarju mhux fiss.

([27]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Ottubru 1999, C-251/97, Ir-Repubblika Franċiża c/ il-Kummissjoni, Rec. 1999, p. I-6639, il-punt 35.

([28]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Rennes tas-16 ta' Ġunju 1998, Marziou c/ Louzaouen, fi Le Droit Maritime Français, Nru 588, Diċembru 1998, p. 1201 u s. (Editions Lamy).

([29]) Disponibbli fuq www.legifrance.gouv.fr/

([30]) Il-bulettin uffiċjali tal-Ministeru tat-Tagħmir Nru 13 tal-25 ta' Lulju 2003, disponibbli fuq www2.equipement.gouv.fr/bulletinofficiel/fiches/BO200313/Une.htm

([31]) Ippublikat fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża 203 tat-3 ta' Settembru 2003, p. 15051.

(124) Skont MQA, dawn jistgħu jkunu wkoll miżuri soċjo-ekonomiċi: "il-linji gwida (…) jikkunsidraw li jistgħu jiġu dikjarati kompatibbli mal-miżuri soċjo-ekonomiċi. Dan ifisser li l-FPAP huwa totalment trasparenti u l-miżuri kwalifikati bħala għajnuna mill-Kummissjoni għandhom karattru li jidher soċjo-ekonomiku."

(125) Il-Kummissjoni tinnota li MQA ma ppreżentat l-ebda element li jippermetti l-eżaminazzjoni tal-għajnuna in kwistjoni fir-rigward tal-punt 4.5. tal-linji gwida li jipprevedu li, għal kull każ, jistgħu jiġu kkunsidrati bħala kompatibbli mas-suq komuni, l-għajnuna diretta lill-ħaddiema tikkorrispondi għal miżuri soċjo-ekonomiċi. Fil-fatt, dan il-paragrafu jippreċiża li dawn ma jistgħux jitqiesu bħala kompatibbli ħlief "bil-kundizzjoni li jiffurmaw parti minn pakkett ta miżuri tal-appoġġ ta' tip soċjo-ekonomiku li jimmiraw biex jikkumpensaw it-telf tad-dħul marbut ma' adattament tal-kapaċitajiet deċiż skont l-Artikolu 11 (1) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002" (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 rigward il-ħarsien u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar fil-qafas tal-politika komuni tas-sajd ([32])). Madankollu, il-ħolqien tal-FPAP mhuwiex parti mill-pjan ewlieni deċiż f'konformità mar-Regolament Nru 2371/2002 bil-ħsieb tal-adattament tal-kapaċitajiet tas-sajd. L-argument imressaq minn MQA għalhekk ma jistax jiġġustifika l-għotja ta' din l-għajnuna għall-iffunzjonar.

(126) MQA tindika wkoll li mhux eżatt li wieħed jgħid li l-għajnuna ngħatat mingħajr kundizzjoni. Skont il-MQA, "biex jagħti dan is-self, l-Istat talab li l-FPAP jipproduċi diversi dokumenti ta' ġustifikazzjoni, dokumenti ta' ġustifikazzjoni maħsuba biex jistabbilixxu l-ġestjoni rigoruża tal-fondi u wkoll id-determinazzjoni tal-fond u l-membri tiegħu biex jimplimentaw soluzzjonijiet sostenibbli għall-kundizzjonijiet il-ġodda ta' produzzjoni tas-settur tas-sajd." MQA jinsisti li dan il-bżonn ta' kontabbiltà trasparenti u dwar id-deċiżjoni tal-Istat li jitlob li titwettaq missjoni interministerjali ta' spezzjoni.

(127) Il-Kummissjoni tinnota dan il-bżonn ta' trasparenza u ta' kontroll, filwaqt li tinnota li dan jidher elementari, minħabba li dan huwa intervent iffinanzjat minn fondi pubbliċi. Madankollu, hi jiddispjaċiha li, f'tali kuntest ta' trasparenza, l-awtoritajiet Franċiżi ma kienux trażmettewlha l-informazzjoni kollha b'ċifri dettaljati fuq l-attivitajiet tal-fond, minkejja t-talbiet magħmula matul il-proċedura. Fl-aħħarnett, tinnota li hi qatt ma ġiet informata bil-missjoni ta' spezzjoni msemmija minn MQA, lanqas *a fortiori* tal-konklużjonijiet tagħha, mitluba mill-awtoritajiet Franċiżi għal madwar nofs Novembru 2005.

(128) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-ħlasijiet bil-quddiem mogħtija mill-Istat jidħlu sew fil-kategorija tal-għajnuna għall-iffunzjonar stipulata fil-punt 3.7. tal-linji gwida, skont liema: "l-għajnuna mill-Istat li tingħata mingħajr l-ebda obbligu għall-benefiċjarji li jirrispondu għall-għanijiet tal-politika komuni tas-sajd, u li hija maħsuba biex ittejjeb is-sitwazzjoni tal-impriżi u li żżid il-finanzi tagħhom (…) hija, bħala għajnuna għall-iffunzjonar, inkompatibbli mas-suq komuni". Dawn il-ħlasijiet bil-quddiem għalhekk huma inkompatibbli mas-suq komuni.

## 5. IL-KONKLUŻJONI

(129) Il-Kummissjoni tinnota li Franza wettqet illegalment, bi vjolazzjoni tal-Artikolu 88(3), tat-Trattat, id-diversi miżuri tal-għajnuna li huma s-suġġett ta' din id-Deċiżjoni.

(130) Fuq il-bażi tal-analiżi żviluppata fil-parti 4.1 ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tqis li ż-żieda tal-finanzi tal-FPAP bl-għotja ta' tliet, u eventwalment, erba' ħlasijiet bil-quddiem, għal ammont totali ta' 65, u eventwalment 77 miljun euro, jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat li hija inkompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikolu 87(2) u (3) tat-Trattat. Fil-fatt, minħabba li l-ebda organizzazzjoni bankarja ma kienet tagħti l-ħlasijiet bil-quddiem bħal dawk li ngħataw lill-FPAP u li, skont l-informazzjoni disponibbli, dawn il-ħlasijiet bil-quddiem ma tħallsux lura, dawn il-ħlasijiet bil-quddiem inbidlu f'sussidju dirett (ara l-premessa 67), u għalhekk f'għajnuna mill-Istat għall-ammont in kwistjoni.

(131) Fuq il-bażi tal-analiżi żviluppata fil-aprti 4.2 ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna mogħtija taħt il-forma ta' ħlasijiet bil-quddiem lill-FPAP u li ppermettiet lill-impriżi tas-sajd li jixtru l-karburant bi prezz vantaġġuż u li jibbenefikaw minn kumpens fil-qafas tal-assigurazzjoni tad-diżil, tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat li hija inkompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikolu 87(2) u (3) tat-Trattat.

([32]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

## 6. L-IRKUPRAR

(132) L-ammont tal-għajnuna mill-Istat stabbilita minn Franza huwa ta’ 65 miljun euro, jew ta’ 77 miljun jekk ikun hemm ir-raba’ ftehim. F’konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999, f’każ ta’ deċiżjoni negattiva li tikkonċerna għajnuna illegali, il-Kummissjoni tiddeċiedi li l-Istat Membru jrid jieħu l-miżuri kollha neċessarji biex jirkupra l-għajnuna mingħand il-benefiċjarji. L-għan jintlaħaq meta l-għajnuna in kwistjoni, miżjuda bl-interessi tad-dewmien jekk ikun il-każ, tkun ingħatat lura mill-benefiċjarji jew, f’termini oħra, mill-impriżi li jkunu gawdew minnha ([33]). L-għan tal-irkuprar għalhekk jintlaħaq meta dan l-ammont ta’ 65 jew ta’ 77 miljun euro jkun ingħata lura.

(133) Sabiex jiġi deċiż dak li jrid jiġi rkuprat min-naħa mill-FPAP u min-naħa l-oħra mill-impriżi tas-sajd, jaqbel li wieħed jikkunsidra l-fatt li l-FPAP, filwaqt li aġixxa bħala operatur ekonomiku fuq is-swieq tal-futures, għandu l-għan li jagħti kumpens lill-impriżi tas-sajd fil-qafas tas-sistema tal-assigurazzjoni tad-diżil li dan stabbilixxa, u li jipprovdilhom il-karburant bi prezz vantaġġuż. L-analiżi li qed issir f’din id-Deċiżjoni dwar l-ekonomija ġenerali ta’ din is-sistema partikolari turi li l-FPAP wettaq il-missjoni tiegħu bi trasferiment progressiv tal-għajnuna mogħtija mill-Istat. Għal din ir-raġuni, l-għajnuna li trid tiġi rkuprata mill-FPAP hija l-parti tal-65 jew 77 miljun euro li ma ġietx trasferita lill-impriżi tas-sajd, u dik li trid tiġi rkuprata mill-impriżi tas-sajd għalhekk hija l-parti li ġiet trasferita lilhom.

(134) Il-Kummissjoni ma tafx x’inhu l-ammont li fil-fatt ġie trasferit mill-FPAP lill-impriżi tas-sajd. Il-Kummissjoni tosserva għal dan li, minkejja ordni indirizzata lil Franza li tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar l-iffunzjonar tal-FPAP, din la kkomunikat il-mod tal-użu tal-finanzi ta’ dawn il-fondi u l-anqas il-kontabbiltà tiegħu. Fin-nuqqas ta’ din l-informazzjoni u fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti ([34]), il-Kummissjoni tqis li huwa utli li tipprovdi ċerti direzzjonijiet dwar il-metodoloġija li għandha tintuża biex jiġi determinat l-ammont tal-għajnuna li trid tiġi rkuprata.

(135) Fid-definizzjoni ta’ dawn id-direzzjonijiet, il-Kummissjoni kkunsidrat il-fatt li, fid-dawl tal-ftehimiet, l-FPAP għandu l-obbligu li jżomm kontabbiltà li tippermetti l-għarfien tal-użu tal-ħlas bil-quddiem kif ukoll it-tqassim tar-riżorsi u tal-ispejjeż, u li dan impenja ruħu li jżomm id-dokumenti tal-kontabbiltà għal perjodu minimu ta’ 10 snin u li jpoġġihom għad-dispożizzjoni tad-diversi korpi tal-Istat meta dawn jitolbuhom (ara l-premessa 27). Minn dawn l-elementi, l-awtoritajiet jew l-organizzazzjonijiet responsabbli li japplikaw id-deċiżjoni tal-irkuprar jkollhom il-possibbiltà li jgħarfu ċ-ċaqliq tal-finanzi tal-FPAP kif ukoll is-sitwazzjoni ta’ dawn il-finanzi fil-mument li din id-deċiżjoni trid tiġi implimentata. Barra minn dan, il-kontabbiltà tal-impriżi tas-sajd li ġeneralment tinżamm minn gruppi ta’ ġestjoni li huma parti miċ-Ċentru tal-Ġestjoni tas-sajd artiġjanali, li huwa rrappreżentat fuq il-kunsill tal-amministrazzjoni tal-FPAP, ikun possibbli wkoll li fil-kontabbiltà tal-impriżi jiġi identifikat il-kumpens li tħallas mill-FPAP.

### 6.1. L-irkuprar mill-FPAP

(136) L-ammont tal-għajnuna inkompatibbli li trid tiġi rkuprata mill-FPAP tikkorrispondi għall-parti mill-għajnuna mill-Istat li finalment ma ġietx trasferita lill-impriżi tas-sajd, jiġifieri l-ammont tal-ħlas bil-quddiem li ffinanzja l-ispejjez għall-iffunzjonar tal- FPAP kif ukoll l-ammont ta’ dawn il-ħlasijiet bil-quddiem li din żammet fil-finanzi tagħha. L-ammont totali tal-ispejjeż tal-iffunzjonar jista’ jingħaraf mill-awtorità responsabbli mill-implimentazzjoni tal-irkuprar mill-kontabbiltà tal-FPAP. Minħabba n-natura funġibbli tal-flus u l-impossibbiltà li wieħed jiddistingwi minn fejn ġejjin skont l-użu tagħhom, il-Kummissjoni tqis li l-parti tal-ħlasijiet bil-quddiem tal-Istat li ffinanzjat dawn l-ispejjeż għall-iffunzjonar tikkorrispondi għall-ammont totali ta’ dawn l-ispejjeż imqabbel mal-proporżjon ta’ dawn il-ħlasijiet bil-quddiem, fir-rigward tas-somma ta’ dawn il-ħlasijiet bil-quddiem u l-istess fondi tal-FPAP (il-kontribuzzjonijiet tal-imsieħba). Bl-istess mod, l-ammont tal-ħlasijiet bil-quddiem miżmum fil-finanzi jista’ jiġi determinat li jaffetwa l-finanzi li baqa’ bl-istess proporzjon.

### 6.2. L-irkuprar mingħand l-impriżi tas-sajd

(137) Kif indikat hawn fuq, l-għajnuna li trid tiġi rkuprata mingħand l-impriżi kollha tas-sajd jikkorrispondi għall-65 jew għas-77 miljun tal-ħlasijiet bil-quddiem, imnaqqsa mis-somma li trid tiġi rkuprata mill-FPAP skont l-indikazzjonijiet mogħtija fil-premessa 136. F’dak li jikkonċerna l-għajnuna mill-Istat li trid tiġi rkuprata minn kull waħda minn dawn l-impriżi, wieħed irid jikkunsidra l-fatt li mhux possibbli, min-naħa tal-kontabbiltà, li ssir distinzjoni bejn l-għajnuna li hija kwalifikata bħala għajnuna mill-Istat u dik li mhix responsabbiltà tal-Istat (ara l-paragrafu 4.2.1.2 ta’ din id-Deċiżjoni).

(138) Il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna mill-Istat li trid tiġi rkuprata minn kull impriża tista’ tiġi kkalkulata fuq il-bażi tal-kumpens li kull impriża irċeviet taħt l-assigurazzjoni tad-diżil.

([33]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29.4.2004, il-Kwistjoni C-277/00, il-Ġermanja c. Il-Kummissjoni, Rec. 2004, p. I-3925, il-punt 75.

([34]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12.10.2000 il-Kwistjoni C-480/98, Spanja c. Il-Kummissjoni, Rec. 2000, p. I-8715, il-punt 25.

(139) Billi tieħu dan il-kumpens bħala l-bażi tal-kalkolu, il-Kummissjoni twarrab l-ekwivalenti-sussidju tal-ekonomija mwettqa minn kull impriża tas-sajd minħabba li l-karburant jinxtara bi prezz anqas minn dak tas-suq. Il-Kummissjoni tqis li huwa dan ġustifikat minħabba li l-impriżi li bbenefikaw mill-prezzijiet preferenzjali għall-karburant huma l-istess bħal dawk li bbenefikaw minn kumpens taħt l-assigurazzjon itad-diżil, u dan fi proporzjoni rispettivi li jistgħu jiġu mqabbla minħabba li aktar ma impriża xtrat karburant bi prezz preferenzjali aktar ma din kisbet kumpens ogħla u kontra. Bl-għażla ta' din il-bażi, għalhekk ma jkunx hemm tgħawwiġ bejn l-impriżi konċernati meta mqabbla mal-obbligi ta' ħlas lura li jridu jaffaċjaw. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni tinnota li, jekk wieħed ried jikkunsidra dawn l-ammonti ekwivalenti għal sussidji fil-bażi tal-kalkolu, jkun neċessarju għalhekk li jiġi kkalkulat, għal kull darba li l-vapur jerġa' jingħata l-karburant matul il-perjodu tal-attività tal-FPAP fuq is-swieq tal-futures taż-żejt, id-differenza bejn l-ispiża li kienet tirriżulta mix-xiri bil-prezz tal-ġurnata u l-ispiża fil-fatt minfuqa mill-kooperattiva wara li tkun qieset liema kien il-prezz tal-ġurnata applikabbli għat-tip ta' karburant mixtri u fil-post tal-provvista. Kien ikun aktar diffiċli li jiġi implimentat dan il-metodu. Din hija r-raġuni għalfejn il-Kummissjoni tqis li jkun preferibbli li tirrakkomanda bażi tal-kalkolazzjoni li tiffaċilita x-xogħol tal-awtoritajiet u l-entitajiet responsabbli għall-implimentazzjoni id-deċiżjoni tal-irkuprar.

(140) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna mill-Istat li trid tiġi rkuprata minn kull impriża tista' tiġi kkalkulata fuq il-bażi tal-kumpens li tirċievi kull kumpanija taħt l-assigurazzjoni tad-diżil. L-għajnuna mill-Istat li trid tiġi rkuprata għandha tiġi kkalkulata billi dan il-kumpens jiżdied b'persentaġġ li jikkorrispondi għall-proporzjon tal-ammont globali tal-għajnuna mill-Istat li trid tiġi rkuprata mill-impriżi tas-sajd fuq l-ammont globali tal-kumpens imħallas lill-impriżi tas-sajd mill-FPAP taħt l-assigurazzjoni tad-diżil.

(141) L-ammont li jrid jiġi rkuprat minn kull impriża tas-sajd għalhekk irid jiġi kkalkulat skont il-formoli li ġejjin:

$$R * Ent = I \times \frac{((\text{Ħlasijietbil} - \text{quddiem} - R * FPAP))}{\text{Total I}}$$

Fejn

| | |
|---|---|
| *R*Ent* | = l-ammont li jrid jiġi rkuprat mill-impriża tas-sajd |
| *I* | = l-ammont tal-kumpens li tirċievi l-impriża tas-sajd taħt l-assigurazzjoni tad-diżil |
| *Ħlasijiet bil-quddiem* | = 65 jew 77 miljun euro |
| *R*FPAP* | = l-ammont li jrid jiġi rkuprat mill-FPAP skont l-indikazzjonijiet li jidhru fil-premessa 136 |
| *Total I* | = l-ammont totali tal-kumpens imħallas mill-FPAP lill-impriżi tas-sajd taħt l-assigurazzjoni tad-diżil |

(142) Din il-formola tikkunsidra l-premessa li l-FPAP ta benefiċċji fuq is-swieq tal-futures, benefiċċji li wara ingħataw lura kompletament lill-impriżi tas-sajd. Kif inhu deskritt f'din id-Deċiżjoni, dan huwa l-aktar każ plawżibbli. Madankollu, jaqbel ukoll li wieħed jipprevedi l-possibbiltà teoretika li l-FPAP kien ikollu telf fuq is-swieq tal-futures u fejn allura kien jirriżulta li l-impriżi tas-sajd kienu jibbenefikaw minn ammont globali ta' kumpens inferjuri għall-ammont ta' ħlas bil-quddiem li minnu huwa mnaqqas l-ammont li jrid jiġi rkuprat mill-FPAP. F'tali każ, il-kwozjent (Ħlas bil-quddiem – R*FPAP)/Total I ikun ġeneralment ta' aktar minn 1, partikolarment jekk l-ammont "R*FPAP" huwa dgħajjef; l-applikazzjoni tal-formola t'hawn fuq allura jkollha l-effett li s-somma globali li trid tiġi rkuprata mingħand l-impriżi tas-sajd tkun superjuri għal dik li jkunu bbenefikaw minnha. Għalhekk, f'dan il-każ partikolari, jaqbel li jkun previst li l-ammont li jrid jiġi rkuprat mingħand kull impriża jikkorrispondi għall-ammont tal-kumpens li tkun irċeviet din l-impriża taħt l-"assigurazzjoni tad-diżil". F'dan il-każ ipotetiku, il-bilanċ bejn il-ħlas bil-quddiem tal-Istat u l-kumpens imħallas lill-impriżi tas-sajd jrid jiġi rkuprat mill-FPAP, li fil-fatt kien jikkonsma din id-differenza.

(143) L-għajnuna mill-Istat li jibbenefikaw minnhom l-impriżi tas-sajd jistgħu ma jkunux suġġetti għall-irkuprar jekk, fid-data li jingħataw fiha, dawn jissodisfaw il-kundizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1860/2004 jew dawk tar-Regolament (KE) Nru 875/2007 li jikkonċernaw l-għajnuna *de minimis*,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-għajnuna mogħtija lil Fond ta' Prevenzjoni tar-riskji tas-sajd (FPAP) għall-kisba ta' opzjonijiet finanzjarji fuq is-swieq tal-futures taż-żejt u implimentata b'mod illegali minn Franza, fi vjolazzjoni tal-Artikolu 88(3) tat-Trattat, hija inkompatibbli mas-suq komuni.

*Artikolu 2*

L-għajnuna mogħtija lill-impriżi tas-sajd taħt forma ta' tħaffif tal-ispejjeż tagħhom għall-karburant u implimentata b'mod illegali minn Franza fi vjolazzjoni tal-Artikolu 88(3) tat-Trattat, hija inkompatibbli mas-suq komuni.

*Artikolu 3*

Għajnuna individwali mogħtija lil impriża tas-sajd skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98 ([35]) mhix suġġetta għall-irkuprar jekk, fil-mument tal-għotja tagħha, din kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet iffissati mir-Regolament adottat skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 994/98, applikabbli fil-mument tal-għotja tal-għajnuna.

*Artikolu 4*

1. Franza għandha titlob il-ħlas lura mingħand il-benefiċjarji tal-għajnuna inkompabibbli stipulata fl-Artikoli 1 u 2.

2. Is-somom li għandhom jiġu rkuprati jipproduċu l-interessi mid-data li fiha dawn ikunu tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji, sakemm jiġu rkuprati effettivament.

3. L-interessi huma kkalkulati fuq il-bażi magħmula skont il-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 794/2004 tal-Kummissjoni ([36]).

4. Franza għandha tannulla l-ħlasijiet kollha ta' għajnuna pendenti stipulati fl-Artikoli 1 u 2 b'effett mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 5*

1. L-irkuprar tal-għajnuna stipulata fl-Artikoli 1 u 2 huwa immedjat u effettiv.

2. Franza għandha tiżgura li din id-Deċiżjoni tiġi implimentata fi żmien erba' xhur wara d-data tan-notifika tagħha.

*Artikolu 6*

1. Fi żmien xahrejn min-notifika ta' din id-Deċiżjoni, Franza għandha tikkomunika lill-Kummissjoni l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-ammont totali (is-somma u l-interessi) li għandhom jiġu rkuprati mill- FPAP;

(b) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri li diġà ttieħdu u previsti biex ikun hemm konformità ma' din id-Deċiżjoni;

(c) id-dokumenti li juru li l-FPAP jkun ġie notifikat formalment biex iħallas lura l-għajnuna.

2. Franza għandha żżomm lill-Kummissjoni infurmata dwar il-progress tal-miżuri nazzjonali li jittieħdu għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni sakemm tiġi rkuprata kompletament l-għajnuna stipulata fl-Artikolu 1. Din għandha titrażmetti immedjatament, fuq talba tal-Kummissjoni, kull informazzjoni dwar il-miżuri li jkunu diġà ttieħdu u li jkunu previsti biex ikun hemm konformità ma' din id-Deċiżjoni. Din għandha tipprovdi wkoll informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti tal-għajnuna u l-interessi diġà rkuprati mingħand FPAP.

*Artikolu 7*

1. Fi żmien xahrejn min-notifika ta' din id-Deċiżjoni, Franza għandha tikkomunika lill-Kummissjoni l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-lista tal-impriżi tas-sajd li rċevew għajnuna stipulata fl-Artikolu 2 u l-ammont totali li rċeviet kull waħda minnhom;

(b) l-ammont totali (is-somma u l-interessi) li jridu jiġu rkuprati mingħand kull benefiċjarju;

(c) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri li diġà ttieħdu u li huma previsti biex ikun hemm konformità ma' din id-Deċiżjoni;

(d) d-dokumenti li juru li l-benefiċjarji jkunu ġew notifikati formalment biex iħallsu lura l-għajnuna.

2. Franza għandha żżomm lill-Kummissjoni infurmata dwar il-progress tal-miżuri nazzjonali li jittieħdu għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni sakemm tiġi rkuprata kompletament l-għajnuna stipulata fl-Artikolu 2. Din għandha titrażmetti immedjatament, fuq talba tal-Kummissjoni, kull informazzjoni dwar il-miżuri li jkunu diġà ttieħdu u li jkunu previsti biex ikun hemm konformità ma' din id-Deċiżjoni. Din għandha tipprovdi wkoll informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti tal-għajnuna u l-interessi diġà rkuprati mingħand il-benefiċjarji.

*Artikolu 8*

Din id-Deċiżjoni hija inidirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Mejju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Joe BORG

*Membru tal-Kummissjoni*

([35]) ĠU L 142, 14.5.1998, p. 1.
([36]) ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-5 ta' Diċembru 2008

## dwar l-aċidu sulforiku li ma ġiex inkluż fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom din is-sustanza

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 7612)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/937/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva Tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ([1]), u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE jistipula li Stat Membru, matul perjodu ta' 12-il sena min-notifika ta' dik id-Direttiva, jista' jawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom sustanzi attivi mhux elenkati fl-Anness I ta' dik id-Direttiva li jkunu diġà jinsabu fis-suq sentejn wara d-data tan-notifika, waqt li dawn is-sustanzi jkunu qegħdin jiġu eżaminati gradwalment fil-qafas ta' programm ta' ħidma.

(2) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1112/2002 ([2]) u (KE) Nru 2229/2004 ([3]) jistipulaw ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-raba' stadju tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE u jistabbilixxu lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu evalwati, bl-għan li jiġu possibbilment inklużi fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE. Dik il-lista tinkludi l-aċidu sulforiku.

(3) Għall-aċidu sulforiku, l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent ġew ivvalutati skont id-dispożizzjonijiet stipulati fir-Regolamenti (KE) Nru 1112/2002 u (KE) Nru 2229/2004 għal firxa ta' użi proposti min-notifikant. Barra minn hekk, dawk ir-Regolamenti jaħtru lill-Istati Membri Relaturi li għandhom jippreżentaw ir-rapporti ta' valutazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà Alimentari (EFSA) skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 2229/2004. Għall-aċidu sulforiku l-Istat Membru Relatur kien Franza u t-tagħrif relevanti kollu ntbagħat f' Ottubru 2007.

(4) Il-Kummissjoni investigat l-aċidu sulforiku skont l-Artikolu 24a tar-Regolament (KE) Nru 2229/2004. Abbozz tar-rapport tar-reviżjoni għal dik is-sustanza ġie rivedut mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u ġie ffinalizzat fis-26 ta' Settembru 2008 fil-format tar-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni.

(5) Matul l-investigazzjoni ta' din is-sustanza attiva mill-Kumitat, ġie konkluż, b'kunsiderazzjoni tal-kummenti li waslu mingħand l-Istati Membri, li l-evidenza eżistenti mhix suffiċjenti biex tiġi ffinalizzata l-evalwazzjoni tar-riskju tal-konsumatur u jiġi stabbilit Livell Aċċettabbli ta' Espożizzjoni għall-Operaturi (LAEO) u dan il-valur huwa neċessarju sabiex issir l-valutazzjoni tar-riskju tal-operatur. Barra minn hekk, kwistjonijiet oħra ta' tħassib li ġew identifikati mill-Istat Membru relatur fir-rapport ta' valutazzjoni tiegħu huma inklużi fir-rapport ta' reviżjoni għas-sustanza.

(6) Il-Kummissjoni stiednet lin-notifikant biex iressaq il-kummenti tiegħu dwar ir-riżultati tal-peer review u dwar jekk kienx beħsiebu jkompli jappoġġja s-sustanza. In-notifikant ressaq il-kummenti tiegħu li ġew investigati bir-reqqa. Madankollu, minkejja l-argumenti mressqa min-notifikant, it-tħassib identifikat ma setax jitneħħa, u l-evalwazzjonijiet li saru fuq il-bażi tal-informazzjoni ppreżentata ma wrewx li jista' jiġi mistenni li, fil-kundizzjonijiet ta' użu proposti, prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom l-aċidu sulforiku jissodisfaw b'mod ġenerali r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE.

(7) Għalhekk l-aċidu sulforiku ma għandux jiġi inkluż fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

(8) Għandhom jittieħdu miżuri sabiex jiġi żgurat li awtorizzazzjonijiet mogħtija għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom l-aċidu sulforiku jiġu rtirati f'perjodu ta' żmien preskritt u li ma jiġġeddux, u li ma tingħata l-ebda awtorizzazzjoni ġdida lil prodotti bħal dawn.

([1]) ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.
([2]) ĠU L 168, 27.6.2002, p. 14.
([3]) ĠU L 379, 24.12.2004, p. 13.

(9) Kull perjodu ta' konċessjoni mogħti minn Stat Membru għar-rimi, il-ħażna, it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-ħażniet eżistenti ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom l-aċidu sulforiku għandu jkun limitat għal perjodu ta' tnax-il xahar biex jippermetti li l-ħażniet eżistenti jkunu użati fi staġun ieħor tat-tkabbir, li jiżgura li l-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom l-aċidu sulforkiu jistgħu jibqgħu jinkisbu mill-bdiewa sa 18-il xahar wara l-adozzjoni ta' din id-Deċizjoni.

(10) Din id-Deċiżjoni hija bla ħsara għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għall-aċidu sulforiku skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 33/2008 tas-17 ta' Jannar 2008 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward ta' proċedura regolari u aċċellerata għall-valutazzjoni ta' sustanzi attivi li kienu jagħmlu parti mill-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) ta' dik id-Direttiva iżda li ma ġewx inklużi fl-Anness I tagħha [1], bil-ħsieb ta' inklużjoni possibbli fl-Anness I tagħha.

(11) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-aċidu sulforiku ma għandux jiġi inkluż bħala sustanza attiva fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom l-aċidu sulforiku jiġu rtirati sal-5 ta' Ġunju 2009;

(b) l-ebda awtorizzazzjoni għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom l-aċidu sulforiku mhija se tingħata jew tiġġedded mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Kwalunkwe perjodu ta' konċessjoni mogħti mill-Istati Membri skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 91/414/KEE, għandu jkun qasir kemm jista' jkun u għandu jiskadi mhux aktar tard mill-5 ta' Ġunju 2010.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 5 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 15, 18.1.2008, p. 5.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tad-9 ta' Diċembru 2008

## dwar il-lista ta' pajjiżi benefiċjarji li jikkwalifikaw għall-arranġament ta' inċentiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u governanza tajba, stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 li japplika skema ta' preferenzi ta' tariffi ġeneralizzati għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2011

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 8028)*

(2008/938/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 tat-22 ta' Lulju 2008 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2011 u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 552/97, Nru 1933/2006 u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1100/2006 u (KE) Nru 964/2007 [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 10(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 732/2008 jistipula l-għoti ta' arranġament ta' inċentiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u governanza tajba għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jissodisfaw ċerti rekwiżiti stabbiliti skond l-Artikoli 8 u 9 tiegħu.

(2) Kull pajjiż li qed jiżviluppa li jixtieq jibbenefika minn dan l-arranġament ta' inċentiv speċjali kellu jibgħat talba dwar dan sal-31 ta' Ottubru 2008, flimkien mat-tagħrif komprensiv dwar ir-ratifika tal-konvenzjonijiet rilevanti, il-leġislazzjoni u l-miżuri li jimplimentaw b'mod effettiv id-dispożizzjonijiet tal-konvenzjonijiet u l-impenn tiegħu li jaċċetta u jikkonforma bis-sħiħ mal-mekkaniżmu ta' sorveljanza u reviżjoni previst fil-konvenzjonijiet rilevanti u strumenti relatati. Biex jingħata dak li jkun talab, il-pajjiż li qed jagħmel it-talba jrid jitqies ukoll bħala pajjiż vulnerabbli kif definit fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 732/2008.

(3) Il-Kummissjoni eżaminat dawn it-talbiet, skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 732/2008, u stabbiliet il-lista finali ta' pajjiżi benefiċjarji li jissodisfaw il-kriterji rilevanti. Skond dan, l-arranġament ta' inċentiv speċjali għandu jingħata lil dawn il-pajjiżi bejn l-1 ta' Jannar 2009 u l-31 ta' Diċembru 2011.

(4) Skond l-Artikolu 10(6) tar-Regolament (KE) Nru 732/2008, l-ilħuq tal-kriterji li huma wkoll is-suġġett tal-investigazzjonijiet pendenti fir-rigward tas-Sri Lanka [2] u El Salvador [3], li nbdew mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 18(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 980/2005 [4] qed jiġi eżaminat waqt li qed isiru dawn l-investigazzjonijiet.

(5) Il-pubblikazzjoni f'waqtha ta' din id-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandha tiżgura li l-obbligu skont l-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 732/2008, biex jiġi ppubblikat avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li jelenka l-pajjiżi li jibbenefikaw minn arranġament ta' inċentiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u l-governanza tajba sa mill-1 ta' Jannar 2009, jintlaħaq.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-deċiżjoni jaqblu mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Preferenzi Ġeneralizzati,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw li ġejjin għandhom jibbenefikaw mill-arranġament ta' inċentiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u governanza tajba stipulat fir-Regolament (KE) Nru 732/2008 mill-1 ta' Jannar 2009 għall-31 ta' Diċembru 2011:

(AM) l-Armenja

(AZ) l-Ażerbajġan

(BO) il-Bolivja

(CO) il-Kolombja

(CR) il-Kosta Rika

(EC) l-Ekwador

(GE) Il-Ġorġja

(GT) il-Gwatemala

(HN) il-Ħonduras

(LK) is-Sri Lanka

[1] ĠU L 211, 6.8.2008, p. 1.

[2] ĠU L 277, 18.10.2008, p. 34.

[3] ĠU L 108, 18.4.2008, p. 29.

[4] ĠU L 169, 30.6.2005, p. 1.

(MN) il-Mongolja

(NI) in-Nikaragwa

(PE) il-Perù

(PY) il-Paragwaj

(SV) El Salvador

(VE) il-Venezwela

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil: ir-Repubblika tal-Armenja, ir-Repubblika tal-Ażerbajġan, ir-Repubblika tal-Bolivja, ir-Repubblika tal-Kolombja, ir-Repubblika tal-Kosta Rika, ir-Repubblika tal-Ekwador, ir-Repubblika ta' El Salvador, il-Ġorġja, ir-Repubblika tal-Gwatemala, ir-Repubblika tal-Ħonduras, il-Mongolja, ir-Repubblika tan-Nikaragwa, ir-Repubblika tal-Paragwaj, ir-Repubblika tal-Perù, ir-Repubblika Soċjalista Demokratika tas-Sri Lanka u r-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela.

Magħmula fi Brussell, 9 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Catherine ASHTON

*Membru tal-Kummissjoni*

**NOTA LILL-QARREJ**

L-istituzzjonijiet iddeċidew li ma jikkwotawx aktar fit-testi tagħhom l-aħħar emenda ta' l-atti kkwotati.

Sakemm mhux indikat mod ieħor, l-atti mmsemija fit-testi ppubblikati hawn jirreferu għall-atti li bħalissa huma fis-seħħ.